II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/265

tad-9 ta' Frar 2023

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fl-Indja u fit-Turkija

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fit-13 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fl-Indja u fit-Turkija ("il-pajjiżi kkonċernati") fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2] ("in-Notifika ta' Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara li l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Madum taċ-Ċeramika (is-"CET" jew "l-ilmentatur") ressqet ilment fit-3 ta' Novembru 2021. L-ilment sar f'isem l-industrija tal-Unjoni tal-madum taċ-ċeramika fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta li kienet biżżejjed sabiex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. Partijiet interessati

(3) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament informat lill-ilmentatur, lil produtturi magħrufin oħrajn tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufin u lill-awtoritajiet tal-Indja u tat-Turkija, lil importaturi magħrufin, lil fornituri u lil utenti, lil kummerċjanti, kif ukoll lil assoċjazzjonijiet magħrufin li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jieħdu sehem.

(4) Il-partijiet interessati kellhom opportunità jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali. Il-Kummissjoni organizzat seduti ta' smigħ ma' produttur esportatur mit-Turkija u l-kumpaniji relatati tagħha, il-Gvern tat-Turkija ("GtT") u l-Assoċjazzjoni tal-Esportaturi tal-Prodotti tas-Siment, tal-Ħġieġ, taċ-Ċeramika u tal-Ħamrija mit-Turkija ("CGCSA").

[1] ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

[2] In-notifika ta' bidu ta' proċedura tal-anti-dumping li tikkonċerna importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fl-Indja u t-Turkija. ĠU C 501, 13.12.2021, p. 25.

1.3. **Kummenti dwar il-bidu tal-investigazzjoni**

(5) Il-GtT, il-Grupp Bien & Qua, is-CGCSA, l-Assoċjazzjoni taċ-Ċeramika ta' Morbi, il-Kunsill Indjan tal-Madum taċ-Ċeramika u tal-Oġġetti Sanitarji ("il-Kunsill u l-Assoċjazzjoni Indjani"), u numru ta' produtturi/esportaturi Indjani pprovdew kummenti dwar l-ilment u l-bidu tal-investigazzjoni. L-ilmentatur issottometta wkoll kummenti li jikkonfutaw is-sottomissjonijiet tal-partijiet interessati.

(6) Fil-bidu, il-Kummissjoni nnotat li hija wettqet l-eżami tagħha tal-ilment f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku u waslet għall-konklużjoni li r-rekwiżiti għall-bidu ta' investigazzjoni kienu ssodisfati, jiġifieri li kien hemm raġunijiet biżżejjed sabiex tinbeda l-investigazzjoni.

(7) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku, ilment għandu jinkludi informazzjoni tali li tkun disponibbli b'mod raġonevoli għall-ilmentatur. L-istandard legali ta' evidenza meħtieġ għall-fini tal-bidu ta' investigazzjoni (evidenza "suffiċjenti") huwa differenti minn dak li huwa neċessarju għall-fini ta' determinazzjoni preliminari jew finali tal-eżistenza ta' dumping, ta' dannu jew ta' rabta ta' kawżalità. Għaldaqstant, evidenza li ma hijiex ta' kwantità jew ta' kwalità suffiċjenti sabiex tiġġustifika determinazzjoni preliminari jew finali ta' dumping, ta' dannu jew ta' kawżalità, xorta waħda tista' tkun biżżejjed sabiex tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni ([3]).

(8) Il-GtT, il-produtturi esportaturi Indjani, il-Grupp Bien & Qua, il-Kunsill u l-Assoċjazzjoni Indjani u s-CGCSA lmentaw fuq l-analiżi tal-Kummissjoni rigward il-grad ta' sostenn għall-ilment ("analiżi tal-qagħda").

(9) Dawn il-partijiet ikkummentaw li "sehem żgħir" biss mill-produtturi domestiċi kienu jsostnu l-ilment, jiġifieri 25,8 % tal-produzzjoni totali tal-madum taċ-ċeramika fl-Unjoni fl-2020, skont l-ilment.

(10) Dawn il-partijiet asserew ukoll li tali perċentwal ma setax jitqies bħala proporzjon importanti tal-industrija domestika skont l-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 ("ADA tad-WTO"), u li kien hemm dubju li l-ilment sar minn jew f'isem produtturi domestiċi li jilħqu l-limitu ta' 25 % stabbilit fl-Artikolu 5(4) tal-ADA tad-WTO. Huma nnotaw ukoll li xi produtturi tal-madum taċ-ċeramika fl-Unjoni lanqas biss kienu elenkati fl-Anness 4 tal-ilment bħala produtturi tal-Unjoni u talbu li l-Kummissjoni tiddivulga l-analiżi tal-qagħda u l-metodoloġija tagħha, jew li l-ilmentatur ma kienx ipprovda evidenza li d-deċiżjoni li jiġi ppreżentat l-ilment kienet sostnuta mill-membri kollha tiegħu.

(11) L-asserzjonijiet kollha dwar il-qagħda ġew miċħudin. Il-Kummissjoni wettqet l-analiżi tal-qagħda tagħha stess. Hija kkuntattjat lill-produtturi tal-madum taċ-ċeramika kollha fl-Unjoni qabel il-bidu u talbithom jesprimu l-pożizzjoni tagħhom dwar il-bidu tal-investigazzjoni u jirrapportaw il-produzzjoni tagħhom għall-perjodu ta' investigazzjoni (mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021). Aktar minn 30 % tal-produzzjoni totali tal-UE esprimiet sostenn u l-ebda produttur ma esprima oppożizzjoni jew pożizzjoni newtrali fir-rigward tal-bidu tal-investigazzjoni. Għalhekk, il-limiti rilevanti kif stabbiliti fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku ntlaħqu. Ir-riżultat, il-kumpaniji kkuntattjati, it-tweġibiet mhux kunfidenzjali, u l-metodoloġija, tqiegħdu għad-dispożizzjoni fil-fajl mhux kunfidenzjali tal-investigazzjoni ("nota għall-fajl dwar il-qagħda").

(12) L-Artikolu 5(2)(a) tar-Regolament bażiku jirrikjedi li l-ilment ikun fih lista tal-produtturi domestiċi kollha magħrufin mill-ilmentatur; dawn mhux bilfors ikunu l-produtturi kollha. L-analiżi tal-qagħda twettqet fuq il-bażi tal-produtturi magħrufin dak iż-żmien, kif spjegat fil-premessa (11). Jista' jkun li din il-lista ta' produtturi domestiċi ma kinitx kompluta; madankollu, l-ebda produttur ieħor tal-Unjoni ma ppreżenta ruħu wara l-bidu tal-investigazzjoni li kien jagħmel il-valutazzjoni tar-rappreżentattività tal-ilment invalida.

(13) Il-partijiet interessati ma pprovdew l-ebda evidenza għaliex l-ilment, b'mod partikolari l-indikaturi tad-dannu bbażati fuq il-kumpaniji li pprovdew *data* għall-ilment, ikun jirriżulta f'analiżi distorta li ma tkunx rappreżentattiva tal-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi. Jirrimarkaw sempliċiment li 25,8 % tal-produtturi domestiċi li jsostnu l-ilment huwa "veru ftit" u "mhux komuni".

([3]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2017, Viraj Profiles Ltd vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kawża T-67/14, ECLI:EU:T:2017:481, il-punt 98.

(14) Fir-rigward tad-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-partijiet interessati kienu qegħdin iħawdu l-Artikolu 4 tar-Regolament bażiku rigward id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku li jistabbilixxi r-regoli għall-bidu ta' proċeduri. Il-limitu ta' 25 % tal-produzzjoni meħtieġ għall-bidu mhux neċessarjament jindirizza l-istandard ta' "proporzjon kbir" ([4]).

(15) Il-produttur esportaturi Indjani asserew li, meta stabbilixxa l-produzzjoni fl-Unjoni għas-sena 2020, l-ilmentatur warrab b'mod mhux raġonevoli ċ-ċifri tal-produzzjoni tal-PRODCOM għal raġunijiet frivoli.

(16) Il-Kummissjoni ma qablitx. Il-partijiet interessati ma pprovdew l-ebda evidenza ta' għaliex id-*data* rrapportata lill-ilmentatur mill-membri tiegħu (l-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-produtturi) kien fiha nuqqasijiet, minbarra li ddikjaraw li ma ġiet ipprovduta l-ebda metodoloġija, u li d-*data* tas-CET la kienet ġiet awditjata u lanqas ivverifikata minn xi gvern jew aġenzija. L-ilmentatur fil-fatt ikkontroverifika ċ-ċifri tal-PRODCOM mad-*data* miġbura direttament mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali, u spjega kif xieraq għaliex huwa qies li din tal-aħħar kienet aktar affidabbli. Il-Kummissjoni qieset l-argumentazzjoni fl-ilment bħala raġonevoli.

(17) Il-produttur esportaturi tal-Indja u l-Grupp Bien & Qua asserew li, għalhekk, il-kumpaniji li ddeċidew li ma jikkooperawx fl-investigazzjoni bħala kumpaniji inklużi fil-kampjun ma kinux qegħdin isostnu l-ilment. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-livell ta' sostenn wara li tneħħi l-produzzjoni ta' dawn il-kumpaniji.

(18) L-asserzjoni ġiet miċħuda. Is-sostenn għall-ilment fl-istadju ta' qabel il-bidu, kif ukoll l-analiżi tal-qagħda, huma rregolati bl-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, u huma relatati mal-bidu ta' proċeduri. Min-naħa l-oħra, il-kampjunar huwa bbażat fuq l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku u huwa relatat mal-investigazzjoni. Il-fatt li kumpanija li ssostni l-bidu tal-investigazzjoni aktar tard tiddeċiedi li tirtira mill-kampjun magħżul mill-Kummissjoni ma għandu l-ebda impatt fuq l-analiżi tal-qagħda. Dawn il-kumpaniji għadhom produtturi tal-Unjoni li sostnew il-bidu tal-investigazzjoni.

(19) Il-GtT, il-produtturi esportaturi Indjani, il-Kunsill u l-Assoċjazzjoni Indjani kkontestaw l-għoti ta' anonimità mill-Kummissjoni lil xi produtturi tal-Unjoni għal diversi raġunijiet. Dawn il-partijiet asserew li, sabiex isiru allegazzjonijiet dwar id-dannu, l-identità tal-ilmentaturi kellha tiġi ddivulgata, peress li l-asserzjonijiet dwar id-dannu ma setgħux jiġu vvalutati mingħajr dan l-għarfien. Huma asserew ukoll li l-anonimità kienet tentattiv intenzjonat mill-ilmentatur sabiex jevita protesti leġittimi mill-industrija tal-utenti tal-Unjoni. Barra minn hekk, huma asserew ksur tad-drittijiet tad-difiża peress li, mingħajr ma kienu jafu l-identitajiet, id-*data* dwar il-produtturi tal-Unjoni ma setgħetx tiġi kontroverifikata ma' sorsi pubbliċi.

(20) Il-Kummissjoni ma qablitx. L-għoti ta' trattament kunfidenzjali tal-identità ma jaffettwax il-possibbiltà tal-partijiet interessati li jivvalutaw id-dannu allegat fl-ilment. Tabilħaqq, l-ilment kien fih l-indikaturi tad-dannu neċessarji kollha kif ukoll spjegazzjoni tas-sorsi tiegħu, inkluż in-numru ta' kumpaniji li pprovdew indikaturi rilevanti. Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jipprovdu, u fil-fatt ipprovdew, kummenti dwar il-valutazzjoni tad-dannu tal-ilment. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-anonimità ngħatat biss lil dawk il-kumpaniji li wrew raġuni valida u ssostanzjaw ir-riskju ta' ritaljazzjoni, kif spjegat fin-nota fil-fajl dwar il-qagħda.

(21) Fir-rigward tal-qagħda, kif spjegat fil-premessa (11), ir-riżultat kien disponibbli fil-fajl mhux kunfidenzjali, u kien jinkludi t-tweġibiet mhux kunfidenzjali tal-kumpaniji kollha li ħadu sehem. Dawn it-tweġibiet, għalkemm anonimi, xorta kien fihom id-*data* neċessarja sabiex partijiet interessati oħrajn ikunu jistgħu jivvalutaw l-analiżi tal-Kummissjoni, jiġifieri d-*data* għal kull kumpanija dwar il-produzzjoni u l-bejgħ, fost fatturi oħrajn.

([4]) Il-Komunitajiet Ewropej – miżuri anti-dumping definittivi fuq ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar miċ-Ċina, Rapport tal-Korp tal-Appell (WT/DS397/AB/R), il-paragrafu 418. Ara wkoll is-Sentenza tat-8 ta' Settembru 2015, *Philips Lighting*, C-511/13 P, ECLI:EU:C:2015:553, il-punti 60 - 73.

(22) L-allegazzjoni li dan kien tentattiv intenzjonat sabiex jiġu evitati protesti leġittimi mill-industrija tal-utenti kienet infondata. Ir-raġuni għall-għoti tal-anonimità kienet ir-riskju ta' ritaljazzjoni. Dan bl-ebda mod ma kien iżomm lill-utenti milli jipprovdu l-fehmiet tagħhom. Il-Kummissjoni kkuntattjat lill-utenti magħrufin kollha mal-bidu u stednithom jikkooperaw fl-investigazzjoni u jagħmlu sottomissjonijiet fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni ([5]). Dawk li rreġistraw bħala partijiet interessati kellhom aċċess għall-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment u ngħataw l-opportunità li jipprovdu kummenti dwar l-ilment u l-bidu ([6]).

(23) Il-GtT, il-Grupp Bien & Qua u s-CGCSA kkontestaw il-perjodu użat fl-ilment (mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2020) peress li ma kienx qrib kemm jista' jkun tad-data tal-bidu u kien differenti mill-perjodu ta' investigazzjoni magħżul mill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, il-GtT irrefera għar-rapport finali tal-bord fil-każ tad-WTO għas-soluzzjoni tat-tilwim Messiku – Pajpijiet u Tubi tal-Azzar ([7]).

(24) Il-Kummissjoni nnotat li ma kien hemm l-ebda rekwiżit legali fir-Regolament bażiku rigward il-perjodu magħżul mill-ilmentaturi, u lanqas li l-perjodu magħżul għall-investigazzjoni kellu jkun l-istess bħal dak magħżul mill-ilmentaturi. Madankollu, hekk kif għamlet f'dan il-każ, il-Kummissjoni tista' tagħżel perjodu aktar reċenti, li normalment ikun ikopri perjodu ta' mhux anqas minn sitt xhur immedjatament qabel il-bidu ta' proċeduri għall-fini ta' sejba rappreżentattiva kif meħtieġa mill-Artikolu 6 tar-Regolament bażiku. Dan ma jfissirx li l-perjodu magħżul mill-ilmentaturi ma kienx validu għall-fini tal-ilment. Barra minn hekk, il-partijiet interessati ma pprovdew l-ebda evidenza għall-kuntrarju.

(25) Fl-aħħar nett, il-bord tas-soluzzjoni tat-tilwim ikkwotat mill-GtT ma japplikax għall-perjodu magħżul mill-ilmentatur minħabba li l-kwistjoni kkonċernata f'dik it-tilwima kienet l-għażla tal-perjodu ta' investigazzjoni mill-awtorità investigattiva, li f'dak il-każ kien jikkoinċidi mal-perjodu fl-ilment. Barra minn hekk, il-punt kontenzjuż kif ikkwotat mill-GtT kien distakk ta' tmien xhur bejn il-perjodu ta' investigazzjoni magħżul mill-awtorità investigattiva u l-bidu tal-proċedura. F'dan il-każ, id-distakk kien ta' anqas minn sitt xhur.

(26) Il-GtT irrimarka li l-valur normali maħdum użat fil-kalkoli tad-dumping mill-ilmentatur għat-Turkija kien imneffaħ wisq minħabba s-sors użat fl-ilment għall-kalkolu tas-salarji fit-Turkija. Irrimarka wkoll li, skont l-Anness 10 tal-ilment, fid-dokument intitolat "Dumping calculation for Türkiye – Methodology and SG&A" fl-Istadju 5 tal-kalkolu tad-dumping, il-prezzijiet tal-esportazzjoni EXW u CIF Indjani ssemmew fit-titolu u fit-test. Talab lill-Kummissjoni sabiex tiċċara jekk dan kienx żball tipografiku jew jekk il-prezzijiet EXW u CIF Indjani ntużawx għall-esportazzjonijiet Torok sabiex jiġi kkalkolat id-dumping.

(27) Iċ-ċifri li fuqhom kien ibbażat il-valur normali kienu sostnuti minn raġunijiet biżżejjed kif ikkonfermat mill-analiżi tas-servizzi tal-Kummissjoni. Kif indikat fil-premessa (7), iċ-ċifri użati mill-ilmentatur kienu dawk raġonevolment disponibbli għalih. Il-Kummissjoni kkonfermat li r-referenza għall-prezzijiet tal-esportazzjoni EXW u CIF Indjani kienet żball tipografiku u li ntużaw il-prezzijiet EXW u CIF Torok għall-esportazzjonijiet Torok sabiex jiġi kkalkolat id-dumping.

(28) Il-produtturi esportaturi Indjani ssottomettew li l-ilment ma kien jinkludi l-ebda evidenza ta' dumping fir-rigward tal-Indja minħabba li l-ilmentatur bena valur normali. Skont dawn, l-Artikolu 5.2 tal-ADA tad-WTO kien jirrikjedi li l-applikant jipprovdi tali informazzjoni li kienet raġonevolment disponibbli għalih dwar il-prezzijiet li bihom il-prodott inkwistjoni nbiegħ meta kien destinat għall-konsum fis-suq domestiku tal-pajjiżi inkwistjoni.

([5]) In-notifika ta' bidu, it-Taqsima 5.5.

([6]) In-notifika ta' bidu, it-Taqsima 5.2.

([7]) Il-Messiku - Dazji Anti-dumping Fuq Pajpijiet u fuq Tubi tal-Azzar mill-Gwatemala - Rapport Finali tal-Bord (WT/DS331/R), il-paragrafi 7,234-7,236.

(29) L-asserzjoni ġiet miċħuda. Kif stabbilit fl-ilment, l-ilmentatur l-ewwel ipprova jikseb il-prezzijiet domestiċi fl-Indja. Huwa talab lill-assoċjazzjonijiet membri kollha tagħha sabiex jiġbru fatturi domestiċi, kwotazzjonijiet jew listi tal-prezzijiet li jirreferu għas-sena 2020. Waħda mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-manifatturi speċifikament ikkummissjonat rapport għal dak l-għan, u pprovdiet ir-rapport lill-ilmentatur. Dan ir-rapport kien jinkludi fatturi domestiċi Indjani għal xahrejn biss tal-perjodu ta' investigazzjoni użat fl-ilment. Għalhekk, l-ilmentatur irrikorra għall-ħdim tal-valur normali. L-Artikolu 5.2 tal-ADA tad-WTO, u l-Artikolu 5(2)(c) tar-Regolament bażiku, jiddikjaraw b'mod ċar li l-valur normali jista' jkun ibbażat fuq il-valur maħdum tal-prodott.

(30) Il-produtturi esportaturi Indjani affermaw li l-ilment kellu użu eċċessiv ta' kunfidenzjalità u li dan ma kienx jippermettilhom jivvalutaw elementi importanti u jindirizzaw b'mod adegwat l-asserzjonijiet fl-ilment.

(31) Il-Kummissjoni ma qablitx. Hija kkunsidrat li l-verżjoni miftuħa għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati tal-ilment kien fiha l-evidenza essenzjali kollha u s-sommarji mhux kunfidenzjali tad-*data* pprovduta b'mod kunfidenzjali sabiex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom matul il-proċedura.

(32) L-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku jippermetti s-salvagwardja ta' informazzjoni kunfidenzjali f'ċirkostanzi li fihom id-divulgazzjoni tkun ta' vantaġġ kompetittiv sinifikanti għal kompetitur jew ikollha effett negattiv b'mod sinifikanti fuq persuna li tipprovdi l-informazzjoni jew fuq persuna li mingħandha dik il-persuna tkun kisbet l-informazzjoni. Il-Kummissjoni vvalutat l-informazzjoni pprovduta fl-annessi sensittivi għall-ilment u qieset li kienet taqa' taħt dawk il-kategoriji.

(33) Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni nnotat li l-produtturi esportaturi Indjani sempliċiment indikaw il-partijiet tal-ilment immarkati bħala "sensittivi" bħala problematiċi, mingħajr ma spjegaw għaliex. Għal kull parti indikata, l-ilmentatur ipprovda sommarju sinifikattiv tal-informazzjoni li tinsab fl-annessi sensittivi tal-ilment sabiex il-partijiet interessati jkun jista' jkollhom "fehim raġonevoli tas-sustanza tal-informazzjoni sottomessa b'mod kunfidenzjali" kif stabbilit fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku.

(34) Pereżempju, kien ċar mill-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment li ġie ppreżentat f'isem 29 produttur tal-Unjoni tal-madum taċ-ċeramika, x'kien id-daqs ta' dawn il-produtturi tal-Unjoni, u li żewġ produtturi addizzjonali tal-Unjoni kienu jsostnu l-ilment b'mod uffiċjali. L-Annessi 7, 8 u 9 mhux kunfidenzjali kienu jinkludu l-listi tal-produtturi Indjani u Torok. L-Anness 10 mhux kunfidenzjali kien fih spjegazzjoni komprensiva tal-valur normali maħdum u tal-marġni tad-dumping għall-Indja. L-anness mhux kunfidenzjali 11 kien fih id-*data* dwar l-analiżi tal-flussi kummerċjali. L-anness mhux kunfidenzjali 12, kif ukoll il-korp mhux kunfidenzjali tal-ilment, kien fih l-indikaturi kollha tad-dannu (aggregati). Il-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz, inklużi l-prezzijiet u l-metodoloġija użati, kienu spjegati fil-parti ewlenija tal-ilment. L-Annessi 22 u 23 mhux kunfidenzjali t-tnejn spjegaw x'informazzjoni ġiet sottomessa b'mod kunfidenzjali u kien fihom sommarju ta' dik l-informazzjoni.

(35) Il-Grupp Bien & Qua u s-CGCSA kkontestaw il-kumulazzjoni tal-ilment tal-importazzjonijiet Torok u Indjani. Huma bbażaw din il-kontestazzjoni fuq il-prezzijiet differenti tal-importazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi u bejn il-prezzijiet tat-Turkija u tal-Unjoni, fuq ix-xejriet differenti tal-importazzjonijiet, fuq id-distribuzzjoni ġeografika tal-importazzjonijiet, fuq id-differenzi allegati tal-prodotti, u fuq il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija.

(36) Il-Kummissjoni ma qablitx. Fil-bidu nett, u kif argumenta l-ilmentatur fis-sottomissjoni tiegħu fil-bidu, il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija kien immaterjali għall-fini tal-analiżi skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku.

(37) Dwar ir-raġunijiet l-oħrajn imqajmin mill-partijiet interessati, il-Kummissjoni sabet li l-kundizzjonijiet għall-akkumulazzjoni tal-pajjiżi kkonċernati skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku ġew issodisfati fl-istadju tal-ilment fuq il-bażi tal-informazzjoni u tal-istatistiki disponibbli. Il-marġnijiet tad-dumping instabu li kienu ogħla minn *de minimis*. Kif muri mill-istatistika uffiċjali disponibbli dwar l-importazzjonijiet, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kienu ogħla minn *de minimis* għall-pajjiżi kollha kkonċernati.

(38) Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni tqiesu simili, billi

— Kien hemm trikkib f'termini ta' preżenza ġeografika fost il-prodotti mill-pajjiżi kkonċernati u mill-industrija tal-Unjoni, kif argumentat ukoll mill-ilmentatur fis-sottomissjoni tiegħu. Barra minn hekk, l-Unjoni hija suq uniku wieħed u l-fatt li l-importazzjonijiet mill-Indja u mit-Turkija kienu aktar predominanti f'xi Stati Membri minn oħrajn ma kienx jimplika li dawn il-prodotti ma kinux qegħdin jikkompetu fl-istess suq, bejniethom u mal-produzzjoni domestika tal-Unjoni;

— Il-prezzijiet kemm mill-Indja kif ukoll mit-Turkija kienu taħt il-prezz tal-industrija tal-Unjoni u l-livelli tal-kost sħiħ. Ix-xejriet differenti tal-importazzjonijiet u d-differenza bejn il-prezzijiet tat-Turkija u Indjani ma kinux raġuni għal dekumulazzjoni. Kif iddikjarat aktar 'il fuq, l-importazzjonijiet miż-żewġ pajjiżi huma ogħla mid-*de minimis* u l-ilmentatur ipprovda evidenza ta' dumping għat-tnejn li huma;

— Kien hemm preżenza sinifikanti fis-suq tal-importazzjonijiet miż-żewġ pajjiżi kkonċernati, kemm f'termini assoluti kif ukoll f'termini relattivi, matul il-perjodu eżaminat.

— L-ilment ipprovda raġunijiet biżżejjed li l-prodotti Torok u Indjani kienu simili ħafna f'firxa wiesgħa ta' tipi ta' prodotti, minn madum żgħir sa kbir sa ċangaturi kbar, tal-porċellana u mhux tal-porċellana.

(39) Il-GtT, il-produtturi esportaturi Indjani, il-Grupp Bien & Qua u s-CGCSA ssottomettew li xi indikaturi tad-dannu kif analizzati fl-ilment (pereżempju l-kapaċità tal-produzzjoni, il-volum ta' bejgħ fis-suq tal-Unjoni, il-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni, l-impjiegi u l-istokkijiet) żviluppaw b'mod pożittiv matul il-perjodu eżaminat, u dan wera b'mod ċar li l-ilmentaturi ma ġarrbux dannu. Il-GtT afferma wkoll li d-dannu kien ivarja skont il-grupp (kumpaniji kbar, medji u żgħar tal-Unjoni) u li jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza d-dannu b'mod ġenerali.

(40) Bħala kumment preliminari, fl-istadju tal-ilment, il-valutazzjoni tas-suffiċjenza tal-evidenza tad-dannu teħtieġ eżami, fost l-oħrajn, tal-fatturi rilevanti kif deskritti fl-Artikolu 5(2)(d) tar-Regolament bażiku. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku ma jeħtieġx li l-fatturi kollha tad-dannu msemmijin fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku juru deterjorament sabiex jiġi stabbilit dannu materjali. Fil-fatt, il-formulazzjoni tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku tiddikjara li l-ilment għandu jkun fih l-informazzjoni dwar il-bidliet fil-volum ta' importazzjonijiet allegatament oġġett ta' dumping, l-effett ta' dawk l-importazzjonijiet fuq il-prezzijiet tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni u l-impatt konsegwenti tal-importazzjonijiet fuq l-industrija tal-Unjoni, kif muri minn fatturi u minn indiċijiet rilevanti (mhux neċessarjament kollha) li jaffettwaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni, bħal dawk elenkati fl-Artikolu 3(3) u 3(5) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, mhux il-fatturi kollha jridu juru deterjorament sabiex jiġu stabbiliti raġunijiet biżżejjed ta' dannu, u l-ilment lanqas ma jeħtieġ li bilfors jeżaminahom kollha.

(41) Fir-rigward tad-dannu, l-analiżi speċifika tal-ilment uriet li kien hemm raġunijiet biżżejjed li jindikaw penetrazzjoni akbar tas-suq tal-Unjoni (kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi) mill-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika mill-Indja u mit-Turkija.

(42) Speċifikament, skont l-evidenza pprovduta fl-ilment, mill-2017 sal-2020, l-importazzjonijiet f'volumi mit-Turkija żdiedu bi 48 % (minn 32 miljun m^2 fl-2017 għal 46 miljun m^2 fil-PI), li rriżultaw f'sehem mis-suq ta' 5,7 % fl-2020 (minn 4,1 % fl-2017). Bħala medja, il-prezzijiet Torok naqsu bi 3 % f'dan il-perjodu. Matul l-istess perjodu, l-importazzjonijiet mill-Indja ttriplikaw fil-volum (minn madwar 8 miljun m^2 għal aktar minn 25 miljun m^2), li rriżulta f'sehem mis-suq ta' 3,1 % fl-2020 (minn ftit aktar minn 1 % fl-2017). Barra minn hekk, skont l-evidenza pprovduta fl-ilment, dawn l-importazzjonijiet saru bi prezzijiet oġġett ta' dumping li kienu jwaqqgħu sostanzjalment il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Dan deher li kellu impatt materjalment dannuż fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni, muri pereżempju minn tnaqqis fil-bejgħ u fis-sehem mis-suq jew minn deterjorament tar-riżultati finanzjarji.

(43) Il-GtT argumenta li l-qasma tal-industrija tal-Unjoni fi tliet gruppi differenti skont il-produzzjoni għal kull kumpanija kienet tentattiv intenzjonat min-naħa tal-ilmentatur sabiex jenfasizza l-allegat dannu għall-grupp żgħir tal-ilmentaturi.

(44) Il-Kummissjoni ma qablitx. L-ilment kien jinkludi l-indikaturi tad-dannu mikroekonomiċi għat-tliet gruppi kollha b'mod separat u għat-tlieta minnhom f'daqqa, u l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi għall-industrija kollha tal-Unjoni. Għalhekk, l-ilment kien fih biżżejjed evidenza ta' dannu għall-industrija kollha tal-Unjoni u ppermetta li ssir analiżi aktar dettaljata peress li x-xejriet ma kinux l-istess għat-tliet gruppi.

(45) Il-GtT, il-produtturi esportaturi Indjani, il-Kunsill u l-Assoċjazzjoni Indjani, is-CGCSA, il-Grupp Bien & Qua asserew li l-ilment ma kienx fih biżżejjed evidenza ta' rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet li allegatament huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu asserit lill-industrija tal-Unjoni. Dawn il-partijiet asserew li d-dannu allegat kellu kawżi oħrajn, bħall-pandemija tal-COVID-19, iż-żidiet fil-kostijiet tal-industrija tal-Unjoni jew il-prestazzjoni tal-esportazzjoni ħażina tagħha.

(46) Il-Kummissjoni ma qablitx. Fit-Taqsima 6, l-ilment analizza fatturi magħrufin oħrajn li seta' kellhom impatt fuq il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, inkluża l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tagħha, il-kostijiet dejjem jiżdiedu tagħha, l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, jew l-importazzjonijiet minn pajjiżi għajr l-Indja u Turkija.

(47) B'mod konkret, l-ilment irrikonoxxa li l-esportazzjonijiet tal-kumpaniji li pprovdew *data* għall-ilment naqsu iżda xorta kienu jirrappreżentaw 24 % tal-bejgħ totali tagħhom. Iddikjara wkoll li t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 affettwat l-industrija tal-madum tal-Unjoni. F'xi Stati Membri, jiġifieri fl-Italja u fi Spanja, il-fabbriki ngħalqu għal diversi xhur minħabba miżuri sanitarji stretti u dawn il-lockdowns affettwaw ferm il-produzzjoni, iżda l-industrija setgħet iżżomm il-volum tal-bejgħ tagħha billi bieġħet mill-istokkijiet. Fir-rigward tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn, l-ebda pajjiż terz għajr il-pajjiżi kkonċernati ma kiseb sehem mis-suq ogħla mil-livell *de minimis* ta' 1 %. Fir-rigward tal-kostijiet, l-ilment irrikonoxxa wkoll iż-żieda, iżda pprovda evidenza li l-prezzijiet tal-unitajiet żdiedu anqas mill-kost tal-input, u dan kien dovut għaż-żieda fil-penetrazzjoni tal-importazzjonijiet mill-Indja u mit-Turkija bi prezzijiet oġġett ta' dumping li waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.

(48) Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-ebda wieħed minn dawn il-fatturi, hekk kif analizzati fl-ilment, ma kkonfuta l-konklużjoni li kien hemm raġunijiet biżżejjed għall-bidu ta' proċediment anti-dumping fir-rigward tal-punt li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kellhom impatt materjalment dannuż fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni, kif spjegat fil-premessa (42).

(49) Is-CGCSA u l-Grupp Bien & Qua ssottomettew li l-analiżi tat-theddida ta' dannu pprovduta fl-ilment ma kinitx tissodisfa l-istandard legali rilevanti billi kopriet biss sat-tieni trimestru tal-2021.

(50) Dawn il-kummenti kienu irrilevanti fir-rigward tal-analiżi tal-Kummissjoni tal-ilment u l-bidu tal-każ. Kif spjegat fil-qosor fit-Taqsima 4 tan-Notifika ta' Bidu, kien hemm raġunijiet biżżejjed li l-ilment kien jissodisfa r-rekwiżiti għall-bidu fuq il-bażi ta' dannu materjali. B'mod konkret, l-ilmentatur ipprovda raġunijiet biżżejjed li l-importazzjonijiet tal-prodott li qiegħed jiġi investigat mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu b'mod ġenerali f'termini assoluti u f'termini ta' sehem mis-suq, u li tali żieda u l-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet kellhom impatt negattiv fuq il-livell tal-prezzijiet mitlubin u fuq is-sehem mis-suq miżmum mill-industrija tal-Unjoni, li rriżulta f'effetti negattivi sostanzjali fuq il-prestazzjoni ġenerali tal-industrija tal-Unjoni.

(51) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonfermat li l-limiti rilevanti għall-bidu tal-investigazzjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku ġew issodisfati, u li l-ilmentatur ipprovda biżżejjed evidenza ta' dumping, ta' dannu u ta' rabta ta' kawżalità, u b'hekk issodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5.2 tal-ADA tad-WTO u fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, l-ilment issodisfa r-rekwiżiti għall-bidu.

(52) Wara d-divulgazzjoni finali, numru ta' partijiet interessati tennew xi wħud mill-kummenti tagħhom li saru fil-bidu tal-investigazzjoni.

(53) Il-GtT, is-CGCSA, Sogutsen Seramik mit-Turkija u sittax-il produttur esportatur Indjan tennew l-asserzjonijet tagħhom dwar il-pożizzjoni li kienu għamlu wara l-bidu. B'mod partikolari, fakkru li ż-żewġ produtturi tal-Unjoni, li ġew issostitwiti fil-kampjun meta informaw lill-Kummissjoni li ma jkunux jistgħu jimlew il-kwestjonarju, jenħtieġ li ma jitqisux bħala li qegħdin jappoġġaw il-bidu. Barra minn hekk, huma ssottomettew ripetutament li l-appoġġ għall-bidu tal-proċediment kien baxx wisq u ma setax jitqies bħala proporzjon ewlieni tal-industrija domestika skont l-Artikolu 4 tal-ADA tad-WTO.

(54) L-asserzjonijiet dwar il-pożizzjoni ġew indirizzati fil-premessi (11) sa (16) u (18). Billi l-partijiet ma ppreżentaw l-ebda argument ġdid, il-Kummissjoni kkonfermat iċ-ċaħda tagħhom.

(55) Sittax-il produttur esportatur Indjan u l-kumpanija Torka Sogutsen Seramik tennew li d-drittijiet tad-difiża tagħhom inkisru billi taw l-anonimità lil xi produtturi tal-Unjoni.

(56) L-asserzjonijiet dwar l-anonimità ta' ċerti produtturi tal-Unjoni u l-allegat ksur tad-drittijiet tad-difiża ġew indirizzati fil-premessi (20) sa (22). Il-Kummissjoni kkonfermat iċ-ċaħda ta' dawn l-asserzjonijiet.

1.4. **Kampjunar**

(57) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.4.1. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(58) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li hija kienet għażlet b'mod proviżorju kampjun ta' sitt produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' bejgħ u ta' produzzjoni, filwaqt li qieset il-firxa ġeografika kif ukoll il-frammentazzjoni għolja tal-industrija tal-madum taċ-ċeramika f'konformità mal-metodoloġija spjegata f'dettall fil-premessi (59) sa (63).

(59) F'investigazzjonijiet preċedenti dwar l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-madum taċ-ċeramika ([8]), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-madum taċ-ċeramika hija frammentata b'mod sinifikanti. Għalhekk, sabiex tiżgura li r-riżultati tal-kumpaniji l-kbar ma jiddominawx l-analiżi tad-dannu u li s-sitwazzjoni tal-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, li flimkien jammontaw għal sehem sinifikanti tal-produzzjoni tal-Unjoni, kienet riflessa b'mod adegwat, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi tliet kategoriji ta' produtturi fuq il-bażi tal-kwantità tal-produzzjoni annwali:

— Kategorija 1: produtturi kbar – produzzjoni annwali ta' aktar minn 10 miljun m^2,

— Kategorija 2: produtturi ta' daqs medju – produzzjoni annwali bejn 5 u 10 miljun m^2,

— Kategorija 3: produtturi żgħar – produzzjoni annwali ta' anqas minn 5 miljun m^2.

(60) Għalkemm din l-investigazzjoni ddivulgat qabża lejn il-produtturi l-kbar, l-industrija tal-Unjoni baqgħet frammentata ħafna bi produtturi żgħar u ta' daqs medju li ammontaw għal madwar nofs il-produzzjoni tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset li l-frammentazzjoni tal-industrija tal-Unjoni jenħtieġ li titqies ukoll f'din l-investigazzjoni. Għalhekk, iddeċidiet li tapplika l-istess metodoloġija għall-għażla tal-kampjun bħal fl-investigazzjonijiet preċedenti u qieset li jenħtieġ li l-kategoriji kollha ta' produtturi jkunu rrappreżentati fil-kampjun.

(61) Il-kampjun proviżorju kien jikkonsisti f'sitt produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 6 % tal-produzzjoni totali stmata tal-Unjoni u 8 % tal-bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-kumpaniji mit-tliet kategoriji kollha kienu rrappreżentati: produttur kbir wieħed, żewġ produtturi ta' daqs medju u tliet produtturi żgħar.

(62) Sabiex tirrifletti s-sitwazzjonijiet differenti li wieħed jista' jitlaqa' magħhom fl-Unjoni fl-Istati Membri differenti, meta għażlet il-kampjun, il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll il-firxa ġeografika kif imsemmija fil-premessa (58). Il-produtturi inklużi fil-kampjun kienu jinsabu fl-Italja, fil-Polonja, fi Spanja u f'pajjiż tal-Ewropa ċentrali. Għalhekk, il-kampjun kopra l-Istati Membri fejn kienet tinsab madwar 90 % tal-produzzjoni.

(63) Konsegwentement, il-Kummissjoni qieset li l-metodoloġija applikata kienet tiżgura li l-kampjun kien rappreżentattiv tal-produzzjoni tal-Unjoni fis-sħuħija tagħha u, b'hekk, kien konformi mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku.

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 917/2011 tat-12 ta' Settembru 2011 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 238, 15.9.2011, p. 1) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2179 tat-22 ta' Novembru 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 307, 23.11.2017, p. 25).

(64) Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun proviżorju. Ma wasal l-ebda kumment sal-iskadenza u, għaldaqstant, il-kampjun proviżorju kien ikkonfermat. Il-kampjun tqies li kien rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

(65) Wara l-konferma tal-kampjun, produttur żgħir wieħed mill-Italja inkluż fil-kampjun informa lill-Kummissjoni li ma kienx f'pożizzjoni li jipprovdi tweġiba għall-kwestjonarju. Sussegwentement, il-Kummissjoni ssostitwiet lil din il-kumpanija bi produttur żgħir ieħor mill-Italja u informat lill-partijiet interessati bir-reviżjoni tal-kampjun definittiv.

(66) Wara l-ewwel reviżjoni tal-kampjun definittiv, il-kumpanija li kienet għadha kif ġiet miżjuda informat lill-Kummissjoni li lanqas hija ma setgħet tissottometti tweġiba għall-kwestjonarju. Il-Kummissjoni reġgħet irrevediet mill-ġdid il-kampjun definittiv u ssostitwiet il-kumpanija ma' produttur żgħir ieħor mill-Italja. It-tieni reviżjoni tal-kampjun definittiv ġiet iddivulgata lill-partijiet interessati.

(67) Wara t-tieni reviżjoni, il-kampjun definittiv kien jirrappreżenta 6 % tal-produzzjoni totali stmata tal-Unjoni u 8 % tal-bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni u kien ikopri erba' Stati Membri fejn kienet tinsab madwar 90 % tal-produzzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni qieset li l-kampjun definittiv kien rappreżentattiv f'termini tal-produzzjoni u tal-bejgħ totali tal-Unjoni, tal-firxa ġeografika u qieset il-frammentazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(68) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtT, is-CGCSA u erba' kumpaniji Torok (EGE Seramik, Kale Seramik, Sogutsen Seramik, u Yurtbay Seramik) għamlu kummenti dwar il-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. B'mod partikolari, asserew li kampjun li jirrappreżenta 6 % tal-produzzjoni tal-Unjoni ma kienx rappreżentattiv biżżejjed. Il-GtT u Yurtbay Seramik asserew li l-Kummissjoni missha eżaminat id-29 kumpanija kollha li pprovdew informazzjoni għall-ilment. Il-GtT u s-CGCSA akkużaw lill-Kummissjoni li mmanipulat l-għażla tal-kampjun billi għażlet jew kumpaniji b'diffikultajiet finanzjarji jew kumpaniji li kienu jipproduċu madum taċ-ċeramika ta' livell għoli, eż. prodotti artiġjanali jew tad-disinjaturi.

(69) Barra minn hekk, il-GtT issottometta li l-Kummissjoni naqset milli tispjega l-kompożizzjoni tal-kampjun, jiġifieri n-numru ta' kumpaniji magħżulin f'kull kategorija ta' produtturi.

(70) L-ewwel nett, il-Kummissjoni nnotat li l-ebda waħda mill-partijiet imsemmijin fil-premessa (68) ma kkummentat dwar il-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni sal-iskadenza applikabbli.

(71) Barra minn hekk, il-Kummissjoni la kienet obbligata u lanqas kapaċi tieħu kampjun tal-produtturi kollha tal-Unjoni li pprovdew informazzjoni għall-ilment jew esprimew appoġġ għall-bidu tal-investigazzjoni għal dik il-kwistjoni. Il-Kummissjoni għażlet kampjun rappreżentattiv tal-produtturi tal-Unjoni "li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli", f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Sabiex iżżid ir-rappreżentattività tal-kampjun, il-Kummissjoni kkampjunat id-doppju tan-numru ta' produtturi tal-Unjoni milli normalment tinkludi fil-kampjuni. Sabiex tiġi riflessa l-frammentazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, fejn il-produtturi żgħar u medji kienu jirrappreżentaw madwar nofs il-produzzjoni tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, kif spjegat fil-premessa (60), minflok ma ħadet kampjuni tal-akbar tliet produtturi tal-Unjoni skont il-prattika tas-soltu, il-Kummissjoni ħadet kampjun minn sitt kumpaniji fit-tliet kategoriji diskussi fil-premessa (59). Li kieku l-Kummissjoni inkludiet biss fil-kampjun it-tliet l-akbar produtturi tal-Unjoni, tali kampjun ma jkunx jiżdied b'mod sinifikanti f'termini ta' proporzjon tal-produzzjoni (minn 6 % għal 9 % tal-produzzjoni tal-Unjoni) u ma jkunx jirrifletti l-"akbar volum *rappreżentattiv* ta' produzzjoni" peress li ma jkunx iqis il-frammentazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(72) Il-Kummissjoni inkludiet fil-kampjun numru ta' produtturi tal-Unjoni li setgħu jiġu investigati b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Il-Kummissjoni għażlet l-akbar produtturi f'kull kategorija ta' produtturi filwaqt li qieset ukoll il-firxa ġeografika. In-numru ta' produtturi tal-Unjoni f'kull kategorija kien jirrifletti l-istruttura tal-industrija tal-Unjoni magħrufa mill-Kummissjoni fil-mument tal-bidu.

(73) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma qablitx mal-affermazzjoni tal-GtT u tas-CGCSA li mmanipulat il-kampjun favur kumpaniji b'kostijiet u bi prezzijiet ogħla jew favur kumpaniji f'diffikultajiet finanzjarji. L-għażla tal-kampjun kienet ibbażata fuq kriterji u fuq informazzjoni oġġettivi li kienu disponibbli għall-Kummissjoni fil-bidu. Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar l-għażla tal-kampjun iżda ma wasal l-ebda kumment sal-iskadenza. Il-Kummissjoni fakkret li l-allegazzjonijiet sussegwenti tal-partijiet ma kienu appoġġati minn xi evidenza.

(74) Konsegwentement, l-asserzjonijiet kollha dwar il-kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni ġew miċħudin.

1.4.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(75) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.

(76) Ħames kumpaniji pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Waħda mill-kumpaniji, OBI Group Holding SE & Co. KGaA, kienet tixtri l-prodott li qiegħed jiġi investigat li joriġina fl-Indja u fit-Turkija kważi esklużivament mingħand importaturi indipendenti li jaġixxu bħala bejjiegħa bl-ingrossa. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li jenħtieġ li l-kumpanija tiġi investigata bħala utent.

(77) Minħabba n-numru baxx ta' tweġibiet mingħand l-importaturi, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx neċessarju. Il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati bid-deċiżjoni tagħha. Ma wasal l-ebda kumment f'dan ir-rigward.

1.4.3. *Kampjunar ta' produtturi esportaturi fl-Indja*

(78) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx neċessarju u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fl-Indja sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tal-Indja għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja produtturi esportaturi oħrajn, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(79) Aktar minn 140 produttur esportatur fl-Indja pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) u 17(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' Nota għall-fajl miftuħ ippubblikata fit-22 ta' Diċembru 2021, l-għażla ta' kampjun preliminari ta' tliet gruppi ta' produtturi esportaturi fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. L-awtoritajiet tal-Indja ġew ikkonsultati wkoll dwar l-għażla tal-kampjun preliminari.

(80) Tliet partijiet ikkummentaw dwar il-kampjun preliminari. Tnejn minnhom talbu l-inklużjoni tagħhom fil-kampjun; madankollu, huma ma kkontestawx li t-tliet kumpaniji inklużi fil-kampjun preliminari kienu l-akbar produtturi esportaturi u lanqas ma asserew li l-inklużjoni tagħhom minflok waħda minn dawk it-tlieta tkun ittejjeb ir-rappreżentattività tal-kampjun. Grupp wieħed ta' produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun issottometta li l-volum kombinat tal-bejgħ tal-Unjoni rrapportat fil-formoli tal-kampjunar individwalment mill-entitajiet relatati ta' dan il-grupp ikun jikkwalifika għall-kampjun peress li jikklassifika fost l-ogħla tlieta. Il-Kummissjoni vverifikat il-kwistjoni u kkonfermat li, tabilħaqq, kien fost l-akbar tliet produtturi esportaturi. Konsegwentement, fit-3 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni ppubblikat Nota għall-fajl miftuħ li fiha ħabbret kampjun rivedut ta' tliet produtturi esportaturi Indjani. Il-kampjun rivedut, li jikkonsisti fil-Grupp Lavish Granito, fil-Grupp Icon Granito u fil-Grupp Conor Granito, kienu jirrappreżentaw 20 % sa 25 % tal-bejgħ lejn l-Unjoni Ewropea fil-perjodu ta' investigazzjoni f'm^2 irrapportat mill-kumpaniji Indjani kollha li ssottomettew tweġibiet għall-kampjunar u 16,5 % sa 20,5 % tal-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika mill-Indja f'dak il-perjodu. Għalhekk, il-kampjun tqies rappreżentattiv.

(81) Wara din in-Nota, il-grupp ta' produtturi esportaturi li inizjalment kien ġie inkluż fil-kampjun iżda li ġie esklużż mill-kampjun rivedut talab li jerġa' jiġi inkluż fil-kampjun. Is-sottomissjoni kienet tinkludi ċifri riveduti tal-esportazzjonijiet, li wrew volumi akbar ta' bejgħ fl-Unjoni minn dawk irrapportati inizjalment fil-formola ta' kampjunar. Il-parti argumentat li bl-inklużjoni tagħha fil-kampjun – jew billi jiġi stabbilit mill-ġdid il-kampjun inizjali jew billi tiżdied mal-kampjun bħala r-raba' parti – ir-rappreżentattività tiegħu titjieb. Il-Kummissjoni ċaħdet it-talba. Hija nnotat li ċ-ċifri riveduti tal-esportazzjonijiet ma kellhomx impatt fuq ir-rappreżentattività tal-kampjun u li dawn iċ-ċifri ġew sottomessi wara l-iskadenza sabiex tiġi sottomessa l-informazzjoni dwar il-kampjunar. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li ż-żieda tar-raba' parti fil-kampjun tista' tipprevjeni t-tlestija tal-investigazzjoni fi żmien xieraq. Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonfermat il-kampjun f'Nota għall-fajl miftuħ tat-12 ta' Jannar 2022.

(82) Wara d-divulgazzjoni finali, Biuro Handlowe Netto PLUS Sp. z o.o. Sp. k., Cortina Outlet & Salon Płytek Cezary Krzysztof Dąbrowski u Cortina Outlet & Salon Płytek Izabela Awier ("Netto u Cortina" jew "Ceramika Netto" ([9])) argumentaw li l-Kummissjoni missha investigat il-produtturi esportaturi kollha li daħlu f'kuntatt. Skont il-kumpanija, il-kumplessità teknika tal-każ u l-istrutturi kumplessi tal-produtturi esportaturi Indjani li kkooperaw ma kinux jiġġustifikaw il-limitazzjoni tal-investigazzjoni għal kampjun ta' kumpaniji.

(83) Il-Kummissjoni ma qablitx. Minħabba n-numru kbir ta' produtturi esportaturi Indjani, skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kienet intitolata tuża l-kampjunar. Il-Kummissjoni għażlet kampjun rappreżentattiv "li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli", f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, Ceramika Netto ma kkummentatx dwar il-kampjun tal-produtturi esportaturi Indjani sal-iskadenza applikabbli. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.

1.4.4. *Kampjunar tal-produtturi esportaturi fit-Turkija*

(84) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx neċessarju u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fit-Turkija jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lir-Rappreżentazzjoni Permanenti tat-Turkija għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja produtturi esportaturi oħrajn, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(85) Tmintax-il produttur esportatur (jew grupp ta' dawn) fit-Turkija pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) u 17(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' Nota għall-fajl miftuħ ippubblikata fit-22 ta' Diċembru 2021, li għażlet kampjun preliminari ta' tliet (gruppi ta') produtturi esportaturi fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li seta' jkun raġonevolment investigat fiż-żmien disponibbli. L-awtoritajiet tat-Turkija ġew ikkonsultati wkoll dwar l-għażla tal-kampjun preliminari.

(86) Il-Gvern tat-Turkija, grupp wieħed ta' produtturi esportaturi Torok u żewġ assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-manifatturi Torok għamlu kummenti sostantivi dwar il-kampjun preliminari. Il-grupp ta' produtturi esportaturi Torok ippropona l-piż (minflok m^2) bħala ċ-ċavetta sabiex jiġu kklassifikati l-kumpaniji. L-erba' partijiet ikkontestaw il-kampjun inizjalment propost u xeħtu dubji dwar id-*data* f'xi formoli ta' kampjunar u l-eliġibbiltà ta' xi whud mill-partijiet inklużi fil-kampjun. Għalhekk, fit-3 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni talbet lil żewġ kumpaniji inizjalment ikklassifikati fost l-ewwel tlieta għal kjarifika tad-*data* fil-formoli ta' kampjunar tagħhom. Kumpanija waħda għamlet reviżjoni żgħira tad-*data* sottomessa inizjalment iżda kumpanija oħra għamlet reviżjoni kbira ta' dik id-*data* li rriżultat f'volumi ta' esportazzjonijiet ferm aktar baxxi. Dik il-korrezzjoni kellha impatt fuq il-klassifikazzjoni tal-ewwel tlieta tal-kumpanija/gruppi. B'riżultat ta' dan, fl-4 ta' Jannar 2022 il-Kummissjoni ppubblikat Nota għall-fajl miftuħ li fiha ħabbret kampjun rivedut ta' tliet produtturi esportaturi Torok. Il-Kummissjoni bbażat il-klassifikazzjoni fuq m^2, jiġifieri l-unità ta' referenza tas-soltu fin-negozju tal-madum taċ-ċeramika. Il-kampjun rivedut, li jikkonsisti f'Hitit Seramik Sanayi ve Ticaret A.Ş., f'Vitra Karo Sanayi ve Ticaret A.Ş., u fil-grupp magħmul minn Qua Granite ve Hayal Yapi Ürünleri San. Tic. A.Ş. u Bien Yapi Ürünleri San. Tic. A.Ş, kien jirrappreżenta kważi 51 % tal-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika mit-Turkija f'm^2 fil-perjodu ta' investigazzjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli f'dak l-istadju. Għalhekk, il-kampjun rivedut tqies bħala rappreżentattiv.

(87) Il-grupp Tork li għamel kummenti dwar il-kampjun inizjali tenna t-talbiet tiegħu għal klassifikazzjoni fil-piż, li tkun twassal sabiex dak il-grupp jikklassifika fost l-ewwel tlieta u fakkar fir-rieda tiegħu li jkun parti mill-kampjun. Ma wasal l-ebda kumment ieħor dwar il-kampjun rivedut. Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda argument konvinċenti li jkun jiġġustifika l-abbandun tal-unità ta' referenza normalment użata fin-negozju tal-madum taċ-ċeramika. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat il-kampjun f'Nota għall-fajl miftuħ tat-12 ta' Jannar 2022.

1.5. **Eżami individwali**

(88) Erba' gruppi ta' produtturi esportaturi fl-Indja u ħames gruppi ta' produtturi esportaturi fit-Turkija talbu eżami individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku billi ssottomettew tweġiba għall-kwestjonarju fi ħdan l-iskadenza stabbilita ta' 30 jum min-notifika tal-kampjun. Il-Kummissjoni ddeċidiet li l-eżami ta' dawk it-talbiet kien ikun ta' piż bla bżonn u ma kienx jippermetti li l-investigazzjoni titlesta fi żmien xieraq. Dan kien minħabba

([9]) Matul il-proċediment, it-tliet kumpaniji informaw lill-Kummissjoni li huma ngħaqdu f'kumpanija waħda Ceramika Netto Sp. z o.o. Sp.K.

n-numru ta' talbiet, il-kumplessità tal-istruttura korporattiva ta' xi partijiet rikjedenti u d-daqs u l-kumplessità tal-kampjun tal-produtturi esportaturi investigati. Għalhekk, it-talbiet għal eżami individwali ġew miċħudin.

(89) Ferm lil hinn mill-iskadenza msemmija qabel, f'Awwissu 2022, Ceramika Netto, importatur Pollakk tal-madum taċ-ċeramika ppreżenta, bħala anness għal rappreżentazzjoni bil-miktub, ittri ta' żewġ produtturi Indjani li talbu eżami individwali. Dawn l-ittri, li ma jkunux akkumpanjati minn tweġiba għall-kwestjonarju, sottomessi minn parti terza u sitt xhur wara li tkun skadiet l-iskadenza għat-talbiet għal eżami individwali, ma jistgħux jitqiesu bħala talbiet għal eżami individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku. Fi kwalunkwe każ, li kieku jitqiesu, kienu jiġu miċħudin għall-istess raġunijiet bħat-talbiet ippreżentati kif suppost imsemmijin fil-premessa (88).

1.6. **Talba għall-kunfidenzjalità mill-produtturi tal-Unjoni**

(90) L-ilmentaturi u dawk li sostnew l-ilment, irrappreżentati mis-CET, talbu li isimhom jinżamm kunfidenzjali f'konformità mal-Artikolu 19(1) tar-Regolament bażiku minħabba l-biża' ta' ritaljazzjoni. Is-CET innotat li jenħtieġ li t-trattament ta' kunfidenzjalità mogħti fl-istadju ta' qabel il-bidu jiġi estiż għall-investigazzjoni.

(91) F'dan ir-rigward, l-ilmentaturi u l-persuni li jsostnu l-ilment iddikjaraw li kien hemm riskju ta' ritaljazzjoni mill-forniturі tagħhom ta' materja prima li jinsabu b'mod partikolari fit-Turkija, mill-klijenti tagħhom fl-Unjoni li kienu jiddependu wkoll fuq l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, u mill-klijenti tagħhom fil-pajjiżi kkonċernati.

(92) Il-Kummissjoni eżaminat it-talbiet u l-evidenza ta' sostenn ippreżentati minn kull kumpanija individwalment. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li, fl-investigazzjoni dwar l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ([10]) u fir-rieżami ta' skadenza sussegwenti ([11]), l-identità tal-produtturi tal-Unjoni nżammet kunfidenzjali.

(93) Il-Kummissjoni kkonkludiet li r-riskju ta' ritaljazzjoni kien jeżisti fir-rigward ta' erba' produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tat trattament kunfidenzjali lill-identità ta' dawn il-kumpaniji matul il-proċedura.

(94) Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni sabet li r-riskju ta' ritaljazzjoni ma kienx jeżisti fir-rigward tal-produttur Spanjol Azteca Products & Services, S.L.U. Konsegwentement, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiddivulga l-isem tal-kumpanija.

(95) Ta' min jinnota li nstab li t-talba għall-kunfidenzjalità mill-Grupp VIVES ma kinitx iġġustifikata diġà fl-istadju ta' qabel il-bidu (għall-kompożizzjoni tal-Grupp VIVES, ara l-premessa (101)).

1.7. **Tweġibiet għall-kwestjonarju**

(96) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju li fih talbet il-makroindikaturi tal-industrija tal-Unjoni mingħand l-ilmentatur u talbet lis-sitt produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, lit-tliet gruppi ta' produtturi esportaturi fl-Indja u lit-tliet gruppi ta' produtturi esportaturi fit-Turkija jimlew il-kwestjonarji rilevanti. Billi l-kampjunar ta' importaturi mhux relatati ġie abbandunat, l-importaturi mhux relatati kollha u l-utenti kollha ġew mistednin jimlew il-kwestjonarji rispettivi.

(97) Il-kwestjonarji għall-produtturi tal-Unjoni, għall-importaturi mhux relatati, għall-utenti, għall-produtturi esportaturi fl-Indja u għall-produtturi esportaturi fit-Turkija tqiegħdu għad-dispożizzjoni online ([12]) fil-jum tal-bidu.

(98) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand is-sitt produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, l-ilmentatur, tliet importaturi, utent wieħed, it-tliet gruppi ta' produtturi esportaturi fl-Indja inklużi fil-kampjun u t-tliet gruppi ta' produtturi esportaturi fit-Turkija inklużi fil-kampjun.

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 917/2011.
([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2179.
([12]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2559

(99) Wara analiżi inizjali tat-tweġibiet għall-kwestjonarju sottomessi mill-importaturi, il-Kummissjoni staqsiet dwar ir-relazzjoni potenzjali tagħhom mal-produtturi fl-Indja u fit-Turkija. Importatur minnhom ikkonferma li kien sieħeb rikonoxxut legalment fin-negozju ta' produttur tal-madum taċ-ċeramika fl-Indja. Għalhekk, ma setax jitqies bħala importatur mhux relatat. Sussegwentement, il-Kummissjoni injorat it-tweġiba għall-kwestjonarju tiegħu.

1.8. **Iż-żjarat ta' verifika**

(100) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għal determinazzjoni proviżorja ta' dumping, id-dannu li jirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Il-produtturi tal-Unjoni u l-kummerċjanti relatati tagħhom, u l-ilmentatur

— Erba' produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u, fejn rilevanti, il-kummerċjanti relatati tagħhom, li ngħataw trattament kunfidenzjali kif spjegat fit-Taqsima 1.6.

— Azteca Products & Services, S.L.U. u l-kummerċjant relatat tagħha Kerstone, S.L., li t-tnejn li huma jinsabu f'Alcora (Castellón), Spanja

— L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Madum taċ-Ċeramika, Brussell, il-Belġju

Produtturi esporaturi fl-Indja

— Icon Granito Limited u l-kumpaniji relatati, Morbi, l-Indja ("il-Grupp Icon")

— Conor Granito Limited u l-kumpaniji relatati, Morbi, l-Indja ("il-Grupp Conor")

— Lavish Granito Limited u l-kumpaniji relatati, Morbi, l-Indja ("il-Grupp Lavish")

Produtturi esportaturi fit-Turkija [13]

— Hitit Seramik Sanayi ve Ticaret A.Ş. u l-kumpaniji relatati, Uşak u Istanbul, it-Turkija ("il-Grupp Hitit")

— Qua Granite ve Hayal Yapi Ürünleri San. Tic. A.Ş., Bien Yapi Ürünleri San. Tic. A.Ş., u l-kumpaniji relatati, Istanbul, Bilecik u Söke, it-Turkija ("il-Grupp Bien & Qua")

— Vitra Karo Sanayi ve Ticaret A.Ş. u l-kumpaniji relatati, Bozüyük u Istanbul, it-Turkija ("il-Grupp Vitra")

(101) Il-Kummissjoni wettqet kontroverifiki mill-bogħod ("RCC") tal-partijiet li ġejjin:

Il-produtturi tal-Unjoni u l-kummerċjanti relatati tagħhom

— Ceramica Vives S.A. u Ferraes Ceramica S.A. u l-kummerċjanti relatati tagħhom Vives Azulejos y Gres S.A. u Arcana Ceramica S.A., li lkoll jinsabu Alcora (Castellón), Spanja ("il-Grupp VIVES")

Utent

— OBI Group Holding SE & Co. KGaA, Wermelskirchen, il-Ġermanja

Il-kummerċjanti relatati mal-produtturi esportaturi fit-Turkija

— Vitra Fliesen GmbH & Co. KG, Merzig, il-Ġermanja

— V&B Fliesen GmbH, Merzig, il-Ġermanja

1.9. **Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu taħt kunsiderazzjoni**

(102) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2018 sat-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

[13] Għal finijiet organizzazzjonali, iż-żjara ta' verifika ta' xi kumpaniji relatati saret fil-bini tal-entità tal-manifattura.

(103) Il-Grupp Bien & Qua u s-CGCSA kkontestaw il-perjodu ta' investigazzjoni magħżul mill-Kummissjoni. Huma asserew li ma kienx "qrib biżżejjed" jew "immedjat biżżejjed" għad-data tal-bidu kif previst fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, huma asserew li minħabba l-pandemija tal-COVID-19 is-sena 2020 ma kellhiex preċedent, billi kienet ikkaratterizzata minn volatilità sinifikanti tas-suq u, għalhekk, ma kinitx rappreżentattiva bħala tali għall-fini ta' determinazzjonijiet oġġettivi tad-dumping u tad-dannu. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Grupp Bien & Qua ddikjara li l-Kummissjoni missha għażlet mill-1 ta' Ottubru 2020 sat-30 ta' Settembru 2021 bħala l-perjodu ta' investigazzjoni u mill-1 ta' Jannar 2017 sat-30 ta' Settembru 2021 bħala l-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(104) L-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku ma jirrikjedix perjodu li jkun "immedjat biżżejjed"; jiddikjara li l-perjodu ta' investigazzjoni magħżul mill-Kummissjoni għandu, normalment ikopri perjodu ta' "mhux anqas min[n] sitt xhur immedjatament qabel il-bidu tal-proċedimenti". L-għażla tal-perjodu ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni kienet kompletament konformi ma' dik id-dispożizzjoni. Il-Kummissjoni qieset l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 għal din l-investigazzjoni (b'mod partikolari, ara t-Taqsima 5.2.5 ta' dan ir-Regolament). F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat li l-Grupp Bien & Qua ma pprovda l-ebda evidenza dwar għaliex il-perjodu li ssuġġerixxa kien iwassal għal sejbiet aktar xierqa, b'mod partikolari billi huwa wkoll kien affettwat mill-volatilità tas-suq minħabba l-pandemija tal-COVID-19. L-asserzjonijiet ġew miċħudin.

(105) Wara d-divulgazzjoni finali, żewġ partijiet interessati Torok, Yurtbay Seramik u Sogutsen Seramik, tennew li meta stabbiliet il-perjodu ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni ma għażlitx perjodu qrib biżżejjed għad-data tal-bidu u, għalhekk, ma eżaminatx l-aktar *data* riċenti disponibbli.

(106) Din l-asserzjoni diġà ġiet indirizzata (ara l-premessi (103) u (104)). Billi l-partijiet ma ppreżentaw l-ebda argument ġdid, il-Kummissjoni kkonfermat iċ-ċħda tal-asserzjoni.

1.10. **In-nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri proviżorji**

(107) Skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku, l-iskadenza għall-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji kienet it-12 ta' Awwissu 2022. Fil-15 ta' Lulju 2022, f'konformità mal-Artikolu 19a(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tagħha li ma timponix miżuri proviżorji u tat lill-partijiet interessati l-opportunità li jissottomettu informazzjoni addizzjonali u/jew li jinstemgħu. Grupp wieħed ta' produtturi esportaturi Torok fakkar fit-talba tiegħu għal eżami individwali u fl-effetti potenzjali li l-miżuri jista' jkollhom fuq l-investimenti tiegħu fl-Unjoni. Importatur wieħed issottometta talba għal eżami individwali tas-sħab kummerċjali tiegħu fl-Indja (ara l-premessa (89)). Waqt seduta, l-istess importatur ippreżenta wkoll aktar dettalji dwar il-mudell kummerċjali tiegħu u l-impatt tal-miżuri potenzjali fuq l-attivitajiet tiegħu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni organizzat seduta dwar l-ambitu tal-prodott ma' produttur esportatur Indjan wieħed.

(108) Peress li ma ġiet imposta l-ebda miżura anti-dumping proviżorja, ma saret l-ebda reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet.

1.11. **Proċedura sussegwenti**

(109) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset bħala neċessarja għas-sejbiet finali tagħha.

(110) Wara l-analiżi tad-*data* miġbura u vverifikata, il-Kummissjoni informat lill-Grupp Bien & Qua bl-intenzjoni tagħha li tapplika l-fatti disponibbli għal ċerti partijiet tat-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni tat lill-kumpanija l-opportunità li tikkummenta. Ir-raġunijiet għall-applikazzjoni tal-fatti disponibbli u l-kummenti sottomessi mill-kumpanija huma indirizzati fit-taqsima 3.2.1 ta' dan ir-Regolament.

(111) Meta waslet għas-sejbiet definittivi tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat il-kummenti sottomessi mill-partijiet interessati.

(112) Fit-28 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni għarrfet lill-partijiet interessati kollha dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien beħsiebha timponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fl-Indja u fit-Turkija (id-"divulgazzjoni finali"). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li matulu setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni finali.

(113) Produttur esportatur wieħed inkluż fil-kampjun mit-Turkija rċieva kjarifika għad-divulgazzjoni finali tiegħu peress li żball klerikali f'parti waħda tad-divulgazzjoni kien irriżulta f'kunflitt ma' element ieħor tad-divulgazzjoni. Produttur esportatur wieħed inkluż fil-kampjun mit-Turkija u żewġ produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun mill-Indja rċivew divulgazzjonijiet finali addizzjonali. Barra minn hekk, peress li xi wħud mill-kummenti li waslu wara d-divulgazzjoni finali rriżultaw f'reviżjoni tad-dumping, tat-twaqqigħ tal-prezz, u tal-marġnijiet tad-dannu kif ukoll tas-sejbiet tal-Kummissjoni dwar id-dannu u l-kawżalità, fil-5 ta' Diċembru 2022 il-Kummissjoni bagħtet divulgazzjoni parzjali addizzjonali ("divulgazzjoni parzjali addizzjonali") lill-partijiet interessati kollha.

(114) Wara d-divulgazzjoni finali u d-divulgazzjonijiet addizzjonali, waslu kummenti mill-produtturi esportaturi kollha inklużi fil-kampjun, minn diversi produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun miż-żewġ pajjiżi kkonċernati, mill-Gvern tat-Turkija, mill-Gvern tal-Indja ("GtI"), mill-ilmentatur u minn tliet importaturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni organizzat seduti ta' smigħ ma' żewġ produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun mit-Turkija, ma' diversi produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun mit-Turkija u mal-assoċjazzjoni tagħhom, mal-GtT, mat-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun mill-Indja, ma' grupp ta' produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun mill-Indja, mal-GtI u ma' importatur wieħed tal-Unjoni. L-Uffiċjal tas-Seduta kellu seduta ta' smigħ ma' Ceramika Netto.

2. PRODOTT LI QIEGĦED JIĠI INVESTIGAT, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

2.1. Prodott li qiegħed jiġi investigat

(115) Il-prodott li qiegħed jiġi investigat huwa ċangaturi u paviment taċ-ċeramika, madum għall-qigħan taċ-ċmieni jew għall-ħitan; kubi tal-mużajk taċ-ċeramika u oġġetti bħal dawn, fuq dahar ta' rfid jew le; ċeramika tal-irfinar, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 6907 21 00, 6907 22 00, 6907 23 00, 6907 30 00 u 6907 40 00 ("il-prodott li qiegħed jiġi investigat").

(116) Il-madum taċ-ċeramika huwa ċangaturi ta' materjal taċ-ċeramika użati fuq ġewwa u fuq barra sabiex jgħattu l-art u l-ħitan (inklużi l-uċuħ tal-bankijiet eċċ.). Il-madum taċ-ċeramika jiġi f'qisien differenti, li jvarjaw minn mużajki sa ċangaturi kbar bil-ġnub twal sa 3 metri jew aktar. Il-wiċċ tagħhom jista' jkun lixx b'mod naturali, illostrat mekkanikament, aħrax jew b'wiċċ għal skopijiet speċjali (eż. madum tattili, madum kontra ż-żliq). Il-madum taċ-ċeramika jista' jkollu żilġa, ma jkollux żilġa jew dekorat fil-bażi taċ-ċeramika b'taħlitiet speċjali. Iż-żilġa tkun magħmula minn taħlitiet ta' diversi materjali u komposti (ħġieġ, kawlina, ramel tas-silikat, ossidi, pigmenti tal-kulur eċċ.) u tagħti lill-madum taċ-ċeramika karatteristiċi estetiċi u tekniċi li l-bażi ma tistax tipprovdi sal-grad meħtieġ. Il-madum taċ-ċeramika jista' jkun rettifikat jew mhux rettifikat. Ir-rettifikazzjoni hija proċess ta' tħin mekkaniku preċiż tat-truf wara t-trattament bin-nar.

(117) Il-bażi ta' maduma taċ-ċeramika hija prodotta prinċipalment minn taħlita ta' tafal, ta' feldspars, ta' ramliet, ta' karbonati u ta' kawlini. It-taħlita ta' materja prima tkun xotta jew miħuna fl-umdu. It-taħlita miħuna fl-umdu tkompli titnixxef bl-isprej sabiex jitnaqqas il-kontenut ta' ndewwa tagħha. Il-materja prima miħuna titħallat f'pasta konsistenti. Il-madum jiġi fformat minn dik il-pasta permezz ta' ppressar niexef jew estrużjoni. Il-bażi li tifforma ta' maduma tkompli titnixxef f'nixxiefa orizzontali jew vertikali. Wara dan il-pass, tista' tiġi applikata ż-żilġa. Fl-aħħar nett, il-madum jiġi ttrattat bin-nar f'kalkara. Il-proċess tat-trattament bin-nar għandu tliet stadji: it-tisħin minn qabel, it-trattament bin-nar u t-tkessiħ. It-trattament addizzjonali, bħall-illostrar jew ir-rettifikazzjoni, jitwettaq wara t-trattament bin-nar.

(118) L-istandard Ewropew EN 14411 li jipprovdi d-definizzjonijiet, il-klassifikazzjoni, il-karatteristiċi u l-kriterji tal-immarkar jaqsam il-madum taċ-ċeramika fi gruppi skont ir-rata ta' assorbiment tal-ilma u l-proċess ta' fformar tiegħu. Il-karatteristiċi tekniċi tagħhom jinkludu s-saħħa mekkanika u r-reżistenza għall-brix.

2.2. Prodott ikkonċernat

(119) Il-prodott ikkonċernat huwa l-prodott li qiegħed jiġi investigat li joriġina fl-Indja u fit-Turkija ("il-prodott ikkonċernat").

2.3. Prodott simili

(120) L-investigazzjoni wriet li dawn il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;

— il-prodott li qiegħed jiġi investigat manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiżi kkonċernati; u

— l-prodott li qiegħed jiġi investigat manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(121) Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li dawk il-prodotti huma prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.4. **Asserzjonijiet rigward l-ambitu tal-prodott**

(122) Numru ta' produtturi Indjani u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, il-Kunsill u l-Assoċjazzjoni Indjani, għamlu diversi asserzjonijiet dwar l-ambitu tal-prodott. Il-partijiet talbu li l-madum b'saffi doppji, iċ-ċangaturi l-kbar, il-madum ta' speċjalità (il-madum leqqi ħafna, il-madum b'fond għoli, il-madum għat-tinqix u l-madum b'wiċċ granulari) u l-madum manifatturat bl-użu ta' pressa tar-romblu jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott tal-investigazzjoni u li, fir-rigward tal-madum li jeħel mal-ħitan, il-madum bi trattament bin-nar wieħed biss jibqa' fl-ambitu tal-prodott. Produttur esportatur wieħed tenna t-talba tiegħu għall-esklużjoni ta' ċangaturi kbar matul seduta li saret wara li l-Kummissjoni għarrfet lill-partijiet li ma kinitx se timponi miżuri proviżorji.

(123) Is-CET argumentat li jenħtieġ li tintuża d-definizzjoni tal-madum taċ-ċeramika skont l-istandard internazzjonali ISO 13006:2018 sabiex jiġi ddeterminat jekk ċertu tip ta' madum taċ-ċeramika jaqax fi ħdan l-ambitu ta' din l-investigazzjoni. L-istandard iddefinixxa l-madum taċ-ċeramika bħala "ċangaturi rqaq magħmulin mit-tafal u/jew minn materja prima inorganika oħra, ġeneralment użati sabiex jiksu l-art u l-ħitan, normalment ifformati bl-estrużjoni (A) jew bl-ippressar (B) f'temperatura ambjentali, iżda jistgħu jiġu fformati bi proċessi oħrajn (C), u mbagħad jitnixxfu u sussegwentement jiġu ttrattati bin-nar f'temperatura suffiċjenti sabiex jiżviluppaw il-proprjetajiet meħtieġa". L-ilmentatur iddikjara li din id-definizzjoni kienet tkopri tipi differenti ta' madum taċ-ċeramika bl-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi u bl-istess użi bażiċi. Fir-rigward tal-użu, is-CET argumentat li d-definizzjoni tippermetti użi għajr il-kisi tal-art u tal-ħitan.

(124) Il-Kunsill u l-Assoċjazzjoni Indjani u l-produtturi esportaturi Indjani ddikjaraw li jenħtieġ li l-madum taċ-ċeramika b'ġenb twil tal-anqas 120 cm ("ċangaturi kbar") jiġi eskluż mill-ambitu tal-prodott. Il-partijiet asserew li ċ-ċangaturi l-kbar kienu jiġu mmanifatturati bl-użu ta' proċess u ta' tagħmir ta' produzzjoni differenti, kellhom kost tal-input, prezz, applikazzjonijiet finali, perċezzjoni mill-konsumatur u parametri tekniċi differenti, eż. il-piż ta' ċangatura kbira għal kull metru kwadru kien akbar mill-piż ta' maduma standard. Il-partijiet issottomettew li ċ-ċangaturi l-kbar inkwistjoni ma kinux jintużaw bħala kisi tal-art jew tal-ħitan.

(125) Fir-rigward tal-proċess tal-produzzjoni, diversi produtturi esportaturi Indjani argumentaw li jenħtieġ li l-madum taċ-ċeramika mmanifatturat bl-użu tat-teknoloġija tal-ippressar bir-rombli jiġi eskluż. Il-partijiet spjegaw li din it-teknoloġija kienet tintuża għall-produzzjoni ta' madum taċ-ċeramika ta' dimensjoni kbira. Għalhekk, kien mifhum li dawk il-partijiet talbu wkoll b'mod effettiv l-esklużjoni ta' ċangaturi kbar. Produttur esportatur Indjan wieħed, Lioli Ceramica Private Limited ("Lioli"), asserixxa wkoll li l-kumpaniji li jimmanifatturaw ċangaturi kbar normalment ma jipproduċux madum standard. Żied jgħid li d-differenzi fil-proċess tal-produzzjoni jikkonċernaw it-taħlita ta' materja prima użata, it-temperatura ogħla li fiha jiġu ttrattati bin-nar iċ-ċangaturi l-kbar, iż-żieda ta' xbieki fuq wara taċ-ċangaturi l-kbar u l-pressjoni li fiha jiġu ppakkjati ċ-ċangaturi l-kbar.

(126) Barra minn hekk, il-produttur esportatur Lioli argumenta li ċ-ċangaturi l-kbar kellhom karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi differenti, kanali ta' distribuzzjoni differenti, u li ma kinux jikkompetu u ma kinux interkambjabbli ma' madum standard. Din il-kumpanija kienet tipproduċi ċangaturi kbar użati primarjament għall-uċuħ tal-bank tal-kċina jew għall-istallazzjonijiet tal-kamra tal-banju. Il-kumpanija asseriet li ċangaturi bħal dawn jistgħu jintużaw bħala kisi tal-art u tal-ħitan. Madankollu, il-madum standard ma jistax jintuża bħala wiċċ tal-bank tal-kċina jew għall-għamara tal-kamra tal-banju. Għalhekk, kien hemm nuqqas ta' interkambjabbiltà u ta' kompetizzjoni ma' madum standard. Skont il-kumpanija, ċangaturi kbar u madum standard kienu jinbiegħu permezz ta' kanali ta' bejgħ differenti – ħwienet li jbigħu wċuħ tal-bank tal-kċina ma joffrux madum standard u mhux il-ħwienet kollha li joffru madum standard ibigħu uċuħ tal-bank kċina wkoll. Fir-rigward tal-karatteristiċi fiżiċi, il-produttur esportatur indika d-dimensjonijiet u l-ħxuna taċ-ċangaturi l-kbar, li kienu akbar minn dawk għall-madum standard; id-dehra differenti tal-wiċċ ladarba jitkaħħal b'ċangaturi kbar minflok b'madum standard; u ż-żieda ta' xibka fuq wara taċ-ċangaturi l-kbar li tippermetti li jitwaħħlu. Fir-rigward tal-karatteristiċi kimiċi u tekniċi, il-kumpanija argumentat li ċ-ċangaturi l-kbar kellhom jiġu ttestjati malli jiġu f'kuntatt mal-ikel; kellhom assorbiment aktar baxx tal-ilma; u reżistenza ogħla għall-brix u għall-grif.

(127) Minbarra l-argumenti deskritti fil-premessi (125) u (126), il-produttur esportatur Indjan argumenta f'seduta li ċ-ċangaturi l-kbar kienu jeħtieġu ħażna u tqandil, għodod tat-tqattigħ, metodi ta' twaħħil u għodod u professjonisti involuti differenti meta mqabblin ma' madum żgħir. Fl-aħħar nett, il-parti interessata fakkret li l-ilment ma kien fih l-ebda evidenza ta' dumping fir-rigward ta' ċangaturi kbar mill-Indja.

(128) L-ilmentatur issottometta li ċangaturi kbar kienu jiġu prodotti fi kwantitajiet suffiċjenti fl-Unjoni u ma jkunx korrett li wieħed jassumi li ċangaturi kbar mill-Indja ma kinux komparabbli maċ-ċangaturi prodotti mill-industrija tal-Unjoni. Fil-fatt, kienu l-produtturi tal-Unjoni li l-ewwel żviluppaw ċangaturi kbar u qegħduhom fis-suq. Id-daqs ta' maduma minnu nnifsu ma kellux impatt fuq il-karatteristiċi kimiċi u tekniċi tiegħu. Fil-fatt, il-kompożizzjoni kimika ta' ċangaturi kbar tal-porċellana kienet komparabbli ma' madum ieħor tal-porċellana. Il-karatteristiċi tekniċi bħall-assorbiment tal-ilma, is-saħħa u d-durabbiltà ma kinux koperti mid-definizzjoni tal-madum taċ-ċeramika pprovduta mill-ISO 13006:2018. Madankollu, l-assorbiment tal-ilma kien waħda mill-karatteristiċi li jiddeterminaw diversi tipi ta' madum taċ-ċeramika – madum tal-porċellana li għandu assorbiment tal-ilma ta' anqas minn 0,5 %. Maduma żgħira tal-porċellana kellha assorbiment tal-ilma simili għal ċangatura kbira tal-porċellana. L-ilmentatur issottometta li anke s-suġġeriment li kellhom jiġu ttestjati biss ċangaturi kbar malli jiġu f'kuntatt mal-ikel kien żbaljat. Skont is-CET, anke madum iżgħar tal-porċellana użat, pereżempju, fi kċejjen industrijali jew f'faċilitajiet tal-manifattura tal-ikel, kien jeħtieġ livelli simili ta' iġjene u ta' sikurezza. Fl-aħħar nett, is-CET argumentat li l-proċess tal-produzzjoni, jiġifieri l-pressa bir-rombli użata għal ċangaturi kbar meta mqabbla mal-pressa idrawlika użata għall-madum standard, ma tbiddilx il-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi tal-prodott finali.

(129) L-investigazzjoni kkonfermat li ċangaturi kbar kienu jiġu prodotti fl-Unjoni wkoll. Fil-fatt, tnejn mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun jimmanifatturaw ċangaturi bħal dawn. Għalhekk, ċangaturi kbar importati mill-Indja kienu f'kompetizzjoni maċ-ċangaturi prodotti mill-industrija tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, it-tipi ta' prodotti ddefiniti għall-fini ta' din l-investigazzjoni kienu jinkludu fost l-oħrajn karatteristiċi bħad-daqs tas-superfiċje tal-ħdim u l-assorbiment tal-ilma. Definizzjoni bħal din ta' tipi ta' prodotti pprovdiet għal tqabbil ġust u żgurat li ċ-ċangaturi l-kbar ma tqabblux ma' madum taċ-ċeramika ta' daqsijiet iżgħar. L-inklużjoni tad-daqs tas-superfiċje tal-ħdim fid-determinazzjoni tat-tipi ta' prodotti kompliet tiżgura li tiġi kkunsidrata kwalunkwe differenza fil-kost tal-input bejn il-pressa bir-rombli u t-teknoloġiji tal-pressa idrawlika. Fir-rigward tan-nuqqas ta' evidenza ta' dumping, il-Kummissjoni qieset li l-ilment kien fih biżżejjed evidenza *prima facie* ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat li joriġina fl-Indja. Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.

(130) Wara d-divulgazzjoni finali, Lioli tenna t-talba tiegħu għal esklużjoni ta' ċangaturi kbar, jiġifieri madum manifatturat bl-użu tal-proċess tal-produzzjoni bil-pressa bir-rombli. Il-kumpanija fakkret li l-produzzjoni ta' ċangaturi kbar kienet tinkludi pass addizzjonali – iż-żieda ta' xbieki fuq wara. Barra minn hekk, il-kumpanija ssottomettiet artiklu ta' riċerka, li ppreżenta r-riżultati tal-ittestjar ta' ċangaturi kbar. Ir-riċerka wriet, fost l-oħrajn, li l-assorbiment tal-ilma ta' ċangaturi kbar kien taħt iż-0,1 %.

(131) Il-GtI u sittax-il produttur esportatur Indjan appoġġaw esklużjoni ta' ċangaturi kbar għall-fini ta' paragun ġust.

(132) Is-CET tenniet l-oppożizzjoni tagħha u l-argumenti tagħha kontra l-esklużjoni ta' ċangaturi kbar mill-ambitu tal-prodott.

(133) Il-Kummissjoni fakkret li ċangaturi kbar kellhom karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi simili għal tipi oħrajn ta' madum taċ-ċeramika. Barra minn hekk, ċangaturi kbar kienu jiġu prodotti fl-Unjoni, inkluż minn żewġ produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Fil-fatt, ir-riċerka kkwotata minn Lioli saret fuq ċangaturi kbar prodotti minn tliet manifatturi fl-Italja u fi Spanja. Ma tantx prova li l-bliet kbar prodotti fl-Indja ma kinux komparabbli ma' bliet kbar prodotti fl-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni żgurat tqabbil ġust peress li kienet tinkludi d-daqs tax-xogħol tal-madum taċ-ċeramika fid-definizzjoni tat-tipi ta' prodotti. Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonfermat ir-rifjut ta' din it-talba ta' esklużjoni.

(134) L-assoċjazzjonijiet u l-produtturi Indjani asserew li jenħtieġ li l-madum b'saffi doppji jiġi eskluż mill-ambitu tal-prodott. Il-madum b'saffi doppji ġie prodott bl-infużjoni ta' żewġ saffi flimkien. Is-saff ta' fuq kien fih il-pigmenti u kien wiesa' madwar 3 sa 4 mm. Is-saff t'isfel kien jikkonsisti fil-parti tal-bażi. Skont il-partijiet, il-madum b'saffi doppji kien eħxen mill-madum tal-art normali, kien jeħtieġ livell baxx ta' manutenzjoni, durabbli ħafna, ta' kwalità superjuri u jinbiegħ bi prezzijiet ogħla.

(135) Fir-rigward ta' din l-asserzjoni, is-CET sostniet li l-partijiet ma pprovdew l-ebda element li jissuġġerixxi li l-madum b'saffi doppji ma kellux l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi bħal madum ieħor. L-ilmentatur indika wkoll li l-madum b'saffi doppji jaqa' taħt id-definizzjoni tal-madum taċ-ċeramika pprovduta mill-ISO 13006:2018. Fl-aħħar nett, is-CET enfasizzat li fir-rigward tal-ħxuna, l-ilment iddeskriva l-prodott bħala *"li jvarja minn madwar 3*

mm għal xi madum taċ-ċeramika li jiksi l-ħajt sa 20 – 30 mm għal madum estruż u taċ-ċeramika użat għal artijiet mgħollija jew għal artijiet ħoxnin" ([14]), u b'hekk il-madum taċ-ċeramika ta' ħxuna ogħla jiġi inkluż fl-ambitu tal-prodott tal-ilment.

(136) L-asserzjoni ġiet miċħuda. Il-madum taċ-ċeramika b'saffi doppji huwa magħmul mill-istess materja prima, juża l-istess proċessi tal-produzzjoni bħal madum taċ-ċeramika ieħor u, għalhekk, għandu l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi bħal madum ieħor. Skont l-użu finali, il-ħxuna (u kriterji oħrajn) tista' tvarja u l-madum taċ-ċeramika kollu, irrispettivament mill-ħxuna, ġie inkluż fl-ambitu tal-investigazzjoni kif definit fin-Notifika ta' Bidu. Il-fatt li l-madum b'saffi doppji jiġi mmanifatturat billi jiġu infużi żewġ saffi ta' madum flimkien, sabiex jiġi eħxen mill-biċċa l-kbira tal-madum standard u b'hekk joffri aktar saħħa u durabbiltà, li jagħmlu aktar adatt b'mod speċjali għal żoni passaġġi ħafna, ma jiġġustifikax esklużjoni. L-użu finali tiegħu, sabiex jiksi l-art, kien l-istess bħal dak ta' madum taċ-ċeramika ieħor, li miegħu jaqsam l-istess karatteristiċi u li miegħu huwa interkambjabbli, peress li klijent jista' jagħżel wieħed jew l-ieħor.

(137) Il-Kunsill u l-Assoċjazzjoni Indjani u l-produtturi esportaturi tal-Indja sostnew ukoll li ċertu madum speċjali, bħal madum leqqi ħafna, madum b'fond għoli, madum tat-tinqix u madum b'wiċċ granulari (l-hekk imsejjaħ "finitura taz-zokkor"), jenħtieġ li jiġi eskluż mill-ambitu tal-prodott peress li l-kost tal-produzzjoni tiegħu u, sussegwentement, il-prezz tal-bejgħ tiegħu kienu ogħla meta mqabbel ma' madum taċ-ċeramika ieħor. Id-differenza fil-kost u fil-prezz kienet ikkawżata mill-użu ta' materja prima addizzjonali. Il-partijiet sostnew ukoll li l-madum b'finitura taz-zokkor għandu karatteristiċi differenti minn madum ieħor peress li jaħbi l-ħmieġ sew u huwa reżistenti għaż-żliq. Barra minn hekk, il-proċess tal-manifattura tal-madum b'finitura taz-zokkor kien uniku u avvanzat, kif asserew il-produtturi Indjani.

(138) L-ilmentatur issottometta li dak il-madum speċjali jaqa' taħt id-definizzjoni tal-madum taċ-ċeramika skont l-ISO 13006:2018. Id-differenza ewlenija bejn il-madum speċjali u madum ieħor kienet fid-disinn tagħhom. Pereżempju, il-finitura taz-zokkor tiġi applikata wara li l-bażi tal-maduma diġà tkun ġiet prodotta. Għalhekk, id-disinn speċjali ma jbiddilx il-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi tal-madum. Barra minn hekk, iż-żieda ta' materja prima oħra kellha effett marġinali fuq il-kost tal-input. Fl-aħħar nett, dan il-madum speċjali jiġi prodott ukoll mill-industrija tal-Unjoni u, għalhekk, huwa f'kompetizzjoni diretta u jikkawża dannu lill-produtturi tal-Unjoni. Il-proċess tal-produzzjoni kien magħruf sew fl-industrija tal-Unjoni u kien inkluż speċifikament fl-ilment ([15]).

(139) L-asserzjoni ġiet miċħuda. Il-madum b'finitura taz-zokkor għandu l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi bħal madum ieħor. Il-partijiet ma pprovdew l-ebda evidenza għall-kuntrarju. Il-madum b'finitura taz-zokkor kien ukoll interkambjabbli ma' madum ieħor; id-disinn speċjali tiegħu jista' jagħmlu partikolarment adatt għal xi użi bħall-art tal-kċina minħabba l-proprjetajiet tiegħu li jagħmluh ma jiżloqx, iżda dawn l-użi kienu l-istess bħal dawk ta' madum ieħor.

(140) Wara d-divulgazzjoni finali, sittax-il produttur esportatur Indjan tennew it-talba tagħhom għal esklużjoni ta' madum b'wiċċ granulari (jiġifieri madum b'finitura taz-zokkor) fuq il-bażi tal-asserzjoni tagħhom li ma kienx hemm kapaċità tal-produzzjoni suffiċjenti fl-Unjoni għall-madum taċ-ċeramika b'tali finitura.

(141) Il-Kummissjoni nnotat li l-kumpaniji ma pprovdew l-ebda evidenza dwar l-allegata kapaċità insuffiċjenti tal-produzzjoni tal-madum b'finitura taz-zokkor fl-Unjoni. L-asserzjoni ġiet miċħuda.

(142) Fl-aħħar nett, il-produtturi, il-Kunsill u l-Assoċjazzjoni Indjani ssottomettew li jenħtieġ li l-ambitu tal-prodott jkun limitat għal madum bi trattament bin-nar wieħed biss f'dak li għandu x'jaqsam mal-madum tal-ħajt. Il-partijiet asserew li l-madum tal-ħajt bi trattament doppju bin-nar kien prodott ta' livell għoli li jeħtieġ materja prima aħjar u kost tal-input ogħla.

(143) L-ilmentatur iddikjara li l-madum tal-ħajt bi trattament doppju bin-nar kien jaqa' fid-definizzjoni tal-madum taċ-ċeramika skont l-ISO 13006:2018. Sostna wkoll li l-kwalità tal-materja prima ma kinitx raġuni leġittima għal esklużjoni. Għall-kuntrarju, il-madum tal-ħitan bi trattament doppju bin-nar prodott mill-produtturi esportaturi Indjani u esportat lejn l-Unjoni kien f'kompetizzjoni diretta ma' madum tali prodott mill-industrija tal-Unjoni u, għalhekk, kien neċessarju li jibqa' fl-ambitu tal-prodott. Is-CET indikat li l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jimmanifatturaw madum tal-ħajt bi trattament doppju bin-nar.

([14]) Is-sommarju eżekuttiv tal-Ilment, p. 1.
([15]) L-Annessi 5 u 20 tal-Ilment.

(144) Il-Kummissjoni sabet li l-madum tal-ħajt bi trattament doppju bin-nar prodott mill-produtturi esportaturi Indjani ma kienx differenti minn dak prodott mill-industrija tal-Unjoni fil-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi tiegħu u fl-użu tiegħu. Barra minn hekk, id-definizzjoni tat-tipi ta' prodotti kienet tagħmel distinzjoni bejn il-madum bi trattament wieħed biss bin-nar u l-madum bi trattament doppju bin-nar, u b'hekk tiżgura tqabbil ġust. Konsegwentement, l-asserzjoni ġiet miċħuda.

(145) Minbarra l-esklużjonijiet tal-ambitu tal-prodott ta' hawn fuq, il-produtturi Indjani, inklużi ż-żewġ kumpaniji inklużi fil-kampjun, issuġġerew li d-definizzjoni tat-tipi ta' prodotti għall-fini ta' tqabbil ġust jenħtieġ li tqis l-assorbiment tal-ilma, il-proċess tal-manifattura (pressa bir-rombli jew idrawlika), il-wisa', it-tul, il-ħxuna, it-tip ta' kisja (żilġa jew mingħajr żilġa), it-tip ta' żilġa (leqqi, leqqi ħafna, matt jew zokkri), il-finitura tal-wiċċ (illostrat jew mhux illostrat).

(146) Il-Kummissjoni nnotat li l-assorbiment tal-ilma, il-wisa' u t-tul diġà kienu riflessi fid-daqs tas-superfiċje tal-ħdim, fil-ħxuna, fiż-żilġa u fl-illostrar fid-definizzjoni tat-tipi ta' prodotti. Peress li t-teknoloġija tal-pressa bir-rombli kienet tintuża fil-manifattura ta' ċangaturi kbar, id-daqs tas-superfiċje tal-ħdim kien jippermetti b'mod impliċitu li jiġu sseparati ż-żewġ proċessi tal-produzzjoni. Il-Kummissjoni qieset ukoll il-kulur tal-bażi, ir-rettifikazzjoni u l-konsistenza ma' standard ta' kwalità ekwivalenti għal ISO 13006:2018. Il-Kummissjoni qieset li dawk il-karatteristiċi kienu biżżejjed sabiex ikopru d-differenzi fil-kostijiet u fil-prezzijiet fost diversi tipi ta' prodotti u, b'hekk, jiżguraw tqabbil ġust. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet ir-reviżjoni ssuġġerita tad-definizzjoni tat-tipi ta' prodotti.

(147) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Grupp Conor tenna l-asserzjoni msemmija fil-premessa (145), b'mod partikolari billi argumenta li l-Kummissjoni kienet qieset b'mod żbaljat li d-differenza fil-kost u fil-prezz tal-bejgħ tal-prodotti ma kinitx tiddifferenzja mal-bidla fil-karatteristika fiżika tal-prodotti tat-tip taż-żilġa. Is-sejba tal-Kummissjoni li l-aġġustamenti għall-karatteristiċi fiżiċi kienu biżżejjed sabiex ikopru d-differenzi fil-kostijiet u fil-prezzijiet fost diversi tipi ta' prodotti u b'hekk jiżguraw paragun ġust ma tkunx appoġġata mill-fatti ppreżentati mill-Grupp Conor fis-sottomissjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni. Għalhekk, hija sostniet li ċ-ċaħda tal-PCN issuġġerit għall-Grupp Conor ma hijiex ġustifikata u hija inkonsistenti mal-Artikolu 2(10)(a) tar-Regolament bażiku.

(148) L-asserzjoni ġiet miċħuda. Il-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi, fuq il-bażi tal-kost tal-produzzjoni rrapportat mill-Grupp Conor, li kien hemm differenza materjali konsistenti fil-kostijiet tal-produzzjoni għall-prodotti "matti", "leqqin" jew "b'finitura taz-zokkor". Barra minn hekk, l-asserzjoni mtennija mill-Grupp Conor ma kinitx ulterjorment ikkorroborata minn analiżi addizzjonali, li tkun tappoġġaha. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, aktar dettalji dwar ir-raġunament tal-Kummissjoni dwar dan il-punt intbagħtu biss lill-Grupp Conor.

(149) Wara d-divulgazzjoni finali, Serapool Porselen, produttur Tork tal-madum taċ-ċeramika, staqsa dwar id-definizzjoni tal-ambitu tal-prodott u asserixxa li l-madum tal-pixxina jenħtieġ li jiġi eskluż. Il-kumpanija asseriet li l-madum tal-pixxini kellu assorbiment tal-ilma aktar baxx (0,3 % – 0,5 %) minn madum ieħor tal-porċellana (0,5 %), kien jiġi prodott sabiex il-klijenti li jieħdu deċiżjonijiet ibbażati fuq il-kwalità u fuq id-disinn fuq il-prezz, jinbiegħu permezz ta' kanali ta' distribuzzjoni differenti (eż. kuntatt dirett mal-klijent mingħajr l-involviment tal-bejjiegħa bl-ingrossa), u kellu proprjetajiet speċjali (kisi li jipprevjeni l-formazzjoni ta' batterji, saħħa superjuri u durabilità).

(150) Il-Kummissjoni nnotat li, kif speċifikat fit-taqsima 2 tan-Notifika ta' Bidu, l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' informazzjoni dwar l-ambitu tal-prodott inkluża kwalunkwe talba għal esklużjoni kienet ta' 10 ijiem wara l-bidu tal-proċediment, jiġifieri fit-23 ta' Diċembru 2021. Serapool Porselen issottomettiet l-asserzjoni tagħha fid-9 ta' Novembru 2022, jiġifieri għaxar xhur u nofs wara l-iskadenza. F'dan l-istadju tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni ma setgħetx tivvaluta jekk il-madum tal-pixxina kellux karatteristiċi distinti bħal dawn li jiġġustifikaw esklużjoni mill-ambitu tal-prodott. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li l-madum tal-porċellana prodott mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kellu assorbiment tal-ilma ta' anqas minn 0,5 %. Għalhekk, l-argument dwar id-differenzi fl-assorbiment tal-ilma bejn il-madum tal-pixxini u madum ieħor tal-porċellana ma setax jiġi aċċettat. Barra minn hekk, l-esklużjoni tal-madum fuq il-bażi tal-użu potenzjali tiegħu minflok proprjetà jew karatteristika speċifika tagħmel il-miżuri suxxettibbli għaċ-ċirkomvenzjoni. Konsegwentement, il-Kummissjoni ċċarat li l-madum tal-pixxini kien kopert mill-investigazzjoni u ċaħdet it-talba għall-esklużjoni tiegħu mill-ambitu tal-prodott.

3. **DUMPING**

3.1. **L-Indja**

3.1.1. *Valur normali*

(151) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku għal kull produttur esportatur fil-kampjun kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk it-total tal-volum ta' bejgħ domestiku tal-prodott simili lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull produttur esportatur ikun jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali tiegħu ta' bejgħ għall-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-bejgħ totali minn kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun tal-prodott simili fis-suq domestiku kien rappreżentattiv.

(152) Il-Kummissjoni sussegwentement identifikat it-tipi ta' prodotti mibjugħin lokalment li kienu identiċi jew komparabbli mat-tipi ta' prodotti mibjugħin għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni eskludiet tranżazzjonijiet ta' kwalità subottimali mill-bejgħ domestiku użat għall-valutazzjoni tal-valur normali. Matul il-proċess tal-produzzjoni, wara l-kontroll tal-kwalità bl-għajn, il-produtturi esportaturi jqisu l-madum taċ-ċeramika li jkun ta' anqas minn kwalità perfetta bħala kwalità "subottimali". Dan il-madum substandard jinbiegħ fis-suq domestiku bi skontijiet sinifikanti, filwaqt li madum ta' kwalità prima biss jinbiegħ lill-Unjoni. Sabiex isir tqabbil ġust mal-prezz lejn l-Unjoni, fil-kalkolu tal-valur normali ġie inkluż biss il-bejgħ fis-suq domestiku ta' kwalità prima. Il-produtturi esportaturi kollha inklużi fil-kampjun kienu jbigħu madum ta' kwalità subottimali fis-suq domestiku filwaqt li kienu jbigħu biss kwalità prima għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(153) Wara d-divulgazzjoni finali, f'dan ir-rigward, il-Grupp Conor asserixxa li l-Kummissjoni ddeċidiet *suo moto* li żżid il-kwalità tal-prodott bħala parametru għat-tqabbil, mingħajr ma kkunsidratu bħala karatteristika tal-PCN fi kwalunkwe stadju tal-proċediment. Għalhekk, l-applikazzjoni tal-Kummissjoni tal-metodoloġija tal-PCN tkun invalidata peress li l-bidliet fil-PCN proposti mill-Grupp Conor ġew miċħudin (ara t-taqsima 2.4 aktar 'il fuq), filwaqt li karatteristika fiżika li ma kienet ġiet proposta mill-ebda parti interessata ġiet inkorporata fil-metodoloġija sabiex isir paragun skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(154) Din l-asserzjoni kellha tiġi miċħuda. Il-Kummissjoni saret taf biss matul il-verifiki fl-Indja li l-bejgħ tal-kwalità subottimali kien jinbiegħ fi kwantitajiet mhux insinifikanti fis-suq domestiku, filwaqt li tali madum ma ġiex esportat. Permezz ta' spezzjoni okulari, l-uffiċjali tal-Kummissjoni fuq il-post fl-Indja jistgħu jistabbilixxu li l-madum ta' kwalità subottimali kien ta' kwalità ferm aktar baxxa mill-madum ta' kwalità prima. Il-prezzijiet fatturati għal dan il-bejgħ kienu ġeneralment aktar baxxi mill-prezzijiet għall-bejgħ ta' kwalità prima tat-tipi ta' prodotti korrispondenti. Fuq il-fatturi tal-bejgħ domestiku, tali bejgħ jista' jiġi identifikat b'mod ċar. Iż-żamma ta' tali bejgħ ta' kwalità subottimali fil-bejgħ domestiku użat għall-valutazzjoni tal-valur normali tkun f'kunflitt mat-twettiq ta' paragun ġust ta' prodotti simili.

(155) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-bejgħ domestiku minn kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun fis-suq domestiku tiegħu għal kull tip ta' prodott li huwa identiku jew komparabbli ma' tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott huwa rappreżentattiv jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali ta' bejgħ għall-esportazzjoni tat-tip ta' prodott identiku jew komparabbli lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni stabbiliet li l-bejgħ domestiku ta' parti mit-tipi ta' prodotti mibjugħa kien rappreżentattiv. Xi tipi ta' prodotti ma kinux jinbiegħu f'volumi rappreżentattivi fis-suq domestiku, jiġifieri f'volumi taħt il-5 % tal-volum totali tal-bejgħ għall-esportazzjoni tat-tip ta' prodott identiku jew komparabbli lejn l-Unjoni.

(156) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefiniet il-proporzjon tal-bejgħ profittabbli lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott mibjugħ f'volumi rappreżentattivi matul il-perjodu ta' investigazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku attwali għall-kalkolu tal-valur normali, f'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(157) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku effettiv għal kull tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ huwiex profittabbli jew le, jekk:

(a) il-volum ta' bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett li huwa daqs jew ogħla mill-kost tal-input ikkalkolat, irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; u

(b) l-prezz tal-bejgħ medju ponderat ta' dak it-tip ta' prodott ikun daqs jew ogħla mill-kost tal-input ta' unità.

(158) F'dan il-każ, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(159) Il-valur normali huwa l-prezz domestiku effettiv għal kull tip ta' prodott tal-bejgħ domestiku bi profitt tat-tipi ta' prodotti biss matul il-perjodu ta' investigazzjoni, jekk:

(a) il-volum ta' bejgħ profittabbli tat-tip ta' prodott jirrappreżenta 80 % jew anqas mill-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip: jew

(b) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott ikun anqas mill-kost tal-input ta' unità.

(160) L-analiżi tal-bejgħ domestiku wriet li, skont it-tip ta' prodott, 9 sa 60 % tal-bejgħ domestiku kollu tal-Grupp Conor, 0 sa 100 % tal-bejgħ domestiku kollu tal-Grupp Icon u tal-Grupp Lavish, rispettivament, kien profittabbli u li, dment li aktar minn 5 % tal-bejgħ domestiku tat-tip ta' prodott rispettiv kien profittabbli, il-prezz medju ponderat tal-bejgħ kien ogħla mill-kost tal-input. Għaldaqstant, il-valur normali ġie kkalkolat bħala medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu matul il-perjodu ta' investigazzjoni jew medja ponderata tal-bejgħ bi profitt biss.

(161) Għat-tipi ta' prodotti li għalihom il-prezz tal-bejgħ medju ponderat kien aktar baxx mill-kost tal-input, il-valur normali ġie kkalkolat bħala medja ponderata tal-bejgħ profittabbli ta' dak it-tip ta' prodott.

(162) Meta ma kien hemm l-ebda bejgħ tat-tip ta' prodott tal-prodott simili fil-perkors normali tan-negozju, jew meta tip ta' prodott ma kienx jinbiegħ fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.

(163) Il-valur normali nħadem billi żdied dan li ġej mal-kost tal-input medju tal-prodott simili ta' kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun li kkoopera matul il-perjodu ta' investigazzjoni:

(a) l-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") medji ponderati mġarrbin minn kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun li kkoopera fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-perkors normali tan-negozju, matul il-perjodu ta' investigazzjoni; u

(b) l-profitt medju ponderat magħmul minn kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun li kkoopera fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-perkors normali tan-negozju, matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(164) Għat-tipi ta' prodotti mhux mibjugħa fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, ġew miżjuda l-ispejjeż tal-SG&A medji u l-profitt tat-tranżazzjonijiet li saru matul il-perkors normali tan-negozju fis-suq domestiku għal dawk it-tipi. Għat-tipi ta' prodotti mhux mibjugħin xejn fis-suq domestiku, ġew miżjuda l-ispejjeż tal-SG&A medji ponderati u l-profitt tat-tranżazzjonijiet kollha li saru matul il-perkors normali tan-negozju fis-suq domestiku.

3.1.2. *Prezz tal-esportazzjoni*

(165) Il-gruppi ta' produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun esportaw lejn l-Unjoni jew direttament lil konsumaturi indipendenti jew permezz ta' kumpaniji relatati fl-Indja.

(166) Għalhekk, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz li effettivament tħallas jew pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

3.1.3. *Tqabbil*

(167) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-gruppi ta' produtturi esportaturi fil-kampjun fuq il-bażi tal-prezz mill-fabbrika.

(168) Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. L-aġġustamenti għall-merkanzija, għall-assigurazzjoni, għall-immaniġġjar, għall-kostijiet ta' kreditu u għall-imposti bankarji tnaqqsu mill-prezzijiet tal-bejgħ domestiku u/jew tal-esportazzjoni meta kienu rrapportati u nstabu li kienu ġġustifikati. Il-pretensjonijiet għal kwoti għall-kostijiet ta' kreditu fuq in-naħa tal-bejgħ domestiku ġew miċħudin, peress li ma kienx ċar mill-fattura jew mill-kuntratt ta' bejgħ x'kienu t-termini tal-ħlas.

(169) Il-produtturi inklużi fil-kampjun kienu jbigħu l-prodott ikkonċernat direttament jew permezz ta' produtturi/kummerċjanti relatati għall-esportazzjoni lejn l-UE. Fil-każijiet imsemmijin l-aħħar, jiġifieri meta l-bejgħ sar permezz ta' produtturi/kummerċjanti relatati, il-prezzijiet ta' dawn it-tranżazzjonijiet ġew aġġustati sabiex iqisu l-marġni kummerċjali miksub mill-produtturi/mill-kummerċjanti relatati skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku. Fir-rigward ta' dawn it-tranżazzjonijiet kummerċjali, il-Kummissjoni kkalkolat marġni kummerċjali medju ponderat wieħed li jirriżulta mid-differenza bejn il-prezzijiet relatati max-xiri mingħand fornituri mhux relatati fl-Indja u l-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid sussegwenti lil klijenti indipendenti fl-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet marġni kummerċjali medju ponderat wieħed għall-kummerċjanti tat-tliet gruppi kollha inklużi fil-kampjun sabiex tiżgura li l-volumi fl-ekwazzjoni kienu fil-biċċa l-kbira rappreżentattivi u jiżguraw riżultat affidabbli. Dan il-marġni kummerċjali ġie aġġustat kif xieraq sabiex jiġi eskluż l-għadd doppju tal-kwoti li diġà saru u jkun nett minn dawn il-kwoti mnaqqsin mill-prezz tal-esportazzjoni ta' dawn il-kummerċjanti relatati. Aktar dettalji dwar l-aġġustament ġew ipprovduti bħala parti mid-divulgazzjonijiet speċifiċi għall-kumpaniji sabiex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità.

(170) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Grupp Lavish asserixxa li, billi l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tiċħad il-marġni kummerċjali minn tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati għaliex ma kinux meqjusin bħala distakkati, l-aġġustament ta' marġni kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-kummissjoni attwali mħallsa mill-Grupp Lavish għall-bejgħ ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni lil aġent mhux relatat għat-twettiq tal-funzjonijiet ta' aġent fuq bażi ta' kummissjoni.

(171) Din l-asserzjoni kellha tiġi miċħuda. It-tranżazzjonijiet inkwistjoni kienu esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li nxtraw minn produtturi relatati fi ħdan il-Grupp Lavish. Dawn it-tranżazzjonijiet huma simili għal u l-aktar esportazzjonijiet li jixbhu l-prodott ikkonċernat li nxtraw minn fornituri mhux relatati fl-Indja. F'każijiet bħal dawn, marġni kummerċjali skont it-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku jiġi riċevut għand il-kummerċjant esportatur. B'kuntrast ma' dan, id-dħul fuq il-kummissjonijiet, kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku, huwa soġġett għal kundizzjonijiet kuntrattwali speċifiċi. Għall-kuntrarju ta' kummerċjant, aġent li jaħdem fuq bażi ta' kummissjoni ma jixtrix u ma jbigħx mill-ġdid il-prodott ikkonċernat iżda sempliċiment iservi ta' sensar għat-tranżazzjoni bejn il-bejjiegħ u x-xerrej. Barra minn hekk, skont il-prattika tal-Kummissjoni, l-aġġustamenti ta' marġni kummerċjali ġew ikkalkolati b'mod konsistenti fuq il-bażi tal-marġni kummerċjali riċevut mill-kummerċant rilevanti, jiġifieri ammont għall-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi flimkien ma' profitt. Peress li l-marġni kummerċjali preżenti li sar meta l-kummerċjant esportatur xtara mingħand produttur relatat ma kienx affidabbli fid-dawl tar-relazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni kellha tissostitwih b'marġni kummerċjali li jirrifletti l-kundizzjonijiet ta' distakkament, jiġifieri l-marġni kummerċjali li kummerċjant esportatur jirċievi meta jixtri mingħand fornituri mhux relatati fl-Indja.

(172) Il-Grupp Conor u l-Gvern tal-Indja asserew li l-aġġustament ta' marġni kummerċjali fil-prezz tal-esportazzjoni huwa inkonsistenti mal-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku. Argumentaw li l-aġġustament għall-prezz tal-esportazzjoni minħabba l-marġni kummerċjali riċevut minn kummerċjant skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku ġie applikat mingħajr ma ntwera li l-attivitajiet ta' negozjar fi ħdan kumpaniji relatati rriżultaw f'differenza fil-komparabbiltà tal-prezzijiet bejn is-suq domestiku u s-suq tal-esportazzjoni (it-tielet sentenza tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku).

(173) Din l-asserzjoni tqieset żbaljata. L-investigazzjoni kkonfermat l-eżistenza ta' marġni kummerċjali għall-bejgħ għall-esportazzjoni filwaqt li ma kien hemm l-ebda bejgħ domestiku, u għalhekk inħolqot differenza fil-komparabbiltà tal-prezzijiet skont it-tifsira tat-tielet sentenza tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku li kien jeħtieġ li tiġi kkumpensata skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku.

(174) Barra minn hekk, il-Grupp Conor argumenta li, fl-applikazzjoni tal-aġġustament, il-Kummissjoni ma kinitx talbet b'mod espliċitu informazzjoni mingħandu u lanqas ma ntalab juri jekk dawn il-prezzijiet kinux distakkati jew le (jiġifieri indikattivi ta' jekk il-prezzijiet kinux affidabbli jew le). Skont il-Grupp Conor, l-evidenza kollha fuq ir-rekord indikat li t-tranżazzjonijiet kollha fi ħdan il-Grupp Conor kienu distakkati. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa sab li l-applikazzjoni tal-marġni kummerċjali msemmi ma kinitx iġġustifikata.

(175) Fir-rigward ta' dan l-argument, il-Kummissjoni sabet li l-kummerċjant l-aktar importanti fi ħdan il-Grupp Conor (f'termini tal-volum tal-esportazzjonijiet totali tal-UE), kien jixtri l-prodott ikkonċernat mingħand fornituri relatati bi prezzijiet [10 % sa 15 %] ogħla milli mingħand fornituri mhux relatati. Barra minn hekk, il-marġi kummerċjali miksub fuq il-madum taċ-ċeramika esportat lejn l-Unjoni wara li jinxtara mingħand fornituri mhux relatati kien aktar mid-doppju tal-marġni kummerċjali miksub fuq il-madum taċ-ċeramika esportat lejn l-Unjoni wara li nxtara mingħand fornituri relatati. Il-Kummissjoni qieset dawn id-differenzi fil-prezz u fil-marġni kummerċjali wrew li t-tranżazzjonijiet bejn partijiet relatati fi ħdan il-Grupp Conor ma sarux b'mod distakkat.

(176) Il-Grupp Conor żied li Concor International ma wettqet l-ebda attività speċifika minbarra l-loġistika u l-ippakkjar ta' prodotti lesti minħabba li l-bejgħ kollu ġie nnegozjat u ffinalizzat għall-entitajiet kollha fi ħdan il-Grupp Conor. Il-Kummissjoni ċċarat li l-attivitajiet ta' Concor International kienu jmorru lil hinn minn dawk deskritti skont din l-asserzjoni. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, intbagħtu aktar dettalji biss lill-Grupp Conor.

(177) Il-Grupp Conor fakkar ukoll li l-Kummissjoni kienet talbet informazzjoni mingħand esportaturi negozjanti mhux relatati fix-xahar ta' April 2022. Aktar tard, il-Kummissjoni talbet informazzjoni dwar il-kost tax-xiri għal kull bejgħ ta' prodotti nnegozjati matul il-verifika fuq il-post. Iż-żewġ settijiet ta' *data* ntalbu mingħajr identifikazzjoni tal-iskop jew tal-mod li bih il-Kummissjoni tista' tikkunsidra din l-informazzjoni. Fin-nuqqas ta' tali talba jew kjarifika, l-informazzjoni użata mill-Kummissjoni mis-sottomissjonijiet tal-Grupp Conor u ta' partijiet interessati oħrajn kienet nieqsa minn akkuratezza kif muri fl-iżbalji klerikali fil-komputazzjoni tal-valur tal-marġni kummerċjali mill-Kummissjoni. Il-Grupp Conor żied li tali analiżi mill-Kummissjoni kellha titwettaq bħas-soltu, f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati, inkluż il-Grupp Conor, u spjega kif u għaliex inġabret id-*data* rilevanti. Għalhekk, ma jkun hemm l-ebda bażi fattwali u legali għall-applikazzjoni tas-suq u ksur tad-dritt ta' proċess ġust tal-Grupp Conor.

(178) L-asserzjoni kellha tiġi miċħuda. Il-Kummissjoni ma hijiex taħt l-obbligu li tispjega *a priori* lill-partijiet investigati, jew lil partijiet oħrajn li mingħandhom tfittex il-kooperazzjoni, għal liema skop preċiż tkun qiegħda tintalab, tiġi vverifikata u/jew se tintuża ċerta informazzjoni, dment li jiġu rrispettati t-talbiet għall-kunfidenzjalità. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tistax tipprevedi fi stadju bikri ta' proċediment anti-dumping inkluż l-istadju tat-twettiq ta' verifiki fuq il-post fil-bini tal-produtturi esportaturi, għal liema skop se jintuża eżattament kull sett ta' *data* miġbur. Il-proċess tat-talba, tal-ġbir u tal-verifika tad-*data* għandu l-għan li jitfittxu l-fatti. L-analiżi u l-valutazzjoni legali, li jinkludu d-determinazzjoni ta' għal liema skop tintuża d-*data* disponibbli, jitwettqu wara. Il-Kummissjoni ddivulgat l-informazzjoni kollha li fuqha bbażat is-sejbiet tagħha, filwaqt li ġġustifikat u tat ir-raġunijiet tagħha u tat l-opportunità lill-partijiet sabiex jikkummentaw dwar is-sejbiet kollha. Għalhekk, hija kkonformat mal-obbligi tagħha f'termini ta' trasparenza, ta' raġunament u ta' drittijiet tad-difiża.

(179) Il-Grupp Conor asserixxa wkoll li, li kieku l-aġġustament għall-prezz tal-esportazzjoni minħabba l-marġni kummerċjali riċevut minn kummerċjant skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku ġie applikat għall-bejgħ tiegħu, jenħtieġ li jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-marġni kummerċjali attwali miksub minn kummerċjanti tal-merkanzija mhux relatati li jixtru mingħand il-Grupp Conor u li jbigħu mill-ġdid għall-esportazzjoni, jew il-profitt medju miksub mill-kumpaniji negozjanti fl-Indja għall-madum taċ-ċeramika, jew medja ta' dawn iż-żewġ metodi. L-applikazzjoni ta' kwalunkwe wieħed minn dawn il-metodi tkun tiżgura li l-marġni kummerċjali medju ponderat uniku jkun "fil-biċċa l-kbira rappreżentattiv" u "affidabbli" fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli fir-rekord ta' din l-investigazzjoni mal-Kummissjoni. Il-Grupp Conor żied li l-użu ta' *data* ta' kumpaniji oħrajn inklużi fil-kampjun għall-komputazzjoni tal-marġni tad-dumping għall-Grupp Conor ma huwiex konsistenti mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(180) L-asserzjoni ġiet miċħuda. It-tranżazzjonijiet li kienu soġġetti għall-applikazzjoni tal-aġġustament ta' marġni kummerċjali msemmi kienu esportazzjonijiet magħmulin minn kummerċjanti/produtturi tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li kienu xtraw il-prodott ikkonċernat mingħand fornituri relatati. Kif imsemmi fil-premessa (175), il-marġni kummerċjali miksub fuq dawn it-tranżazzjonijiet ma setax jintuża mill-Kummissjoni bħala bażi għall-aġġustament skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku minħabba li kien affettwat mir-relazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati. Sintendi, il-marġni kummerċjali miksub mill-istess produtturi esportaturi meta xtraw il-prodott ikkonċernat mingħand fornituri mhux relatati kien l-eqreb sostitut disponibbli sabiex jieħu post il-marġni kummerċjali preċedenti. B'kuntrast ma' dan, il-marġnijiet proposti mill-Grupp Conor inkisbu minn partijiet li ma humiex parti mill-gruppi inklużi fil-kampjun ta' produtturi esportaturi.

(181) Fir-rigward tal-argument li l-użu ta' *data* ta' kumpaniji oħrajn inklużi fil-kampjun għall-komputazzjoni tal-marġni tad-dumping għall-Grupp Conor kien qiegħed jikser ir-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ċċarat li r-Regolament bażiku tabilħaqq kien jipprevedi xenarji li fihom id-*data* ta' partijiet oħrajn tintuża għall-finijiet tal-kalkolu ta' marġni tad-dumping applikabbli għal produtturi esportaturi individwali. Dan huwa pereżempju l-każ meta prezz tal-esportazzjoni jiġi aġġustat skont l-Artikolu 2(9), li jinvolvi l-użu ta' marġni ta' profitt miksub minn importaturi mhux relatati fl-Unjoni. Fir-rigward tal-każ preżenti, il-Kummissjoni tenniet li l-kalkolu tal-marġni kummerċjali medju ponderat fuq il-bażi tat-tranżazzjonijiet magħmulin mit-tliet gruppi kollha inklużi fil-kampjun żgura l-applikazzjoni ta' aġġustament rappreżentattiv b'mod wiesa' skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku.

(182) Il-Grupp Conor innota wkoll li, meta tikkalkola l-ammont għall-aġġustament, jenħtieġ li l-Kummissjoni żżomm f'moħħha żewġ definizzjonijiet tad-dizzjunarju tal-kelma "marġni kummerċjali", li, l-ewwel nett, ifisser "ammont miżjud mal-prezz tal-kost sabiex jiġi ddeterminat il-prezz tal-bejgħ, b'mod ġenerali: il-profitt", u, it-tieni, "żieda fil-prezz ta' xi ħaġa, pereżempju d-differenza bejn il-kost tagħha u l-prezz li bih tinbiegħ." Argumenta li, fiż-żewġ każijiet, it-tqabbil tal-prezz tal-kost mal-prezz tal-bejgħ, li jirriżulta fil-profitt huwa l-valur tal-marġni kummerċjali. Bi tweġiba għal dan, il-Kummissjoni fakkret li, skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-ġurisprudenza applikabbli, marġni kummerċjali jikkonsisti f'ammont għall-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi u fi profitt, li sa dak il-punt jiddevja mid-definizzjonijiet enċiklopediċi ssuġġeriti.

(183) Il-Grupp Conor allega wkoll li kien hemm żbalji klerikali fil-komputazzjoni tal-marġni kummerċjali. B'mod speċifiku, il-Grupp Conor argumenta li, jekk il-valur tal-bejgħ kien jinkludi l-irkupru tal-kostijiet tal-ippakkjar mill-klijent, iżda l-kost tax-xiri ma kienx jinkludi dan l-ammont, ikun jammonta għal għadd doppju tal-ammont tal-kost tal-ippakkjar fil-kwoti billi, l-ewwel, il-kost tal-ippakkjar kien inkluż fil-provvediment għall-marġni kummerċjali u, it-tieni, il-kost tal-ippakkjar kien minnu nnifsu aġġustat mill-ġdid mill-prezz tal-esportazzjoni fil-kalkolu mill-Kummissjoni tal-provvedimenti totali.

(184) Barra minn hekk, il-Grupp Conor asserixxa li l-kost totali tal-ispejjeż ġenerali u amministrattivi u tal-ispejjeż tal-finanzjament jenħtieġ li jiżdied mal-kost qabel ma jitqabbel mal-valur tal-bejgħ, u li l-Kummissjoni kienet żiedet mal-perċentwal tal-marġni kummerċjali r-rifużjoni tad-dazji mistennijin li jiġu riċevuti mill-esportaturi. Jekk il-Kummissjoni tkompli tapplika din iż-żieda, jenħtieġ li tippermetti wkoll aġġustament għall-valur normali għall-provvediment mitlub fuq l-imposti tal-importazzjoni u fuq it-taxxi indiretti.

(185) Il-Kummissjoni ċaħdet dawn l-asserzjonijiet. L-ewwel nett, fir-rigward tal-asserzjoni li l-kostijiet tal-ippakkjar jitnaqqsu darbtejn mill-prezz tal-esportazzjoni, il-Kummissjoni nnotat li l-Grupp Conor ma ssostanzjax l-asserzjoni tiegħu, tal-anqas minħabba li lanqas qatt ma wera provi u aħseb u ara kemm ikkwantifika l-ammont ta' kwalunkwe kost tal-ippakkjar inkluż fil-kostijiet totali tax-xiri tal-madum inkwistjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonfermat li d-*data* fil-fajl ma kienet tindika l-ebda għadd doppju tal-kostijiet tal-ippakkjar, hekk kif il-Grupp Conor deher li kien qiegħed jissuġġerixxi. L-aktar importanti, l-asserzjoni tbati minn difett fundamentali fir-rigward tal-kunċett tal-marġni kummerċjali skont it-tifsira tal-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku. Il-marġni kummerċjali huwa ugwali għad-differenza bejn il-prezz sħiħ tax-xiri mħallas (irrispettivament minn liema kostijiet, bħall-kostijiet tal-ippakkjar, il-fornitur seta' ġarrab) u d-dħul totali mill-bejgħ miksub mill-kummerċjant rispettiv. Fi kliem ieħor, il-marġni kummerċjali jikkonsisti fl-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi, fl-ispejjeż tal-finanzjament u fi profitt, flimkien ma' kwalunkwe dħul speċifiku ieħor miksub fuq il-bejgħ għall-esportazzjoni inkwistjoni. Sabiex jitqiesu dawn l-elementi kollha, l-approċċ tal-Kummissjoni li tuża l-marġni gross bejn il-prezzijiet tax-xiri fatturati minn fornituri mhux relatati u l-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid lil klijenti indipendenti huwa xieraq dment li l-aġġustament li għaldaqstant jirriżulta ma jkun jinkludi l-ebda aġġustament ieħor magħmul skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Għal din ir-raġuni, it-talba tal-Grupp Conor dwar kwalunkwe inklużjoni inġusta tal-ispejjeż ġenerali u amministrattivi u tal-ispejjeż tal-finanzjament fil-marġni kummerċjali applikat skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku ġiet miċħuda wkoll. It-tielet, il-Kummissjoni fakkret li r-rifużjoni tad-dazji li l-esportaturi rċivew iżżid b'mod effettiv id-dħul miksub fuq il-bejgħ għall-esportazzjoni inkwistjoni. B'kuntrast ma' dan, il-bejgħ domestiku ma huwiex soġġett għal tali rifużjoni. Għalhekk, l-applikazzjoni ta' aġġustament għall-valur normali għar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni riċevuti tkun żbaljata.

(186) Il-Grupp Conor identifika wkoll li l-formula tal-Kummissjoni użata għall-kalkolu tal-provvediment totali fil-bejgħ għall-esportazzjoni ta' Concor International kienet tgħodd darbtejn l-"Imposti tal-Iżdoganar u tal-Ispedizzjoni" peress li diġà kienu inklużi fil-formula għall-kalkolu ta' "spejjeż tal-immaniġġjar, tat-tagħbija u anċillari fil-bini fil-pajjiż esportatur" fl-elenkar tal-bejgħ għall-esportazzjoni. Il-Kummissjoni aċċettat din l-asserzjoni u, għalhekk, ikkoreġiet l-iżball klerikali identifikat favur il-produtturi esportaturi tal-Grupp Conor.

(187) Skont id-divulgazzjoni finali, il-Grupp Icon asserixxa li l-Kummissjoni ma misshiex naqqset il-marġni kummerċjali mill-bejgħ għall-esportazzjoni indirett tal-Grupp Icon lejn l-UE skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku peress li l-produtturi u l-kummerċjanti relatati mal-Grupp Icon jifformaw Entità Ekonomika Unika ("SEE") ([16]).

(188) F'dan il-kuntest, il-Grupp Icon allega li l-produtturi fi ħdan il-Grupp Icon jaqsmu organizzazzjoni unitarja ta' elementi personali, tanġibbli u intanġibbli, għarfien espert dwar il-provvista u għarfien espert dwar l-industrija bejniethom sabiex iwasslu marka Icon ta' kwalità għolja u għandhom interess formali u personali fis-suċċess ekonomiku tal-kumpaniji relatati tagħhom. Barra minn hekk, kompla l-Grupp Icon, huwa jaqsam katalogu wieħed ta' prodotti u għandu sit web wieħed, imsejjaħ "Icon World of Tile", li jirreferi għall-"kumpanija". Dak is-sit web għandu punt uniku ta' kuntatt għall-ordnijiet tal-klijenti.

(189) Il-Grupp Icon indika s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Matsushita Electric Industrial, li skont din "id-diviżjoni tal-attivitajiet ta' produzzjoni u tal-attivitajiet ta' bejgħ fi ħdan grupp magħmul minn kumpaniji legalment distinti ma tista' qatt tbiddel il-fatt li dawk il-kumpaniji huma SEE li torganizza b'dak il-mod attivitajiet li f'każijiet oħrajn jitwettqu minn dik li, anki mil-lat legali, hija entità waħda." ([17])

(190) L-asserzjoni tal-produtturi esportaturi fi ħdan il-Grupp Icon li għandhom jitqiesu bħala SEE ġiet miċħuda. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, id-dettalji fir-rigward ta' din il-valutazzjoni ntbagħtu biss lill-Grupp Icon.

(191) Il-Grupp Icon asserixxa wkoll li l-Kummissjoni ma kienet iċċitat l-ebda evidenza dwar għaliex qieset li "għal tranżazzjonijiet indiretti, il-produtturi esportaturi relatati kienu jaġixxu bħala kummerċjanti li l-funzjonijiet tagħhom kienu simili għal dawk ta' aġent li jaħdem fuq bażi ta' kummissjonijiet."

(192) Il-Kummissjoni kkunsidrat din l-asserzjoni bħala infondata. Ma huwiex ikkontestat li t-tranżazzjonijiet rilevanti twettqu f'żewġ passi, l-ewwel kummerċjant/produttur fi ħdan il-Grupp Icon kien jixtri l-prodott ikkonċernat minn produttur relatat, it-tieni l-istess kummerċjant/produttur kien jesporta l-prodott ikkonċernat mixri b'dan il-mod lejn l-Unjoni. Għalhekk, hemm evidenza li l-attivitajiet tal-kummerċjanti jitwettqu mill-kummerċjant/mill-produttur rispettiv fil-Grupp Icon.

(193) Bħala alternattiva, il-Grupp Icon sostna li l-bejgħ domestiku u tal-esportazzjoni jiġi ttrattat b'mod ugwali, li jfisser li jenħtieġ li jiġi applikat marġni kummerċjali wkoll għall-bejgħ domestiku indirett tal-Grupp.

(194) Il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni billi l-kuntratti ta' bejgħ domestiku u l-kuntratti ta' bejgħ għall-esportazzjoni kienu jvarjaw min-natura tagħhom. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, id-dettalji fir-rigward ta' din il-valutazzjoni ntbagħtu biss lill-Grupp Icon.

(195) Grupp wieħed ta' produtturi esportaturi talab aġġustamenti għall-valur normali u għall-prezz tal-esportazzjoni għall-kostijiet ta' kreditu tal-inventarju, jiġifieri l-kost finanzjarju teoretiku għall-merkanzija maħżuna, skont l-Artikolu 2(10)(k) tar-Regolament bażiku. It-talba ġiet miċħuda, peress li ma setax jiġi ssostanzjat li d-differenza fiż-żmien li matulu l-merkanzija nżammet maħżuna kienet taffettwa l-komparabbiltà tal-prezzijiet.

(196) L-istess grupp ta' produtturi esportaturi talbu wkoll aġġustament relatat mal-kostijiet tar-reklamar, li jikkonsisti fil-kostijiet tal-istabbiliment ta' kartelluni qrib Morbi/Gujarat, il-post tal-produzzjoni, imġarrbin għall-bejgħ fis-suq domestiku, skont l-Artikolu 2(10)(k) tar-Regolament bażiku. Il-grupp la seta' jikkwantifika aġġustament bħal dan u lanqas juri li affettwa l-komparabbiltà tal-prezzijiet. Għalhekk, it-talba ġiet miċħuda.

(197) Fl-aħħar nett, il-kumpaniji kollha inklużi fil-kampjun talbu aġġustamenti għall-valur normali skont l-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament bażiku dwar l-allegati imposti tal-importazzjoni u t-taxxi indiretti. Madankollu, l-investigazzjoni żvelat li t-talba kienet infondata. Fil-fatt, l-esportaturi inklużi fil-kampjun kienu jirċievu, minn żewġ skemi (in-Notifika Nru 07/2020-CUSTOMS (N.T) u Remissjoni tad-Dazji u tat-Taxxi fuq Prodotti Esportati (RODTEP)) rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni li jiswew 2 % tal-valur tal-fattura tal-esportazzjoni, irrispettivament minn jekk id-dazji tal-importazzjoni jew it-taxxi indiretti tħallsux għall-materja prima li ġiet inkorporata fil-madum

([16]) Il-Grupp Icon irrefera għal C-468/15 P, PT Musim Mas vs Il-Kunsill, EU:C:2016:803, il-punt 39; u C-468/15 P, PT Musim Mas vs Il-Kunsill, EU:C:2016:803, il-punt 42; il-Kawża T-716/19, Interpipe Niko Tube u Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant vs Il-Kummissjoni, ECLI:EU:T:2021:457, il-punt 133.

([17]) C-104/90, Matsushita Electric Industrial vs Il-Kunsill, EU:C:1993:837, il-punt 9.

esportat. Ir-rifużjonijiet ngħataw wara s-sempliċi prova tal-esportazzjoni tal-merkanzija. Dawn l-asserzjonijiet ġew miċħudin, minħabba li r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni attwali ma setgħux ikunu marbuta ma' kwalunkwe ammont li jikkorrispondi għal kwalunkwe imposta fuq l-importazzjoni jew taxxa indiretta mġarrba mill-prodott simili u minn materjali inkorporati fiżikament fih, kif previst fl-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament bażiku.

3.1.4. *Marġnijiet tad-dumping*

(198) Għall-gruppi ta' produtturi esportaturi fil-kampjun li kkooperaw, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(199) Għal dan l-għan, għall-produtturi esportaturi kollha fi grupp, ġie kkalkolat marġni tad-dumping speċifiku fuq il-bażi tal-metodoloġija stabbilita hawn fuq. Minn hemm 'il quddiem, ġie kkalkolat marġni tad-dumping medju ponderat għall-grupp kollu.

(200) Fid-divulgazzjoni finali speċifika għall-kumpaniji tat-28 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni kienet iddivulgat lil tnejn mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, il-Grupp Conor u l-Grupp Icon, li kienet sabet xierqa sabiex terġa' tikkalkola l-prezzijiet CIF li kienu pprovdew bl-użu tad-*data* dwar it-trasport mill-bażi tad-*data* Global Trade Atlas™ ta' IHS Markit. Wara d-divulgazzjoni finali, iż-żewġ partijiet asserew li l-Kummissjoni missha pprovdiet informazzjoni aktar dettaljata dwar għaliex il-Kummissjoni ma kinitx aċċettat il-prezzijiet CIF irrapportati tagħhom u kienet stabbiliet il-prezzijiet CIF fuq bażi alternattiva. Wara li l-Kummissjoni kienet ipprovdiet din l-ispjegazzjoni addizzjonali permezz ta' Nota għall-fajl, huma asserew, fost l-oħrajn, li wieħed mis-settijiet tad-*data* użati mill-Kummissjoni kellu bżonn jiġi aġġustat. Il-Kummissjoni qablet li d-*data* sottostanti li kienet użat ma kinitx akkurata u rrevediet il-kalkoli kif xieraq.

(201) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Grupp Conor indika inakkuratezza fil-kalkolu tad-dumping tiegħu peress li l-Kummissjoni kienet għoddiet dabtejn il-provvediment għal ċerti kostijiet loġistiċi li saru għall-bejgħ tiegħu lill-Unjoni. L-asserzjoni ġiet aċċettata u l-kalkolu ġie kkoreġut kif xieraq.

(202) Il-marġnijiet tad-dumping definittivi, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping definittiv
Il-Grupp Conor	8,7 %
Il-Grupp Icon	6,7 %
Il-Grupp Lavish	0 %

(203) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw li ma humiex inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni kkalkolat il-marġni tad-dumping medju ponderat, f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, dak il-marġni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-marġnijiet taż-żewġ gruppi inklużi fil-kampjun ta' produtturi esportaturi li għalihom setgħu jiġu stabbiliti marġnijiet tad-dumping, filwaqt li ġie injorat il-marġni tal-grupp ta' produtturi esportaturi b'żero marġni tad-dumping.

(204) Fuq din il-bażi, il-marġni tad-dumping proviżorju tal-produtturi esportaturi li kkooperaw u mhux inklużi fil-kampjun huwa ta' 7,3 %.

(205) Wara d-divulgazzjoni finali, diversi produtturi esportaturi Indjani mhux inklużi fil-kampjun kienu asserew li l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi l-metodoloġija dettaljata użata mill-Kummissjoni għall-kalkolu tal-marġnijiet għal kumpaniji Indjani inklużi fil-kampjun u mhux inklużi fil-kampjun. Din l-asserzjoni kienet marbuta ma' asserzjonijiet simili magħmulin mill-produtturi esportaturi Indjani inklużi fil-kampjun li kienu jagħmlu parti mill-Grupp Conor u mill-Grupp Lavish. Dawn l-asserzjonijiet huma indirizzati fil-premessi (170) sa (186).

(206) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fl-Indja, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum ta' esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi għall-Unjoni li kkooperaw espress bħala proporzjon tal-importazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, li ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-istatistiki dwar l-importazzjoni mill-Eurostat (Comext).

(207) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ tqies li huwa għoli minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jikkostitwixxu madwar 84 % tal-importazzjonijiet totali matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx fil-livell tal-grupp ta' produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun bl-ogħla marġni tad-dumping.

(208) Il-marġnijiet tad-dumping definittivi, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping definittiv
Il-Grupp Conor	8,7 %
Il-Grupp Icon	6,7 %
Il-Grupp Lavish	0 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	7,3 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	8,7 %

3.2. **It-Turkija**

3.2.1. *L-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku*

3.2.1.1. Il-Grupp Bien & Qua

(209) Fir-rigward tal-Grupp Bien & Qua, matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni staqsiet dwar in-natura tar-relazzjoni bejn il-manifatturi u l-kummerċjanti relatati fil-parti Torka tal-Grupp Bien & Qua. L-informazzjoni pprovduta mill-kumpaniji u miġbura mill-Kummissjoni minn sorsi oħrajn wasslet lill-Kummissjoni sabiex tikkonkludi li l-grupp naqas milli jipprovdi l-informazzjoni neċessarja dwar arranġamenti kuntrattwali bil-miktub.

(210) Il-Kummissjoni informat lill-kumpanija bl-intenzjoni tagħha li tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku fir-rigward tal-informazzjoni li hija naqset milli tipprovdi.

(211) L-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Grupp Bien & Qua wara l-ittra tal-Artikolu 18 ma biddlux il-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-grupp naqas milli jipprovdi l-informazzjoni neċessarja dwar l-arranġamenti kuntrattwali bil-miktub.

(212) Bħala riżultat ta' dan, il-Kummissjoni kkonfermat l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

3.2.1.2. Il-Grupp Hitit

(213) Fil-21 ta' Novembru 2022, il-Grupp Hitit talab lill-Kummissjoni tinjora l-informazzjoni pprovduta fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju billi l-iżbalji fiha ma kinux jippermettu lill-Kummissjoni tikkalkola "sejba raġonevolment akkurata" fis-sens tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku, u tittratta lill-Grupp Hitit bħala produttur esportatur li kkoopera mhux inkluż fil-kampjun li jkun ifisser li jkun soġġett għal-livell medju ta' dazju tal-kampjun. F'din is-sottomissjoni, huwa ppropona wkoll xi korrezzjonijiet għat-tweġiba tiegħu u pprovda kalkolu alternattiv tad-dumping bil-korrezzjonijiet imwettqin. Fis-7 ta' Diċembru 2022, il-parti tenniet it-talba tagħha li tapplika l-Artikolu 18 għall-informazzjoni pprovduta u vverifikata u t-talba kienet appoġġata mill-GtT.

(214) Bħala kwistjoni ta' limitu, il-Kummissjoni fakkret li s-sottomissjoni ta' kalkolu tal-marġni tad-dumping rivedut wara d-divulgazzjoni finali u t-talba sabiex jiġi applikat l-Artikolu 18 għall-informazzjoni pprovduta u vverifikata fi żmien debitu saru fi stadju li fih il-Kummissjoni ma kinitx għadha f'pożizzjoni li tivverifika u, għalhekk, tikkunsidra *data* ġdida. Għal din ir-raġuni biss, it-talba u l-ispjegazzjonijiet u d-*data* l-ġodda pprovduti mill-Grupp Hitit jenħtieġ li jiġu miċħudin. L-informazzjoni sottomessa mill-Grupp Hitit matul l-investigazzjoni nstabet mill-Kummissjoni li ma kinitx nieqsa tant li tikkawża diffikultà eċċessiva sabiex wieħed tasal għal sejba raġonevolment akkurata. L-informazzjoni ġiet sottomessa fi żmien xieraq u vverifikata matul żjara ta' verifika. Għalhekk, anki jekk l-informazzjoni ma kinitx ideali f'kull aspett, ma ġietx injorata f'konformità mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku.

(215) Għall-finijiet ta' kompletezza u mingħajr preġudizzju għal dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni nnotat li l-fatt li l-Grupp Hitit ippreżenta kalkolu alternattiv tad-dumping kien jikkontradixxi l-allegazzjoni tiegħu li ma setax jiġi ddeterminat marġni tad-dumping għall-Grupp Hitit. Barra minn hekk, l-argument tal-Grupp Hitit fuq il-bażi tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku jenħtieġ li jiġi miċħud peress li huwa bbażat fuq qari *a contrario* ta' din id-dispożizzjoni. L-Artikolu 18(3) jirrikjedi li l-Kummissjoni tuża l-informazzjoni pprovduta, sakemm ma jiġux issodisfati ċerti kundizzjonijiet. Ma jirrikjedix li l-Kummissjoni tinjora d-*data* jekk il-Kummissjoni tqis li tali *data* tkun xierqa peress li tkun ġiet ipprovduta mill-kumpanija u vverifikata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-allegati żbalji fit-tweġiba għall-kwestjonarju asseriti mill-parti kienu jikkonċernaw prinċipalment klassifikazzjoni ħażina ta' xi tranżazzjonijiet skont il-PCNs rilevanti għat-tipi ta' prodotti li jirrappreżentaw sehem żgħir biss mit-tranżazzjonijiet tal-bejgħ tagħha lill-UE. Il-Kummissjoni enfasizzat li hija kkalkolat il-marġni tad-dumping tal-Grupp Hitit bil-mod ippreżentat fit-taqsimiet ta' hawn taħt fid-dawl tas-settijiet ta' *data* li ġew sottomessi u vverifikati fil-ħin. Il-kumpanija kellha wkoll l-opportunità li tagħmel kummenti dwar ir-rapport ta' verifika. Ma saret l-ebda allegazzjoni fil-ħin dwar inkorrettezza fid-*data* pprovduta u vverifikata mill-Kummissjoni. Ladarba l-Kummissjoni tkun irċeviet id-*data* neċessarja, ivverifikatha u kkunsidratha affidabbli sabiex tagħmel il-kalkoli tad-dumping tagħha, l-allegazzjonijiet mill-kumpanija dwar l-iżbalji fid-*data* sottostanti jkunu kemm mhux ġustifikati kif ukoll mhux verifikabbli. Għalhekk, jenħtieġ li dawk l-allegazzjonijiet tard jiġu miċħuda u jenħtieġ li d-*data* sottomessa u vverifikata mill-Kummissjoni tiġi aċċettata f'konformità mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, ir-raġunijiet dettaljati għaliex it-talbiet tal-Grupp Hitit datati s-7 ta' Diċembru 2022 ma setgħux jinżammu ġew iddivulgati biss lill-parti kkonċernata.

3.2.2. *Valur normali*

(216) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' kull produttur esportatur li kkoopera inkluż fil-kampjun kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk it-total tal-volum ta' bejgħ domestiku tal-prodott simili lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull produttur esportatur ikun jirrappreżenta tal-anqas 5 % tal-volum totali tiegħu ta' bejgħ għall-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-bejgħ totali minn kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun tal-prodott simili fis-suq domestiku kien rappreżentattiv.

(217) Imbagħad, il-Kummissjoni identifikat it-tipi ta' prodotti mibjugħa fuq livell domestiku li kienu identiċi jew komparabbli għat-tipi ta' prodotti mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni għall-produtturi esportaturi b'bejgħ domestiku rappreżentattiv. Il-Kummissjoni sabet li l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kienu jbigħu madum ta' kwalità prima u subottimali fis-suq domestiku filwaqt li bażikament kienu jbigħu biss kwalità prima għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Matul il-proċess tal-produzzjoni, wara diversi kontrolli tal-kwalità , il-produtturi esportaturi jqisu l-madum taċ-ċeramika li jkun ta' anqas minn kwalità perfetta bħala kwalità "subottimali". Dan il-madum substandard kien jinbiegħ bi prezzijiet imraħħsin. Għalhekk, sabiex tagħmel tqabbil ġust mal-prezz għall-Unjoni, il-Kummissjoni qieset biss il-bejgħ domestiku ta' kwalità prima għall-kalkolu tal-valur normali. Wara d-divulgazzjoni finali, il-Grupp Hitit talab l-inklużjoni ta' madum substandard fil-kalkoli tagħha minħabba li l-volumi kienu sinifikanti u li kien possibbli li jsiru aġġustamenti għad-differenzi bejn il-prodotti ta' kwalità subottimali meta mqabblin mal-prodotti ta' kwalità prima. Il-Kummissjoni ċaħdet it-talba tal-Grupp Hitit, fin-nuqqas ta' kwalunkwe proposta konkreta dwar kif seta' jsir aġġustament bħal dan. Wara d-divulgazzjoni finali, il-Grupp Hitit talab l-inklużjoni fil-kalkolu tad-dumping tiegħu ta' subkategorija speċifika waħda ta' prodotti li kienet tqieset mill-Kummissjoni ta' kwalità subottimali u, għalhekk, f'konformità mal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, kienet eskluża mill-kalkolu tal-valur normali. It-talba kienet ibbażata fuq ir-raġuni li l-volumi tal-bejgħ ta' din il-kategorija ta' prodotti kienu sinifikanti u li dawn il-prodotti kienu jikkonċernaw prodotti ta' kwalità prima. Wara analiżi xierqa tad-*data* pprovduta mill-kumpanija, il-Kummissjoni kkonkludiet li din is-subkategorija ta' prodotti kienet tikkwalifika bħala prodotti ta' kwalità prima u, għalhekk, aċċettat it-talba tal-Grupp Hitit.

(218) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-bejgħ domestiku minn kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun fis-suq domestiku tiegħu għal kull tip ta' prodott li huwa identiku jew komparabbli ma' tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott huwa rappreżentattiv jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali ta' bejgħ għall-esportazzjoni tat-tip ta' prodott identiku jew komparabbli lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni stabbiliet li l-bejgħ domestiku ta' ħafna mit-tipi ta' prodotti kien rappreżentattiv. Għal kull wieħed mit-tliet esportaturi, għal xi tipi ta' prodotti li ġew esportati lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, jew ma kien hemm l-ebda bejgħ domestiku, jew il-bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott kien anqas minn 5 % fil-volum u għalhekk ma kienx rappreżentattiv.

(219) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefiniet il-proporzjon tal-bejgħ profittabbli lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku attwali għall-kalkolu tal-valur normali, f'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(220) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku effettiv għal kull tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ huwiex profittabbli jew le, jekk:

(a) il-volum ta' bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett li huwa daqs jew ogħla mill-kost tal-input ikkalkolat, irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; u

(b) l-prezz tal-bejgħ medju ponderat ta' dak it-tip ta' prodott ikun daqs jew ogħla mill-kost tal-input ta' unità.

(221) F'dan il-każ, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(222) Il-valur normali huwa l-prezz domestiku effettiv għal kull tip ta' prodott tal-bejgħ domestiku bi profitt tat-tipi ta' prodotti biss matul il-perjodu ta' investigazzjoni, jekk:

(a) il-volum ta' bejgħ profittabbli tat-tip ta' prodott jirrappreżenta 80 % jew anqas mill-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip: jew

(b) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott ikun anqas mill-kost tal-input ta' unità.

(223) L-analiżi tal-bejgħ domestiku wriet li aktar minn 60% tal-bejgħ domestiku kollu tal-Grupp Vitra u aktar minn 70 % tal-bejgħ domestiku kollu tal-Grupp Hitit u tal-Grupp Bien & Qua kien profittabbli u li l-prezz medju ponderat tal-bejgħ kien ogħla mill-kost tal-input. Għaldaqstant, il-valur normali ġie kkalkolat bħala medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu matul il-perjodu ta' investigazzjoni jew medja ponderata tal-bejgħ bi profitt biss.

(224) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Grupp Hitit ikkontesta l-esklużjoni mill-elenkar tal-bejgħ domestiku tal-kumpanija ta' ċertu bejgħ ittikkettat mill-parti bħala "bejgħ reġistrat għall-esportazzjoni" fid-dawl tal-volum għoli tiegħu. Fid-dawl tal-elementi fil-fajl li jappoġġaw l-asserzjoni, il-Kummissjoni aċċettat li tinkludi dawn il-volumi ta' bejgħ fil-kalkoli tal-valur normali peress li ma setax jiġi stabbilit li dan il-bejgħ eventwalment ġie esportat.

(225) Meta tip ta' prodott ma kienx jinbiegħ fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku. Meta ma kien hemm l-ebda bejgħ jew bejgħ insuffiċjenti ta' tip ta' prodott tal-prodott simili fil-perkors normali tan-negozju fis-suq domestiku, il-valur normali nħadem jew (minħabba li l-prezz tal-bejgħ domestiku ta' produtturi oħrajn inklużi fil-kampjun għal dak it-tip ta' prodott ma setax jiġi ddivulgat b'mod sinifikattiv mingħajr ma tinkiser il-kunfidenzjalità ta' dawk il-produtturi) intuża l-prezz ta' esportatur ieħor fil-perkors normali tan-negozju, u ġie pprovdut sommarju mhux kunfidenzjali xieraq ta' dik l-informazzjoni lill-parti interessata kkonċernata.

(226) Il-valur normali nħadem billi żdied dan li ġej mal-kost tal-input medju tal-prodott simili ta' kull produttur esportatur inklużi fil-kampjun li kkoopera matul il-perjodu ta' investigazzjoni:

(a) l-ispejjeż SG&A medji ponderati mġarrbin mill-produttur esportatur inkluż fil-kampjun li kkoopera fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-perkors normali tan-negozju, matul il-perjodu ta' investigazzjoni; u

(b) l-profitt medju ponderat magħmul mill-produttur esportatur inkluż fil-kampjun li kkoopera fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-perkors normali tan-negozju, matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(227) Għat-tipi ta' prodotti mhux mibjugħa fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, ġew miżjuda l-ispejjeż tal-SG&A medji u l-profitt tat-tranżazzjonijiet li saru matul il-perkors normali tan-negozju fis-suq domestiku għal dawk it-tipi. Għat-tipi ta' prodotti mhux mibjugħin għalkollox fis-suq domestiku, ġew miżjuda l-ispejjeż tal-SG&A medji ponderati u l-profitt tat-tranżazzjonijiet kollha li saru matul il-perkors normali tan-negozju fis-suq domestiku.

(228) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Grupp Hitit iddikjara li fil-kalkoli ċerti PCNs kellhom SG&A u profitt għoljin b'mod mhux tas-soltu meta mqabblin mal-proporzjonijiet tal-kumpanija. Meta jitqiesu l-ispjegazzjonijiet addizzjonali pprovduti mill-parti, inklużi l-iżbalji fir-rapportar tagħha, fuq bażi eċċezzjonali u fid-dawl tas-sitwazzjoni speċifika tal-każ, għal żewġ PCNs il-Kummissjoni bniet il-valur normali fuq il-bażi tal-kumpanija. Wara d-divulgazzjoni parzjali addizzjonali, il-Grupp Hitit talab li jiġu injorati l-kostijiet tal-produzzjoni ta' xi madum, meqjusin bħala mhux rappreżentattivi. Il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni, li kienet ibbażata fuq sett ta' *data* ġdid mhux verifikat li ma setax jiġi rrikonċiljat mad-*data* vverifikata. Il-Kummissjoni ddivulgat ir-raġunament tagħha f'aktar dettall permezz ta' divulgazzjoni individwali biss lill-parti kkonċernata għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

(229) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Grupp Vitra ikkontesta l-inklużjoni ta' ċerti tranżazzjonijiet ta' bejgħ fil-kalkoli tal-valur normali tiegħu peress li jikkonċernaw prodotti manifatturati barra mit-Turkija. Wara li vvalutat kif xieraq l-evidenza ta' sostenn, il-Kummissjoni aċċettat it-talba u rrevediet il-kalkoli kif xieraq.

3.2.3. *Prezz tal-esportazzjoni*

(230) Il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kienu jesportaw lejn l-Unjoni jew direttament lil konsumaturi indipendenti jew permezz ta' importaturi relatati.

(231) Meta l-prodott ikkonċernat kien jiġi esportat direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz li effettivament tħallas jew dak pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta nbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(232) Meta l-prodott ikkonċernat kien jiġi esportat lejn l-Unjoni permezz ta' importatur relatat, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, saru aġġustamenti għall-prezz għall-kostijiet kollha mġarrbin bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inklużi l-ispejjeż SG&A, u għall-profitti li jakkumulaw, fuq il-bażi tal-profitt stabbilit f'din l-investigazzjoni għal importaturi mhux relatati (ara l-premessi (429) u (430)).

(233) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Grupp Bien & Qua asserixxa li ma kien iġġustifikat l-ebda tnaqqis tal-SG&A u tal-profitt skont l-Artikolu 2(9) minħabba li l-entitajiet differenti fil-grupp kienu jifformaw entità ekonomika waħda. Il-parti ddikjarat li l-kumpaniji relatati aġixxew bħala parti min-network tal-esportazzjoni tal-produtturi, li l-entitajiet kollha kienu ekonomikament ikkontrollati u ġestiti mill-istess persuni u li ż-żjarat ta' verifika saru bażikament biss fil-bini tal-produtturi. Hija allegat li l-fatt li kumpaniji relatati kellhom fornituri mhux relatati u/jew li kienu jittrattaw prodotti oħrajn ma kellu l-ebda impatt fuq l-istatus tal-entità ekonomika unika tal-grupp. Il-Grupp Bien & Qua asserixxa wkoll li l-ebda tnaqqis tal-SG&A u tal-profitt ma kien ġustifikat skont l-Artikolu 2(9) għal kummerċjant relatat li jinsab barra mill-Unjoni mingħajr funzjonijiet ta' importazzjoni.

(234) Ta' min jinnota li, anke li kieku l-grupp kien entità ekonomika waħda (*quod non*, kif konkluż fit-taqsima li jmiss), l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku jitlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-prezz tal-esportazzjoni fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni. Minħabba l-mod kif il-grupp kien jorganizza l-bejgħ fl-Unjoni, ikun inġust li jiġi ttrattat bl-istess mod il-bejgħ li l-produtturi esportaturi għaddew lejn l-Unjoni permezz ta' importaturi relatati u l-bejgħ dirett lejn l-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li, meta l-prodott ikkonċernat ġie esportat lejn l-Unjoni permezz ta' importatur relatat, kien ġustifikat li jsiru aġġustamenti għall-ispejjeż SG&A u għall-profitti miksubin mill-importatur kif stabbilit mill-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Fir-rigward tal-aġġustamenti għal negozjant relatat barra mill-Unjoni, il-Kummissjoni ċċarat li, għall-kuntrarju ta' dak li ddikjarat il-Kummissjoni fid-divulgazzjoni speċifika lill-grupp, il-bażi ġuridika għall-aġġustament kienet l-Artikolu 2(10)(i), li huwa konformi mal-prattika tal-Kummissjoni f'investigazzjonijiet oħrajn, li tkun iġġustifikata anki li kieku l-kummerċjant ma kellu l-ebda funzjoni ta' importazzjoni.

(235) Tnejn mill-gruppi inklużi fil-kampjun kienu jbigħu volumi negliġibbli ta' madum ta' kwalità subottimali (ara l-premessa (217)) lejn l-Unjoni. Dan il-bejgħ ġie eskluż mill-volumi użati sabiex jiġi stabbilit il-prezz tal-esportazzjoni. Dan l-approċċ inżamm wara d-divulgazzjoni finali, kif innotat fil-premessa (217) *in fine*.

3.2.4. *Tqabbil*

(236) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

(237) Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għall-kostijiet tat-trasport, tal-assigurazzjoni, tal-immaniġġjar, tat-tagħbija u dawk anċillari, għall-kostijiet tal-iżdoganar tal-merkanzija u dawk assimilati, għall-kummissjonijiet, għall-iskontijiet u għar-ribassi.

(238) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Grupp Hitit ikkontesta dak il-fatt li l-Kummissjoni kienet ċaħdet aġġustament tal-kost tal-kreditu. Il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni. Il-Kummissjoni ċaħdet l-aġġustament minħabba li l-parti naqset milli turi, kif mitlub fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, li l-kost ta' kwalunkwe kreditu mogħti kien tabilħaqq fattur ikkunsidrat fid-determinazzjoni tal-prezzijiet mitlubin.

(239) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-Grupp Hitit spiss kien jesporta madum taċ-ċeramika lejn l-Unjoni permezz ta' kummerċjanti relatati li jinsabu t-Turkija. Il-Kummissjoni sabet li l-funzjonijiet ta' dawn il-kummerċjanti relatati kienu simili għal dawk ta' aġent billi kienu jirċievu marġni kummerċjali għas-servizzi tagħhom.

(240) Il-kummerċjanti relatati tal-Grupp Bien & Qua fit-Turkija involuti fil-bejgħ lejn l-Unjoni kienu jirċievu marġni kummerċjali għas-servizzi tagħhom u kellhom funzjonijiet simili għal dawk ta' aġent remunerat fuq bażi ta' kummissjonijiet.

(241) Il-Kummissjoni ddivulgat aktar dettalji ta' dawn is-sejbiet permezz ta' divulgazzjoni individwali biss lill-grupp ikkonċernat għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

(242) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, għall-produtturi esportaturi kollha inklużi fil-kampjun (jew il-gruppi tagħhom), għall-bejgħ lejn l-Unjoni li jinvolvi partijiet relatati fit-Turkija, il-prezz tal-esportazzjoni ġie aġġustat skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni naqqset mill-prezz tal-esportazzjoni l-kostijiet tal-SG&A tal-parti (jiet) relatata/i u l-profitt deskritt fil-premessa (232) *in fine*.

(243) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Grupp Bien & Qua asserixxa li ma kien iġġustifikat l-ebda tnaqqis tal-SG&A u tal-profitt skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku minħabba li l-entitajiet differenti fil-grupp kienu jifformaw entità ekonomika waħda.

(244) Fil-fehma tal-Kummissjoni, diversi fatturi jikkontradixxu l-asserzjoni ta' entità ekonomika waħda għal dan il-grupp. Il-fatt li l-entitajiet tal-Grupp Bien & Qua kienu ekonomikament ikkontrollati u ġestiti mill-istess persuni u li ż-żjarat ta' verifika saru l-aktar fil-bini tal-produtturi ma kinux neċessarjament jagħmlu lill-grupp entità ekonomika waħda. Il-Kummissjoni nnotat li l-produtturi u l-kummerċjanti relatati kienu bbażati f'postijiet differenti (b'uffiċċji reġistrati f'postijiet differenti minn dawk tal-manifatturi relatati) u li l-kummerċjanti relatati spiss kellhom fornituri mhux relatati u/jew kienu jittrattaw prodotti oħrajn minbarra l-prodott li qed jiġi investigat. Barra minn hekk, kien hemm dipartimenti tal-bejgħ f'entitajiet differenti, inklużi l-entitajiet manifatturi, bi rwoli differenti. Għalhekk, ma setax

jingħad li dawk il-kummerċjanti relatati kienu qegħdin joperaw bħala d-dipartiment intern tal-bejgħ tal-produtturi relatati. Dawn l-elementi, u filwaqt li jitqiesu wkoll in-nuqqas ta' informazzjoni sostanzjata biżżejjed li tippermetti fehim ċar tal-arranġamenti fost l-entitajiet relatati fil-Grupp Bien & Qua (ara t-taqsima 3.2.1.), żammew lill-Kummissjoni milli taċċetta l-asserzjoni ġenerali tal-Grupp Bien & Qua dwar entità ekonomika waħda.

(245) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Grupp Bien & Qua asserixxa li ma kien iġġustifikat l-ebda tnaqqis tal-SG&A u tal-profitt skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku minħabba l-approċċ tal-Kummissjoni f'investigazzjoni reċenti ([18]), li skont dan aġġustament skont l-Artikolu 2(10)(i) ikun inkonsistenti mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku.

(246) Il-Kummissjoni ma qablitx. L-ewwel nett, il-Kummissjoni nnotat li, tabilħaqq, l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, li jiddetermina l-valur normali, u l-Artikoli 2(8) u 2(9) tar-Regolament bażiku, li jiddeterminaw il-prezz tal-esportazzjoni, huma fformulati b'mod differenti. Il-fatt li l-prezzijiet tal-esportazzjoni huma stabbiliti b'mod differenti mill-prezzijiet domestiċi fih innifsu ma jwassalx għal paragun inġust. Barra minn hekk, il-parti qabblet sitwazzjonijiet fattwali inkomparabbli. L-investigazzjoni kkwotata mill-Grupp Bien & Qua tirreferi għal ċentru tas-servizzi tal-azzar li kien integrat fil-katina tal-produzzjoni tal-manifattur. Fid-dawl tal-operazzjonijiet tiegħu, iċ-ċentru tas-servizzi tal-azzar ma setax jitqies li qiegħed iwettaq funzjonijiet simili għal dawk ta' aġent li jaġixxi fuq bażi ta' kummissjonijiet skont it-tifsira tal-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku. Is-sitwazzjoni kienet ċertament differenti f'din l-investigazzjoni, bil-kummerċjanti relatati li ma kinux integrati fil-katina tal-produzzjoni tal-Grupp Bien & Qua.

(247) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Grupp Bien & Qua asserixxa li, jekk il-Kummissjoni tiċħad l-asserzjoni ta' entità ekonomika waħda, kwalunkwe tnaqqis tal-SG&A u tal-profitt skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku jkun bla bażi minħabba li joħloq differenzi mhux ġustifikati u paragun inġust tal-valur normali u tal-prezz tal-esportazzjoni. Il-parti żiedet li l-kanali tal-bejgħ tagħha kienu l-istess fis-swieq domestiċi u tal-esportazzjoni. Din l-aħħar dikjarazzjoni kienet tikkontradixxi dikjarazzjonijiet oħrajn magħmulin mill-parti fi stadji bikrin tal-proċediment ([19]) u nstabet li ma kinitx korretta billi, fis-suq domestiku, l-istrateġija ewlenija tal-entitajiet tal-Grupp Bien & Qua kienet, fuq il-bażi ta' lista komuni tal-prezzijiet, li tinżamm bażi wiesgħa ta' negozjanti lokali. Dawk in-negozjanti kellhom aċċess għas-sistema ERP tal-manifatturi awtomatikament sabiex jagħmlu l-ordnijiet. B'kuntrast ma' dan, fis-suq tal-esportazzjoni, il-fluss ordni-bejgħ kien jimxi differenti u l-manifatturi kienu jistennew li l-kumpaniji kummerċjali barranin tal-grupp joħolqu valur miżjud, bil-lista komuni tal-prezzijiet qabel kollox. Għalhekk, il-Kummissjoni sabet li t-tnaqqis tal-SG&A u tal-profitt skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku kien ġustifikat fir-rigward tan-naħa tal-esportazzjoni tal-operazzjonijiet tal-grupp.

(248) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni enfasizzat ukoll li, għalkemm talbet dan ripetutament, fl-ebda mument matul l-investigazzjoni l-Grupp Bien & Qua ma pprovda ċarezza dwar l-arranġamenti kuntrattwali li l-produtturi kellhom mal-entitajiet relatati attivi fil-bejgħ tal-prodotti tiegħu domestikament u fis-swieq tal-esportazzjoni (ara wkoll il-premessi (209)). Dan in-nuqqas ta' informazzjoni impedixxa lill-Kummissjoni milli tivvaluta bis-sħiħ l-asserzjoni li s-sitwazzjoni fir-rigward tal-bejgħ domestiku u tal-esportazzjoni hija eżattament l-istess għal dawk il-kummerċjanti involuti fiż-żewġ flussi tal-bejgħ. Fi kwalunkwe każ, il-Grupp Bien & Qua qatt ma ppreżenta informazzjoni dwar il-livell u l-kwantifikazzjoni tal-aġġustament għall-valur normali; aħseb u ara kwalunkwe evidenza sottostanti li tiġġustifika livell konkret ta' aġġustament.

(249) Fuq dik il-bażi, l-asserzjoni li kwalunkwe tnaqqis tal-SG&A u tal-profitt skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku rriżulta f'paragun inġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni ġiet miċħuda.

(250) Il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ikkontestaw it-tnaqqis tal-profitt deskritt fil-premessa (232) *in fine* fuq il-bażi li l-ambitu tal-attivitajiet tal-partijiet relatati mal-produtturi esportaturi u mal-importaturi inklużi fil-kampjun fl-Unjoni kien differenti. Il-Kummissjoni qieset li l-asserzjoni kienet infondata, peress li l-livell tal-profitt kien raġonevoli u konsistenti mal-profitt fil-mira ddikjarat minn grupp wieħed inkluż fil-kampjun għal kummerċjant relatat Tork.

([18]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1395 tal-11 ta' Awwissu 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu azzar reżistenti għall-korrużjoni li joriġina mir-Russja u t-Turkija (ĠU L 211, 12.8.2022, p. 127), il-premessa (126).

([19]) Ara t-taqsimiet D u E tal-verżjonijiet miftuħin tat-tweġibiet għall-kwestjonarju sottomessi miż-żewġ manifatturi disponibbli f't22.001010.

(251) Ġew identifikati xi problemi ta' kambju tal-munita. L-Artikolu 2(10)(j) tar-Regolament bażiku jistipula li jenħtieġ li d-data tal-bejgħ tkun id-data tal-fattura, u li tista' tintuża d-data tal-kuntratt, tal-ordni tax-xiri jew tal-konferma tal-ordni jekk dawn jistabbilixxu b'mod aktar xieraq it-termini materjali tal-bejgħ. Konsegwentement, minħabba li matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ir-rata tal-kambju tal-lira Torka varjat (u b'mod ġenerali naqset b'mod sinifikanti) ferm fil-konfront tal-euro ([20]), il-Kummissjoni qieset li t-termini materjali tal-bejgħ ġew saldati fiż-żmien tal-ordni tax-xiri minflok fid-data tal-fattura. Id-distakk bejn l-ordni tax-xiri tal-klijent u d-data tal-fattura varja, iżda kien ta' medja ta' madwar xahrejn.

(252) Wara d-divulgazzjoni finali, diversi partijiet ilmentaw li l-metodoloġija ta' hawn fuq naqqset b'mod artifiċjali l-prezzijiet tal-esportazzjoni (u b'hekk żiedet il-marġnijiet tad-dumping b'mod artifiċjali) u talbu lill-Kummissjoni tikkunsidra li t-termini materjali tal-bejgħ kienu jiġu saldati sad-data tal-fattura. Minħabba l-varjazzjoni inkontestabbli fir-rata tal-kambju tal-Lira Torka kontra l-euro matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni qieset li ma kienx ġustifikat li tikkunsidra li l-klijent tal-Unjoni ħallas prezz bl-euro ogħla minn dak iffriżat fiż-żmien tal-ordni tax-xiri tal-klijent. L-asserzjoni, mhux sostnuta, ġiet miċħuda. Wara d-divulgazzjoni finali, il-Grupp Hitit sostna li, jekk il-Kummissjoni żżomm mal-approċċ tagħha, jenħtieġ li mbagħad tqis l-inflazzjoni domestika meta tistabbilixxi l-prezzijiet domestiċi. Fin-nuqqas ta' proposta konkreta dwar kif għandha tipproċedi, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.

3.2.5. *Marġnijiet tad-dumping*

(253) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip tal-prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(254) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Grupp Vitra indika l-iżbalji fil-kalkolu taħt it-taqsimiet ta' hawn fuq. Il-Kummissjoni kkoreġiet dawk l-iżbalji. Il-korrezzjoni li tirriżulta f'marġni tad-dumping definittiv anqas minn *de minimis* għall-Grupp Vitra.

(255) Fuq din il-bażi, il-marġnijiet tad-dumping medji ponderati definittivi, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping definittiv
Hitit Seramik Sanayi ve Ticaret A.Ş.	20,9 %
Qua Granite ve Hayal Yapi Ürünleri San. Tic. A.Ş. Bien Yapi Ürünleri San. Tic. A.Ş.	4,8 %
Vitra Karo Sanayi ve Ticaret A.Ş.	0 %

(256) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni kkalkolat il-marġni tad-dumping medju ponderat f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, dak il-marġni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-marġnijiet medji ponderati tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, għal 9,2 %.

(257) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fit-Turkija, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum ta' esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi għall-Unjoni li kkooperaw espress bħala proporzjon tal-importazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, li ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-istatistiki dwar l-importazzjoni mill-Eurostat (Comext).

([20]) Minn EUR 1 = 7,884 Lira Torka f'Lulju 2020, għal EUR 1 = 10,382 Lira Torka f'Ġunju 2021 (jiġifieri, -32 % b'mod kumplessiv). Sorsi: Il-Bank Ċentrali Ewropew, id-DĠ Baġit, is-Servizz tar-Rata tal-Kambju tal-Paċifiku.

(258) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa għoli minħabba li l-esportazzjonijiet tal-prodotturi esportaturi li kkooperaw kienu jikkostitwixxu madwar 90 % tal-importazzjonijiet totali f'm² matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni sabet li kien xieraq li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping għall-prodotturi esportaturi li ma kkooperawx fil-livell tal-kumpanija fil-kampjun bl-ogħla marġni tad-dumping.

(259) Il-marġnijiet tad-dumping definittivi, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping definittiv
Hitit Seramik Sanayi ve Ticaret A.Ş.	20,9 %
Qua Granite ve Hayal Yapi Ürünleri San. Tic. A.Ş. Bien Yapi Ürünleri San. Tic. A.Ş.	4,8 %
Vitra Karo Sanayi ve Ticaret A.Ş.	0 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	9,2 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	20,9 %

(260) Diversi partijiet ikkontestaw il-marġni tad-dumping għoli stabbilit għall-prodotturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun u talbu tnaqqis tal-livell tiegħu billi, pereżempju, li tiġi injorata l-kumpanija inkluża fil-kampjun bl-ogħla marġni tad-dumping, filwaqt li affermaw li ma kinitx rappreżentattiva. Wara d-divulgazzjoni parzjali addizzjonali, diversi partijiet żiedu li l-istabbiliment tad-dazju għall-kumpaniji li kkooperaw fuq il-bażi tas-sejbiet għaż-żewġ prodotturi esportaturi li jifdal, li flimkien kienu jammontaw għal anqas minn 25 % tal-importazzjonijiet totali Torok, kien inġust, mhux oġġettiv u/jew imur kontra l-prinċipju ġenerali tal-liġi tal-proporzjonalità. Xi partijiet iddikjaraw li l-fatt li r-Regolament bażiku jiddikjara li l-marġni tad-dumping għall-partijiet li kkooperaw "ma għandux jaqbeż" id-dumping medju ponderat stabbilit fir-rigward tal-partijiet inklużi fil-kampjun ta lill-Kummissjoni d-diskrezzjoni li tistabbilixxi d-dazju tagħhom f'livell aktar baxx mid-dumping medju ponderat stabbilit fir-rigward tal-partijiet inklużi fil-kampjun. F'dan ir-rigward, parti pproponiet dazju ta' 4,58 % għall-kumpaniji li kkooperaw, jiġifieri kalkolu alternattiv ibbażat fuq il-ponderazzjoni taż-żewġ esportaturi li jifdal fil-kampjun. Il-Kummissjoni fakkret li kienet stabbiliet ir-rata tad-dazju għall-prodotturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw fid-dawl tal-prattika standard tagħha u skont id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku u li ma kellha l-ebda indikazzjoni li r-rata kkalkolata b'dan il-mod ma kinitx rappreżentattiva. Għalhekk, l-asserzjoni ġiet miċħuda.

(261) Il-GtT ikkontesta l-marġnijiet għoljin tad-dumping stabbiliti meta mqabbla ma' investigazzjonijiet anti-dumping oħrajn kontra t-Turkija. Il-Kummissjoni fakkret li stabbiliet ir-rati tad-dazju fuq bażi oġġettiva, skont id-dispożizzjonijiet fir-Regolament bażiku. Għalhekk, l-asserzjoni ġiet miċħuda.

4. **DANNU**

4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(262) Kif imsemmi fil-premessa (59), l-industrija tal-madum taċ-ċeramika fl-Unjoni hija frammentata ħafna. Il-prodott simili kien immanifatturat minn aktar minn 300 produttur fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Huma jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(263) Kif spjegat ulterjorment fil-premessi (59) u (60), l-industrija tal-Unjoni kienet maqsuma fi tliet kategoriji ta' prodotturi fuq il-bażi tal-volum tal-produzzjoni annwali tagħhom: żgħar, ta' daqs medju u kbar. Il-prodotturi l-kbar kienu jirrappreżentaw madwar nofs il-produzzjoni totali tal-Unjoni (ara l-premessa (306)).

(264) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni ġiet stabbilita f'livell ta' madwar 1,2 biljun m². Il-Kummissjoni bbażat iċ-ċifra tal-produzzjoni fuq l-informazzjoni verifikata pprovduta mis-CET. Is-CET ġabret volumi ta' produzzjoni mill-membri individwali u mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tagħha. Meta tali informazzjoni ma kinitx disponibbli, is-CET issupplimentat l-istatistika tal-produzzjoni b'*data* minn PRODCOM ([21]), li fejn kien neċessarju ġiet estrapolata għall-ewwel nofs tal-2021 bl-użu tal-indiċi tal-manifattura ppubblikat mill-Eurostat ([22]).

([21]) Disponibbli fuq https://ec.europa.eu/eurostat/web/prodcom/data/database (ikkonsultat l-aħħar fid-19 ta' Settembru 2022).
([22]) Disponibbli fuq https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/sts_inpr_q/default/table?lang=en (ikkonsultat l-aħħar fid-19 ta' Settembru 2022).

(265) Kif indikat fil-premessa (67), is-sitt produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 6 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

(266) Netto u Cortina pprovdew diversi sottomissjonijiet matul l-investigazzjoni li fihom argumentaw kontra l-eżistenza ta' dannu, ta' dumping u ta' interess tal-Unjoni b'rabta mal-esportazzjonijiet Indjani lejn l-Unjoni. Dawn huma indirizzati hawn taħt. Barra minn hekk, asserew li huma produtturi tal-Unjoni, u saħansitra rreferew għalihom infushom bħala l-"Manifatturi minn Białystok". Madankollu, l-investigazzjoni żvelat li l-ebda waħda minn dawn il-kumpaniji ma kellha attività ta' manifattura fl-Unjoni; kienu jimportaw madum taċ-ċeramika mingħand is-sħab kummerċjali tagħhom fl-Indja. Għalhekk, ma setgħux jitqiesu li huma parti mill-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

4.2. **Konsum tal-Unjoni**

(267) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni billi żiedet il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, stabbilit fuq il-bażi ta' informazzjoni verifikata kif ipprovduta mis-CET, u l-volumi tal-importazzjoni. L-informazzjoni dwar il-volumi tal-importazzjonijiet inkisbet mill-Eurostat (il-bażi tad-*data* Comext).

(268) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Konsum mill-Unjoni (m²)

	2018	2019	2020	Perjodu ta' investigazzjoni
Konsum totali tal-Unjoni	785 188 575	811 717 138	814 739 259	834 201 394
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*103*	*104*	*106*

Sors: CET, Eurostat, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(269) Fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-konsum tal-Unjoni kompla jikber. Fil-perjodu ta' investigazzjoni, kien 6 % ogħla milli fl-2018. Iż-żieda fil-konsum tal-Unjoni kienet moqdija l-aktar mill-importazzjonijiet.

4.3. **L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati**

4.3.1. *Valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati*

(270) Il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx jenħtieġ li l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati jiġu vvalutati b'mod kumulattiv, f'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku.

(271) Ħlief għall-Grupp Lavish u għall-Grupp Vitra, il-marġnijiet tad-dumping stabbiliti b'rabta mal-importazzjonijiet mill-Indja u mit-Turkija kienu ogħla mil-limiti *de minimis* stabbiliti fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku.

(272) Il-volum ta' importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Grupp Lavish kien jammonta għal [6 – 9 %] tal-importazzjonijiet totali mill-Indja fil-perjodu ta' investigazzjoni, u madwar [40 – 45 %] tal-importazzjonijiet inklużi fil-kampjun. Sabiex tistabbilixxi jekk is-sejbiet fir-rigward ta' din il-kumpanija jistgħux jiġu estiżi għall-importazzjonijiet kollha mhux inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblet il-prezzijiet tal-Grupp Lavish mal-prezzijiet miż-żewġ produtturi esportaturi l-oħrajn inklużi fil-kampjun, mill-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun u l-prezz medju tal-importazzjonijiet kollha mill-Indja (minbarra ta' Lavish) mill-Eurostat. Fuq il-bażi tal-informazzjoni sottomessa fil-formoli ta' kampjunar, il-prezz medju tal-esportazzjoni tal-Grupp Lavish kien [19 sa 22 %] ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjoni ta' aktar minn 140 esportatur Indjan li ppreżentaw tweġibiet għall-kampjunar. Il-volum totali tal-esportazzjonijiet ta' dawk il-kumpaniji kien jammonta għal 84 % tal-importazzjonijiet kollha mill-Indja lejn l-Unjoni (ara l-premessa (207)). Il-prezz CIF tal-esportazzjoni tal-grupp kien [7 – 9 %] ogħla mill-prezz CIF medju tal-importazzjonijiet kollha mill-Indja u [14 – 16 %] ogħla minn dawk taż-żewġ produtturi esportaturi l-oħrajn inklużi fil-kampjun. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li ma setgħetx testendi s-sejbiet tan-nuqqas ta' dumping fir-rigward tal-Grupp Lavish għall-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun.

(273) Il-volum ta' importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Grupp Vitra kien jammonta għal aktar minn 25 % tal-importazzjonijiet totali mit-Turkija fil-perjodu ta' investigazzjoni, u aktar minn nofs l-importazzjonijiet inklużi fil-kampjun. Sabiex tistabbilixxi jekk is-sejbiet fir-rigward ta' din il-kumpanija jistgħux jiġu estiżi għall-importazzjonijiet kollha mhux inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblet il-prezzijiet tal-Grupp Vitra mal-prezz medju ponderat tal-

produtturi esportaturi li kkooperaw u mhux inklużi fil-kampjun kif irrapportat fil-formola tal-kampjunar. Fuq din il-bażi, il-prezz medju tal-esportazzjoni tal-Grupp Vitra kien [18 – 20 %] ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjoni ta' 70 % tal-volumi mibjugħin minn esportaturi Torok mhux inklużi fil-kampjun li ppreżentaw it-tweġibiet għall-kampjunar, li għalihom il-Kummissjoni ma kellha l-ebda sejba dwar il-valur normali. Il-volum totali tal-esportazzjonijiet tal-kumpaniji li ssottomettew tweġibiet għall-kampjunar kien jammonta għal madwar 90 % tal-importazzjonijiet kollha mit-Turkija lejn l-Unjoni (ara l-premessa (258)). Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li ma setgħetx testendi s-sejbiet tan-nuqqas ta' dumping fir-rigward tal-Grupp Vitra għall-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun. Wara d-divulgazzjoni parzjali addizzjonali, il-GtT u xi esportaturi li kkooperaw ikkontestaw din il-konklużjoni. Xi esportaturi Torok li kkooperaw talbu lill-Kummissjoni testendi s-sejbiet tan-nuqqas ta' dumping fir-rigward tal-Grupp Vitra lilhom (għar-raġuni li t-tweġibiet tagħhom għall-kampjunar kienu juru prezzijiet tal-esportazzjoni daqs jew ogħla minn dawk tal-Grupp Vitra) u/jew lil produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjonijiet tagħhom għar-raġunijiet spjegati fit-taqsima 3.2.5.

(274) Il-volum tal-importazzjonijiet minn kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati, minbarra l-volum tal-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Grupp Lavish u mill-Grupp Vitra, ma kienx negliġibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament bażiku. L-ishma mis-suq fil-perjodu ta' investigazzjoni kienu ta' [3,5 – 3,6 %] għall-Indja u ta' [4,6 – 4,7 %] għat-Turkija ([23]).

(275) Il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja u mit-Turkija u bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u l-prodott simili kienu simili. B'mod aktar speċifiku, il-prodotti importati kienu f'kompetizzjoni ma' xulxin u mal-madum taċ-ċeramika prodott fl-Unjoni minħabba li kienu jinbiegħu bl-istess mezzi ta' bejgħ u lil kategoriji simili ta' klijenti.

(276) Għalhekk, il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku ġew issodisfati u l-importazzjonijiet mill-Indja u mit-Turkija ġew eżaminati b'mod kumulattiv għall-finijiet ta' determinazzjoni tad-dannu.

(277) Wara d-divulgazzjoni finali, sittax-il produttur esportatur Indjan asserew li l-valutazzjoni kumulattiva tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati poġġiet lill-Indja f'pożizzjoni żvantaġġata. Indikaw li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Indja żdiedu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni filwaqt li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mit-Turkija naqsu. Il-kumpaniji ppreżentaw ukoll li ż-żieda fl-importazzjonijiet mill-Indja kemm issupplimentaw il-volum tal-produzzjoni insuffiċjenti mill-produtturi tal-Unjoni. Konsegwentement, huma asserew li, bl-akkumulazzjoni mat-Turkija, l-effetti tal-importazzjonijiet mill-Indja kienu sopravalutati. Wara d-divulgazzjoni parzjali addizzjonali, il-GtI oppona wkoll il-valutazzjoni kumulattiva u fakkar fil-kriterji li ppermettew il-kumulazzjoni.

(278) Il-Kummissjoni fakkret li l-volum tal-importazzjonijiet mill-Indja żdied b'aktar mid-doppju fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Fid-dawl tal-użu tal-kapaċità, li kien jippermetti lill-industrija tal-Unjoni żżid il-volum tal-produzzjoni tagħha sabiex tissodisfa d-domanda fis-suq tal-Unjoni, il-Kummissjoni qieset li l-argument ta' volumi tal-produzzjoni insuffiċjenti mill-produtturi tal-Unjoni ma kienx ġustifikat. Barra minn hekk, filwaqt li l-prezz tal-importazzjonijiet Indjani żdied, huwa baqa' taħt il-livell tal-prezz tal-importazzjonijiet Torok. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni nnotat li f'dan il-proċediment ġew issodisfati l-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku. Fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-GtI, il-Kummissjoni fakkret li l-kriterji għall-akkumulazzjoni ġew issodisfati kif diskuss fid-dettall fil-premessi (271) sa (276). Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.

4.3.2. *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati*

(279) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-volum tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tad-*data* tal-Comext. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit billi dawk l-importazzjonijiet tqabblu mal-konsum tal-Unjoni ddeterminat f'konformità mal-ispjegazzjoni deskritta fil-premessa (267).

(280) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiżi kkonċernati żviluppaw kif ġej:

([23]) Peress li wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fl-Indja u wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fit-Turkija ma kinux qegħdin jagħmlu dumping, l-importazzjonijiet tagħhom tnaqqsu mill-importazzjonijiet totali u ġew analizzati bħala importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping. Il-Kummissjoni użat it-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-Grupp Lavish u tal-Grupp Vitra sabiex teskludi l-volumi u l-valuri tagħhom mill-esportazzjonijiet totali. Għall-Grupp Vitra, il-Kummissjoni eskludiet prodotti nnegozjati mhux prodotti mill-grupp fuq il-bażi ta' informazzjoni vverifikata għall-perjodu ta' investigazzjoni. Ir-Regolament juża meded għal xi ċifri minħabba li, inkella, jiżvela *data* kunfidenzjali minn dawn il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, peress li l-istatistiki dwar l-importazzjonijiet fil-livell tan-NM huma disponibbli pubblikament.

Tabella 2

Il-volum tal-importazzjonijiet (m²) u s-sehem mis-suq

	2018	2019	2020	Perjodu ta' investigazzjoni
L-Indja – volum tal-importazzjonijiet	[13 000 000 – 14 000 000]	[17 000 000 – 18 000 000]	[22 000 000 – 23 000 000]	[29 000 000 – 30 000 000]
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*134*	*167*	*220*
L-Indja – is-sehem mis-suq	[1,7 – 1,8 %]	[2,2 – 2,3 %]	[2,7 – 2,8 %]	[3,5 – 3,6 %]
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*130*	*161*	*207*
It-Turkija – il-volum tal-importazzjonijiet	[26 000 000 -27 000 000]	[31 000 000 – 32 000 000]	[35 000 000 – 36 000 000]	[38 000 000 – 39 000 000]
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*118*	*135*	*147*
It-Turkija – is-sehem mis-suq	[3,3 – 3,4 %]	[3,8 – 3,9 %]	[4,4 – 4,5 %]	[4,6 – 4,7 %]
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*115*	*130*	*138*
Total tal-pajjiżi kkonċernati – il-volum tal-importazzjonijiet	[39 000 000 – 41 000 000]	48 000 000 – 50 000 000]	[57 000 000 – 59 000 000]	[67 000 000 – 69 000 000]
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*124*	*146*	*172*
Total tal-pajjiżi kkonċernati – is-sehem mis-suq	[5 - 5,2 %]	[6 – 6,2 %]	[7,1 – 7,3%]	[8,1 – 8,3%]
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*120*	*141*	*161*

Sors: Eurostat, produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.

(281) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kif ukoll is-sehem mis-suq tagħhom żdiedu b'mod kostanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu b'72 %, li ssarraf f'żieda b'61 % tas-sehem mis-suq tagħhom. Is-sehem mis-suq tal-Unjoni tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kien ta' [8,1 sa 8,3 %] matul il-perjodu ta' investigazzjoni, minn [5 sa 5,2 %] fl-2018.

(282) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtT ressaq l-argument li ż-żieda fl-importazzjonijiet Torok kienet ta' natura temporanja u l-importazzjonijiet addizzjonali sempliċiment issostitwew il-prodotti tal-Unjoni peress li l-produzzjoni tal-Unjoni ġiet interrotta temporanjament minħabba l-miżuri sanitarji relatati mal-Covid-19 li ġew adottati mill-Istati Membri. Sabiex jappoġġa din l-asserzjoni, il-GtT qabbel il-volum tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni fl-ewwel għaxar xhur tal-2021 mal-istess perjodu tal-2022. L-esportazzjonijiet Torok tal-madum taċ-ċeramika lejn l-Unjoni naqsu b'madwar 3,5 miljun m². Il-GtT u Sogutsen Seramik tennew din l-asserzjoni fil-kummenti tagħhom dwar id-divulgazzjoni parzjali addizzjonali.

(283) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat li l-importazzjonijiet mit-Turkija żdiedu kontinwament matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kollu filwaqt li l-2020 biss kienet affettwata mill-interruzzjoni temporanja fil-produzzjoni mill-produtturi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-livelli tal-istokk tal-għeluq tal-industrija tal-Unjoni fi tmiem l-2019 kienu aktar minn biżżejjed sabiex jissostitwixxu t-tnaqqis fil-volumi tal-produzzjoni. Fl-aħħar nett, iż-żieda fl-esportazzjonijiet Torok tal-madum taċ-ċeramika ma wiġbitx għal domanda dejjem akbar fl-Unjoni li ma setgħetx tiġi moqdija mill-produtturi tal-Unjoni. Minflok, l-industrija Torka tal-madum taċ-ċeramika kienet taħt pressjoni

minħabba li l-konsum tal-madum kien qiegħed jonqos fil-livell domestiku matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u b'hekk tat spinta favur l-esportazzjonijiet b'dawk li ddeskriviet bħala prezzijiet kompetittivi ([24]). It-tnaqqis fl-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni fl-2022 ma setax jiġi aċċettat bħala prova tal-asserzjonijiet tal-GtT peress li l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni setgħu naqsu bħala konsegwenza tal-investigazzjoni li għaddejja. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.

(284) Il-GtT asserixxa wkoll li l-bidla perċentwali fis-sehem mis-suq bejn l-2018 u l-PI dehret li kienet għolja (+42 %) biss minħabba li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Torok kien baxx fis-sena bażi.

(285) L-ewwel nett, il-Kummissjoni nnotat li l-evoluzzjoni tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Torok li huma l-oġġett ta' dumping inbidlet hekk kif instab li l-Grupp Vitra ma kienx qiegħed jagħmel dumping wara d-divulgazzjoni finali. Wara li ġew eskluż dawk il-volumi, il-bidla perċentwali fis-sehem mis-suq tat-Turkija kienet tammonta għal 38 %, li tikkostitwixxi żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Din iż-żieda fis-sehem mis-suq hija fatt stabbilit mill-investigazzjoni, li jirrifletti l-bidla attwali li seħħet. Madankollu, il-Kummissjoni ma taqbilx li s-sehem mis-suq tat-Turkija kien baxx fis-sena bażi. Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, it-Turkija kienet l-ewwel pajjiż terz fornitur tal-Unjoni, billi kienet tikkostitwixxi terz tal-importazzjonijiet kollha. Iż-żieda f'termini ta' volum, li tammonta għal madwar 12 000 000 metru kwadru li nstabu li kienu oġġett ta' dumping, kienet sinifikanti u kellha impatt fil-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.

(286) Wara d-divulgazzjoni parzjali addizzjonali, il-GtT innota li l-importazzjonijiet Torok u s-sehem mis-suq tagħhom żdiedu b'pass aktar bil-mod matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni wara li nstab li l-Grupp Vitra ma kienx qiegħed jagħmel dumping. Il-GtT argumenta li s-sehem mis-suq imnaqqas ta' [4,6 – 4,7] % ma setax jitqies bħala dannuż għall-industrija tal-Unjoni. Bl-istess mod, il-GtI argumenta li l-volumi tal-importazzjonijiet wara l-esklużjoni tal-Grupp Vitra kienu baxxi wisq sabiex jikkawżaw dannu.

(287) Il-Kummissjoni fakkret li l-volumi tal-importazzjonijiet u s-sehem mis-suq tagħhom iridu jiġu eżaminati b'mod kumulattiv għaż-żewġ pajjiżi kkonċernati. Il-Kummissjoni qieset li s-sehem mis-suq ta' [8,1 – 8,3] %, li jirrifletti l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati, kien biżżejjed sabiex jikkawża dannu f'dan il-każ, b'mod partikolari minħabba l-istruttura tal-industrija tal-Unjoni u l-frammentazzjoni tagħha.

4.3.3. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati: twaqqigħ tal-prezz/soppressjoni tal-prezz

(288) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tal-Eurostat (il-bażi tad-*data* Comext). Il-valuri verifikati (fil-livell CIF) u l-volumi tal-importazzjonijiet mill-Grupp Lavish u mill-Grupp Vitra tnaqqsu mill-importazzjonijiet mill-Indja u mit-Turkija, rispettivament, għall-fini ta' dan l-eżerċizzju.

(289) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati lejn l-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet (EUR/m²)

	2018	2019	2020	Perjodu ta' investigazzjoni
L-Indja	4,35	4,79	5,12	5,49
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*110*	*118*	*126*
It-Turkija	6,63	6,08	5,97	5,94
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*92*	*90*	*90*

([24]) Ara Turkey: ceramic tile exports continue to grow in 2020. Disponibbli fuq https://ceramicworldweb.com/en/economics-and-markets/Türkiye-ceramic-tile-exports-continue-grow-2020 (ikkonsultat l-aħħar fid-19 ta' Novembru 2022). Ara wkoll The Turkish ceramic tile industry pushes on exports. Disponibbli fuq https://ceramicworldweb.com/en/economics-and-markets/turkish-ceramic-tile-industry-pushes-exports (ikkonsultat l-aħħar fid-19 ta' Novembru 2022).

In-numru totali ta' pajjiżi kkonċernati	5,86	5,61	5,64	5,75
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*96*	*96*	*98*

Sors: Eurostat, produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.

(290) Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet miż-żewġ pajjiżi kkonċernati flimkien baqgħu stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mit-Turkija naqsu b'10 % bejn l-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni, filwaqt li l-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mill-Indja żdiedu kontinwament u żdiedu b'26 % bejn l-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet miż-żewġ pajjiżi kienu ferm aktar baxxi mill-prezzijiet u mill-kost tal-input tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (ara t-Tabella 7).

(291) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

(1) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun miġbur mingħand klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati fuq livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika; u

(2) l-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi Indjani u Torok inklużi fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' kost, assigurazzjoni u nol ("CIF"), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(292) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, b'aġġustament dovut meta neċessarju, u wara tnaqqis tar-ribassi u tal-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala perċentwal tal-fatturat teoriku tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(293) It-tqabbil ta' hawn fuq wera marġni ta' twaqqigħ medju ponderat fis-suq tal-Unjoni ta' bejn 42,5 % u 54,7 % għall-Indja u bejn 33,8 % u 57,7 % għat-Turkija, skont il-produttur esportatur. Il-kompetizzjoni għall-madum taċ-ċeramika hija fil-biċċa l-kbira xprunata mill-prezzijiet, u għalhekk il-marġnijiet tat-twaqqigħ huma sinifikanti ħafna. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li minoranza tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni sar permezz ta' partijiet relatati u li, minħabba l-livell tal-ispejjeż u tal-profitt tal-SG&A ta' dawk il-partijiet relatati, is-sejba ta' twaqqigħ tal-prezz għall-importazzjonijiet akkumulati ma tiġix imdgħajfa anke jekk il-kalkoli kellhom jiġu aġġustati għal dawk il-fatturi. Barra minn hekk, meta ġie eskluż minn dak il-kalkolu l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni permezz ta' partijiet relatati, li kien jammonta għal anqas minn 25 %, kien għad hemm twaqqigħ sinifikanti tal-prezz, ta' bejn 36 % u 54,7 % għall-Indja u bejn 19,9 % u 61,7 % għat-Turkija. Tabilħaqq, l-esportaturi Indjani kollha li kkooperaw inklużi fil-kampjun kienu jbigħu direttament lill-Unjoni, u kważi nofs l-importazzjonijiet li saru mill-esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun fit-Turkija kienu bejgħ dirett ukoll. Għalhekk, bi kwalunkwe metodu alternattiv, it-twaqqigħ tal-prezz jibqa' sinifikanti.

(294) Barra minn hekk, irrispettivament mis-sejbiet dwar it-twaqqigħ tal-prezz sinifikanti, il-Kummissjoni sabet li minħabba s-soppressjoni tal-prezz ikkawżata mill-volumi u mill-prezzijiet baxxi tal-importazzjonijiet mill-Indja u mit-Turkija, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tagħha sa livell li jkun jiġġenera profitti raġonevoli. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kien anqas mill-kost tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (ara t-Tabella 3 fil-premessa (289) u t-Tabella 7 fil-premessa (320)). Għalkemm il-prezz medju tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni żdied bi 19 % bejn l-2018 u l-PI, huwa baqa' anqas mill-kost tal-input matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (ara t-Tabella 7 fil-premessa (320)).

(295) Is-soppressjoni tal-prezzijiet li nstabet fil-livell makro ġiet ikkonfermata aktar mis-sejbiet fil-livell tal-kumpaniji. Il-livelli ta' eliminazzjoni tad-dannu ġew iddeterminati għal kull tip ta' prodott u b'hekk tqieset kwalunkwe differenza potenzjali bejn it-taħlita ta' prodotti tal-importazzjonijiet u l-bejgħ domestiku tal-industrija tal-Unjoni. Fil-perjodu ta' investigazzjoni, l-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kienu qegħdin iwaqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun b'92,7% sa 168,7% fir-rigward tal-Indja u b'80,8% sa 150,6 % fir-rigward tal-Turkija (għad-dettalji, ara t-Taqsima 6.1).

(296) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtT indika li mhux biss il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mit-Turkija kienu anqas mill-kost tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni talli anki l-prezzijiet proprji tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni kienu aktar baxxi mill-kost tal-produzzjoni. Barra minn hekk, filwaqt li l-prezz tal-importazzjonijiet tat-Turkija naqas matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-prezz domestiku tal-produtturi tal-Unjoni żdied u dan wassal għal

profittabilità mtejba. F'dan ir-rigward, il-GtT tenna l-akkużi tiegħu li l-Kummissjoni mmanipulat il-kampjun ta' produtturi tal-Unjoni favur kumpaniji b'indikaturi ta' kostijiet ogħla u b'indikaturi finanzjarji agħar. Barra minn hekk, il-GtT argumenta li l-kumpaniji inklużi fil-kategorija tal-produtturi ż-żgħar kienu ditti boutique li jaqdu suq ta' livell għoli u li jaħdmu fuq bażi ta' personalizzazzjoni.

(297) Il-GtT tenna l-problemi tiegħu bir-rappreżentattività tal-kampjun ta' produtturi tal-Unjoni u bl-effett tiegħu fuq it-tqabbil tal-prezzijiet wara d-divulgazzjoni parzjali addizzjonali.

(298) L-ewwel nett, il-Kummissjoni nnotat li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati jridu jiġu eżaminati fuq bażi kumulattiva, u mhux individwalment. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet stabbilit fuq bażi bħal din baqa' pjuttost stabbli, u b'mod sinifikanti anqas mill-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-industrija tal-Unjoni kienet taħt pressjoni sabiex tinnaviga bejn prezzijiet tal-importazzjonijiet estremament baxxi mill-pajjiżi kkonċernati u ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni. Għalkemm il-prezzijiet domestiċi tagħha żdiedu, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tikseb livell sostenibbli ta' profitt, u bilkemm laħqet punt ta' ekwilibriju fil-PI.

(299) It-tieni, il-Kummissjoni fakkret li l-kampjun intgħażel fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi kif deskritti fil-premessa (72) u (73). Il-produtturi inklużi fil-kampjun fil-kategorija ta' produtturi żgħar kienu kumpaniji li joffru kollezzjonijiet ta' madum taċ-ċeramika lil firxa wiesgħa ta' klijenti, inkluż lill-pubbliku ġenerali.

(300) Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjonijiet kollha li jikkonċernaw it-twaqqigħ tal-prezz u s-soppressjoni tal-prezzijiet.

4.4. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.4.1. *Rimarki ġenerali*

(301) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li kellhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(302) Kif imsemmi fit-Taqsima 1.4.1, il-kampjunar intuża għad-determinazzjoni tad-dannu possibbli mġarrab mill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fl-Indja u fit-Turkija.

(303) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi fuq il-bażi tad-*data* li kienet fit-tweġiba għall-kwestjonarju tas-CET b'rabta mal-produtturi kollha tal-Unjoni, kontroverifikata fejn neċessarju mal-istatistiki dwar il-kummerċ disponibbli fil-Eurostat u mal-kwestjonarji mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi fuq il-bażi tad-*data* li tinsab fit-tweġibiet għall-kwestjonarju minn sitt produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet tad-*data* ġew debitament verifikati jew kontroverifikati mill-bogħod u nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(304) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(305) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kost ta' unità, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabilità, il-fluss ta' flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

(306) B'kont meħud tal-frammentazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-prattika stabbilita f'investigazzjonijiet preċedenti dwar l-istess prodott, ċerti indikaturi mikroekonomiċi f'kull waħda mill-kategoriji tal-produtturi kif definiti fil-premessa (59) ġew ponderati bl-użu tas-sehem tagħhom mill-produzzjoni totali tal-Unjoni. Kif imsemmi fil-premessa (60), l-istruttura tal-industrija qalbet għall-produtturi l-kbar. Għalhekk, il-mikroindikaturi rilevanti għall-produtturi kbar, medji u żgħar ġew ponderati fuq il-bażi tal-proporzjon ta' 53:19:28, rispettivament. Il-ponderazzjoni tar-riżultati ntużat għall-prezzijiet tal-bejgħ, għall-kost tal-input, għall-profittabilità u għar-redditu fuq l-investimenti, jiġifieri indikaturi li ma humiex iddeterminati billi sempliċiment jingħaddu r-riżultati tal-produtturi individwali tal-Unjoni inklużi fil-kampjun iżda pjuttost bħala perċentwal jew valur medju ta' unità, kif ukoll għall-prezz medju tal-esportazzjonijiet lil klijenti mhux relatati tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Il-ponderazzjoni żgurat li r-riżultati tal-produtturi l-kbar ma kinux irrappreżentati żżejjed fis-sejbiet dwar id-dannu u li s-sitwazzjoni tal-produtturi żgħar u ta' daqs medju ngħatat il-kunsiderazzjoni xierqa.

4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.4.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(307) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 4

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2018	2019	2020	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-volum tal-produzzjoni (m^2)	1 229 823 662	1 197 848 970	1 097 490 246	1 229 257 050
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*97*	*89*	*100*
Il-kapaċità tal-produzzjoni (m^2)	1 455 493 248	1 438 233 198	1 441 597 966	1 440 337 389
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*99*	*99*	*99*
L-użu tal-kapaċità	84 %	83 %	76 %	85 %
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*99*	*90*	*101*

Sors: CET.

(308) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum tal-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità baqgħu pjuttost stabbli bis-sena 2020 bħala l-uniku outlier. It-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni u, konsegwentement, fl-użu tal-kapaċità fl-2020 kien ikkawżat mill-interruzzjonijiet fuq terminu qasir fil-produzzjoni wara l-miżuri sanitarji imposti mill-Istati Membri bħala reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19.

4.4.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(309) Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ġie stabbilit billi tnaqqsu l-volumi tal-esportazzjonijiet mill-volumi tal-produzzjoni kif ipprovduti mis-CET u billi ġie applikat aġġustament li jqis il-varjazzjoni fl-istokk. L-aġġustament tal-varjazzjoni fl-istokk kien ibbażat fuq l-ilment għas-snin mill-2018 sal-2020. Għall-perjodu ta' investigazzjoni, dan kien ibbażat fuq *data* speċifika għall-kumpanija miġbura mis-CET. Il-volum tal-produzzjoni ġie ddeterminat kif spjegat fil-premessa (264). L-informazzjoni dwar il-volumi tal-esportazzjonijiet inkisbet mill-Eurostat, u ġiet aġġustata skont l-evidenza pprovduta mis-CET ([25]).

(310) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 5

Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

	2018	2019	2020	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (m^2)	707 146 016	724 457 535	717 890 003	726 565 367
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*102*	*102*	*103*
Is-sehem mis-suq	90,1 %	89,2 %	88,1 %	87,1 %
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*99*	*98*	*97*

Sors: CET.

([25]) Ikkoreġuti fir-rigward tal-volumi għall-perjodu ta' investigazzjoni għal Spanja wara l-evidenza pprovduta mill-ilmentatur mal-verifika tal-kwestjonarju dwar il-makroindikaturi.

(311) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdied bi ftit bejn l-2018 u l-2019. Baqa' stabbli fl-2020 minkejja t-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni minħabba l-bejgħ mill-istokkijiet (tradizzjonalment għoljin fl-industrija taċ-ċeramika). Wara rkupru fis-settur tal-kostruzzjoni fl-2021 ([26]), il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdied bi ftit fil-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbel mal-2020.

(312) Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, minn 90,1 % fl-2018 għal 87,1 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tieħu vantaġġ sħiħ mill-espansjoni fil-konsum tal-Unjoni (ara l-premessa (268)).

4.4.2.3. Tkabbir

(313) L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tisfrutta l-potenzjal sħiħ mit-tkabbir fil-kuntest ta' konsum dejjem akbar fl-Unjoni tal-madum taċ-ċeramika u fil-kuntest tal-irkupru ta' wara l-COVID-19 tas-suq tal-kostruzzjoni. Żammet livell pjuttost stabbli ta' volum tal-produzzjoni u rreġistrat biss żieda żgħira fil-bejgħ fis-suq tal-Unjoni.

4.4.2.4. Impjiegi u produttività

(314) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 6

Impjiegi u produttività

	2018	2019	2020	Perjodu ta' investigazzjoni
In-numru ta' impjegati	55 544	55 089	54 470	54 412
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*99*	*98*	*98*
Il-produttività (m^2/impjegat)	22 141	21 744	20 148	22 592
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*98*	*91*	*102*

Sors: CET.

(315) L-impjiegi fl-Unjoni fis-settur tal-madum taċ-ċeramika kellhom xejra ta' tnaqqis żgħir matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni. In-numru ta' impjegati involuti fil-produzzjoni tal-madum taċ-ċeramika tnaqqas bi 2 % bejn l-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni.

(316) Il-produttività naqset bi ftit bejn l-2018 u l-2019. Naqset b'7 % addizzjonali fl-2020 bħala konsegwenza ta' produzzjoni mnaqqsa minħabba l-miżuri sanitarji relatati mal-Covid-19. L-irkupru tal-volum tal-produzzjoni għal-livell tiegħu ta' qabel il-COVID-19 irriżulta f'żieda ta' 12 % fil-produttività bejn l-2020 u l-perjodu ta' investigazzjoni.

4.4.2.5. Kobor tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

(317) Bl-eċċezzjoni ta' produttur esportatur Indjan wieħed inkluż fil-kampjun u ta' produttur Tork wieħed inkluż fil-kampjun, il-marġnijiet kollha tad-dumping kienu konsiderevolment ogħla mil-livell *de minimis*. L-impatt tad-daqs tal-marġnijiet effettivi tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni ma kienx negliġibbli, meta wieħed iqis il-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati.

(318) Il-madum taċ-ċeramika diġà kien soġġett għal investigazzjonijiet anti-dumping. Il-Kummissjoni sabet li, matul il-perjodu bejn l-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Marzu 2010, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienet affettwata b'mod sinifikanti mill-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ"). Il-miżuri proviżorji ġew imposti fis-17 ta' Marzu 2011 ([27]). Il-miżuri definittivi ġew imposti fil-15 ta' Settembru 2011 ([28]).

([26]) Is-suq Ewropew tal-kostruzzjoni sal-2024. Disponibbli fuq https://www.ceramicworldweb.com/index.php/en/economics-and-markets/european-construction-market-2024 (ikkonsultat l-aħħar fl-20 ta' Settembru 2022).

([27]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 258/2011 tas-16 ta' Marzu 2011 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' madum taċ-ċeramika li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 5).

([28]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 917/2011.

(319) Wara rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni estendiet il-miżuri fit-23 ta' Novembru 2017 ([29]) fuq il-bażi tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping u l-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu. L-investigazzjoni stabbiliet li l-industrija tal-Unjoni rkuprat minn dumping tal-passat mir-RPĊ minħabba l-miżuri fis-seħħ. It-tieni rieżami ta' skadenza ta' dawn il-miżuri nbeda fit-22 ta' Novembru 2022 ([30]).

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(320) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni, u l-kost tal-input tagħha, żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 7

Il-prezzijiet tal-bejgħ u l-kost tal-input fl-Unjoni

	2018	2019	2020	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/ m^2)	8,84	9,42	10,44	10,52
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*106*	*118*	*119*
Il-kost tal-input ta' unità (EUR/m^2)	9,79	11,08	11,31	10,77
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*113*	*116*	*110*

Sors: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(321) Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità żdied bi 19 % bejn l-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni. L-akbar żieda ġiet irreġistrata fl-2020. Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità baqa' taħt il-kost tal-input ta' unità matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(322) Il-kost tal-input ta' unità żdied bi 13 % bejn l-2018 u l-2019 u bi 3 % addizzjonali fl-2020. Fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-kost tal-input ta' unità naqas meta mqabbel mal-2020 iżda baqa' 10 % ogħla mil-livell tal-2018.

4.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

(323) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 8

Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2018	2019	2020	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	37 923	39 432	37 316	39 568
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*104*	*98*	*104*

Sors: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(324) Il-kost lavorattiv medju għal kull impjegat żdied b'4 % bejn l-2018 u l-2019. Fl-2020, wara l-interruzzjonijiet tal-produzzjoni fuq terminu qasir relatati mal-COVID-19, il-kost naqas b'6 % meta mqabbel mal-2019 biss sabiex reġa' lura għal-livell tiegħu tal-2019 fil-perjodu ta' investigazzjoni. Fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-kost lavorattiv medju għal kull impjegat żdied b'4 % meta mqabbel mal-2018.

([29]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2179.

([30]) In-Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' madum taċ-ċeramika li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 442, 22.11.2022, p. 3).

4.4.3.3. Inventarji

(325) Il-livelli tal-istokkijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 9

Inventarji

	2018	2019	2020	Perjodu ta' investigazzjoni
Stokkijiet tal-għeluq (m^2)	28 561 422	27 030 762	24 368 066	24 436 327
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*95*	*85*	*86*
Stokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni	49%	51%	44%	39%
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*104*	*91*	*79*

Sors: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(326) L-istokk tal-għeluq naqas bejn l-2018 u l-2019 f'termini assoluti. Madankollu, fl-istess perjodu żdied b'4 % (jew 2 punti perċentwali) meta espress bħala perċentwal tal-produzzjoni. Minħabba l-volumi tal-produzzjoni mnaqqsin u d-domanda dejjem akbar, l-industrija tal-Unjoni setgħet tnaqqas il-volum tal-istokkijiet tal-għeluq f'termini assoluti u meta espress bħala perċentwal tal-produzzjoni fl-2020. Peress li l-volum tal-produzzjoni rritorna għal-livelli tiegħu tal-2018 u d-domanda kompliet tikber fil-perjodu ta' investigazzjoni, l-istokk tal-għeluq espress bħala perċentwal tal-produzzjoni kompla jonqos fil-PI.

4.4.3.4. Profittabilità, fluss ta' flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(327) Il-profittabilità, il-fluss ta' flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 10

Profittabilità, fluss ta' flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2018	2019	2020	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	- 5,4 %	- 8,9 %	- 5,9 %	0,6 %
Indiċi (2018 = 100)	*- 100*	*- 166*	*- 110*	*10*
Il-fluss ta' flus (EUR)	24 347 831	45 471 749	89 781 804	97 367 062
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*187*	*369*	*400*
L-investimenti (EUR)	68 496 866	27 469 167	22 525 713	26 179 748
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*40*	*33*	*38*
Ir-redditu fuq l-investimenti	1%	- 9%	- 10%	4%
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*- 1 600*	*- 1 832*	*660*

Sors: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(328) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. L-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tagħmel it-telf fl-ewwel tliet snin tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u bilkemm laħqet l-ekwilibriju anke fil-perjodu ta' investigazzjoni. It-telf żdied bejn l-2018 u l-2019 minn -5,4 % għal -8,9 %. Il-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdied b'rata aktar mgħaġġla mill-kost tal-input fl-2020 (ara t-Tabella 7 fil-premessa (320)). Dan irriżulta fi tnaqqis fit-telf għal -5,9 % fl-2020. Fil-PI, l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi tirreġistra profitt ftit ogħla mill-punt ta' ekwilibriju.

(329) L-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi tikseb profitt żgħir fil-PI għalkemm il-prezz medju tal-bejgħ tagħha lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni baqa' taħt il-kost tal-input medju (ara t-Tabella 7 fil-premessa (320)). Dan kien ikkawżat mid-differenzi fit-taħlita ta' prodotti prodotta u mit-taħlita ta' prodotti mibjugħa fl-Unjoni matul il-PI. Id-differenzi kienu jikkonċernaw mhux biss it-tipi ta' prodotti iżda wkoll iż-żmien meta l-oġġetti mibjugħa ġew prodotti (jiġifieri, jekk kinux bejgħ mill-istokk).

(330) Il-fluss ta' flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Il-fluss ta' flus nett kważi rdoppja bejn l-2018 u l-2019. Żdied b'mod konsiderevoli fl-2020, u, b'pass aktar moderat, fil-perjodu ta' investigazzjoni. L-evoluzzjoni tal-fluss ta' flus kienet fil-biċċa l-kbira marbuta mal-evoluzzjoni tal-bejgħ u, għalhekk, tal-istokkijiet. Fl-2018, produttur wieħed tal-Unjoni inkluż fil-kampjun irreġistra varjazzjoni kbira fl-istokk ta' prodotti lesti, jiġifieri l-kumpanija prodotta għall-istokk. Fl-2019, din is-sitwazzjoni ma rrepetietx u, b'hekk, biddlet il-fluss ta' flus negattiv ta' din il-kumpanija f'wieħed pożittiv. Dan spjega l-maġġoranza taż-żieda fil-fluss ta' flus bejn l-2018 u l-2019. Il-valur tal-fluss ta' flus fl-2020 u fil-perjodu ta' investigazzjoni kien marbut mal-fatt li l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun temporanjament waqqfu l-produzzjoni tagħhom minħabba l-lockdowns relatati mal-COVID-19 iżda komplew ibigħu mill-istokk li, kif muri fit-Tabella 9 (ara l-premessa (325)), storikament kien jirrappreżenta madwar nofs il-kwantità tal-produzzjoni annwali tagħhom. L-istokk tal-għeluq tal-prodotti lesti naqas fl-2020 u fil-PI li wassal għal varjazzjoni fl-istokk, li żiedet il-valur mat-telf li kien qiegħed jonqos (2020) jew mal-profitt żgħir (PI).

(331) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtT argumenta li peress li kumpanija waħda biss setgħet tinfluwenza r-riżultati tal-fluss tal-flus, il-kampjun ma kienx rappreżentattiv.

(332) Il-fluss tal-flus ippreżentat fit-Tabella 10 kien sempliċi żieda tal-valuri kollha tal-fluss tal-flus tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Dan ifisser li kwalunkwe avveniment jew evoluzzjoni f'waħda mill-kumpaniji fil-kampjun influwenzat l-indikatur finali irrispettivament minn liema sehem tal-produzzjoni tal-Unjoni kien jirrappreżenta l-kampjun. Fil-premessa (330), il-Kummissjoni ċċarat il-fluttwazzjonijiet fil-fluss tal-flus. Konsegwentement, l-asserzjoni magħmula mill-GtT ġiet miċħuda.

(333) L-investimenti naqsu bi 62 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-akbar tnaqqis ta' 60 % ġie rreġistrat bejn l-2018 u l-2019. L-investimenti komplew jonqsu fl-2020, sabiex imbagħad żdiedu fil-perjodu ta' investigazzjoni (16 % meta mqabblin mal-2020). Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-investimenti kienu ffinanzjati bi fluss ta' flus u bi krediti bankarji. Il-maġġoranza tal-investimenti kienu fiż-żamma tal-kapaċità u fis-sostituzzjoni. L-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp u fl-innovazzjoni, li kienu jammontaw għal 38 % tal-investimenti totali mill-produtturi inklużi fil-kampjun fl-2018, naqsu b'97 % fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni u kienu jifformaw 3 % biss tal-investimenti tagħhom fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(334) Il-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun li jiġġeneraw il-kapital ġiet affettwata mill-profittabilità negattiva. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun irrapportaw li l-profittabilità negattiva ma ppermettitilhomx jiffinanzjaw l-investimenti neċessarji sabiex jisfruttaw il-potenzjal tas-suq li kien qiegħed jikber. Produttur minnhom tal-Unjoni inkluż fil-kampjun irrapporta li kellu jnaqqas il-kapaċità minħabba l-problemi tiegħu li jiġġenera l-kapital. Xi produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun huma parti minn gruppi akbar, u għalhekk huma aktar kapaċi jiġġeneraw il-kapital minn kumpaniji awtonomi f'sitwazzjoni finanzjarja simili. Madankollu, il-profittabilità u l-prospetti batuti tagħhom jinfluwenzaw id-deċiżjoni tal-impriżi omm li jipprovdu fondi, li jistgħu jiddeċiedu li jinvestu xi mkien ieħor.

(335) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Naqas b'mod sinifikanti fl-2019 u fl-2020 sabiex irreġistra żieda fil-perjodu ta' investigazzjoni, wara x-xejra ta' profittabilità.

4.5. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(336) Fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika minn suq li kien qiegħed jespandi, kif muri mill-makroindikaturi li jippreżentaw xejriet negattivi jew pjuttost stabbli f'xenarju ta' domanda dejjem akbar. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità jew l-impjiegi baqgħu fl-istess livell matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-bejgħ tal-Unjoni żdied b'pass aktar bil-mod mill-konsum (tkabbir ta' 3 % tal-bejgħ tal-Unjoni f'suq li kiber b'6 %). Bħala konsegwenza, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas minn 90,1 % fl-2018 għal 87,1 % fil-PI.

(337) Minkejja ż-żieda ta' 19 % fil-prezz tal-bejgħ tagħha, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tgħolli l-prezzijiet fl-Unjoni għal livelli għoljin biżżejjed sabiex tirkupra l-kostijiet tagħha matul il-biċċa l-kbira tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni. B'riżultat ta' dan, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kienet jew qiegħda tagħmel it-telf (-5,4 % fl-2018, -8,9 % fl-2019, -5,9 % fl-2020) jew kemm laħqet l-ekwilibriju (0,6 % fil-perjodu ta' investigazzjoni, influwenzat mill-irkupru ekonomiku ta' wara l-COVID-19, inkluża ż-żieda fl-output tal-kostruzzjoni kif spjegat fil-premessa (311), u meta l-industrija tal-Unjoni biegħet kwantitajiet sinifikanti mill-istokkijiet). Il-livell ta' profittabilità miksub fil-perjodu ta' investigazzjoni ma setax jitqies bħala sostenibbli. L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha fl-Unjoni għal livell li jiżgura l-livelli ta' profittabilità neċessarji sabiex tkopri l-kostijiet tal-input tagħha għall-biċċa l-kbira tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni u sabiex tisfrutta t-tkabbir fis-suq tal-Unjoni, pereżempju billi tagħmel investimenti ġodda għall-espansjoni, għar-riċerka u għall-iżvilupp u sabiex tkompli tkun attiva f'segmenti li kienu qegħdin jiżviluppaw bħal ċangaturi kbar. Tabilħaqq, f'din is-sitwazzjoni, l-investimenti naqsu bi 62 % u l-kapaċità baqgħet kostanti, li juri li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tikber mas-suq li kien qiegħed jikber.

(338) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

(339) Wara d-divulgazzjoni finali, numru ta' partijiet interessati kkummentaw dwar is-sejbiet u l-konklużjonijiet dwar id-dannu.

(340) Ceramika Netto esprimiet tħassib dwar il-validità tad-*data* li l-Kummissjoni użat għas-sejbiet tagħha dwar id-dannu. B'mod partikolari, il-kumpanija ppreżentat ir-rapporti finanzjarji għall-2021 minn tliet produtturi Pollakki tal-madum taċ-ċeramika u artikli tal-aħbarijiet li jiġbru fil-qosor il-prestazzjoni tal-industrija taċ-ċeramika fl-Italja u fi Spanja fl-2021.

(341) Is-CGCSA asseriet li l-produtturi tal-Unjoni kienu lesti jipprovdu informazzjoni għas-sena 2021 sħiħa u, li kieku l-Kummissjoni eżaminat dik l-informazzjoni, hija kienet issib li d-dannu rriżulta biss mill-effetti tal-pandemija tal-Covid-19.

(342) Il-Kummissjoni nnotat li l-investigazzjoni twettqet fuq informazzjoni, li ġiet ivverifikata fuq il-post, ippreżentata mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun għall-PI u għall-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Ceramika Netto ma ssottomettiet l-ebda kumment dwar il-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni sal-iskadenza applikabbli. Kwalunkwe informazzjoni li tikkonċerna s-sena 2021 sħiħa tkopri perjodu ta' wara l-PI u, għalhekk, ma setgħetx tintuża għad-determinazzjoni tad-dannu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma hijiex konxja ta' xi offerta proattiva mill-industrija tal-Unjoni sabiex tissottometti *data* ta' wara l-PI. Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjonijiet minn Ceramika Netto u mill-GCSCA.

(343) Il-GtI, il-GtT, il-GCSCA, il-kumpanija Torka Sogutsen Seramik u sittax-il produttur esportatur Indjan asserew li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali. F'dan ir-rigward, il-GtI, il-GtT, il-GCSCA u sittax-il produttur esportatur Indjan issottomettew li l-biċċa l-kbira tal-indikaturi makroekonomiċi u mikroekonomiċi baqgħu stabbli jew tjiebu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(344) Pereżempju, is-sittax-il kumpanija indikaw li l-volum tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità u l-produttività żdiedu sostanzjalment fil-PI meta mqabblin mal-2020, u li l-istokkijiet tal-għeluq naqsu sostanzjalment fil-PI meta mqabblin mal-2018. Barra minn hekk, il-produtturi esportaturi Indjani argumentaw li minkejja tnaqqis fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni bi 3 punti perċentwali fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, hija żammet ishma mis-suq għoljin matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni. Il-kumpaniji rreferew għas-sentenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti") f'eurocylinder systems AG vs Hauptzollamt Hamburg-Stadt ([31]). Il-Qorti ddikjarat li l-Kunsill wettaq żball manifest meta kkonkluda li telf ta' ħames punti perċentwali tas-sehem mis-suq kien indikatur ta' dannu materjali peress li l-industrija tal-Unjoni żammet sehem mis-suq għoli u esperjenzat żieda fil-volumi tal-bejgħ u fil-prezzijiet tal-bejgħ.

([31]) Is-sentenza tal-Qorti tal-4 ta' Frar 2021, eurocylinder systems AG vs Hauptzollamt Hamburg-Stadt, il-Kawża C-324/19, ECLI:EU:C:2021:94, il-punti 49 u 52.

(345) Il-GtT issottometta li indikaturi bħall-profittabilità, il-produzzjoni, il-volum tal-bejgħ, il-prezz tal-bejgħ tal-Unjoni, l-użu tal-kapaċità, il-produttività, l-inventarji, il-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investimenti esperjenzaw evoluzzjoni negattiva temporanja fl-2020, sena affettwata mill-pandemija tal-Covid-19, iżda rritornaw għal xejra pożittiva fil-PI. Barra minn hekk, il-GtT argumenta li ftit indikaturi li juru xejriet negattivi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni ma kinux biżżejjed sabiex tinħareġ konklużjoni dwar l-eżistenza ta' dannu materjali.

(346) B'mod simili, il-GtI asserixxa li ma kien hemm l-ebda dannu fil-volum peress li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Indja kien żgħir matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-GtI nnota wkoll li minkejja t-telf tas-sehem mis-suq, l-industrija tal-Unjoni żammet sehem mis-suq għoli. Barra minn hekk, il-volum tal-bejgħ tagħha żdied u l-prezz tal-bejgħ domestiku tagħha żdied b'pass ogħla mill-kost tal-produzzjoni u, b'hekk, wassal għal profittabilità mtejba.

(347) Il-GCSCA argumentat ukoll li ħafna indikaturi makroekonomiċi, bħall-volum tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq għoli, żammew xejriet newtrali jew pożittivi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Fir-rigward tal-indikaturi mikroekonomiċi, l-assoċjazzjoni indikat li l-prezz tal-bejgħ domestiku tal-Unjoni żdied b'rata ogħla mill-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(348) Il-Kummissjoni nnotat li l-indikaturi jridu jiġu eżaminati mhux biss fid-dawl tal-evoluzzjoni tagħhom iżda wkoll fir-rigward tal-livelli miksubin. Il-Kummissjoni ddikjarat li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali minħabba ż-żieda fil-volumi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja u mit-Turkija. Għalkemm il-prezz domestiku tal-Unjoni żdied b'rata aktar mgħaġġla mill-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, l-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tagħmel it-telf kważi f'kull sena tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, hekk kif kulma setgħet tagħmel huwa li tilħaq il-punt ta' ekwilibriju fil-PI. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni tilfet is-sehem mis-suq, minkejja żieda fil-konsum.

(349) Barra minn hekk, il-partijiet irreferew għas-sejbiet tal-Kummissjoni dwar ċerti indikaturi (il-volum tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità) li kienu affettwati b'mod negattiv mill-pandemija tal-Covid-19 fl-2020 iżda rkupraw fil-PI. Madankollu, il-partijiet jeħtiġilhom jirrikonoxxu wkoll li l-pandemija wasslet għat-titjib ta' ċerti indikaturi, eż. il-volum tal-istokks tal-għeluq u l-fluss tal-flus. Sussegwentement, il-Kummissjoni ma setgħetx taqbel mal-partijiet li jiddeskrivu l-bidla fil-PI bħala mtejba sostanzjalment meta mqabbel mal-perjodu preċedenti peress li diġà qablu li l-prestazzjoni partikolarment ħażina f'dawk l-indikaturi fl-2020 kienet ikkawżata mill-pandemija.

(350) Fir-rigward tas-sentenza preliminari tal-Qorti f'eurocylinder systems AG vs Hauptzollamt Hamburg-Stadt, il-Kummissjoni nnotat li kull każ irid jiġi vvalutat skont il-merti tiegħu stess. Fl-investigazzjoni kkonċernata mis-sentenza tal-Qorti, l-industrija tal-Unjoni esperjenzat żieda fil-volum tal-bejgħ u fil-prezzijiet tal-bejgħ filwaqt li żammet sehem mis-suq għoli u profitti b'żewġ ċifri matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni ([32]). Is-sitwazzjoni f'dan il-każ hija differenti b'mod konsiderevoli. Għalkemm il-prezz tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni żdied u l-volum tal-bejgħ tagħhom żdied bi ftit ukoll, il-kumpaniji baqgħu jagħmlu t-telf kważi fis-snin kollha tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(351) Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjonijiet deskritti fil-premessi (343) sa (347).

5. **KAWŻALITÀ**

(352) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħrajn setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kull dannu possibbli kkawżat minn fatturi għajr l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati ma kienx attribwit għall-importazzjoni oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn inklużi importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Indja, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, l-evoluzzjoni tad-domanda, l-evoluzzjoni tal-kost tal-input tal-industrija tal-Unjoni u l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19.

([32]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 289/2009 tas-7 ta' April 2009 li jimponi dazju provviżorju anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi minghajr saldatura tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 94, 8.4.2009, p. 48).

5.1. **Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping**

(353) Il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdied b'72 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, minn [39 000 000 – 42 000 000] m^2 fl-2018, li jirrappreżenta sehem mis-suq ta' [5 – 5,2] %, għal [67 000 000 – 69 000 000] m^2 fil-PI, li jirrappreżenta sehem mis-suq ta' [8,1 – 8,3] % matul il-PI. Iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati (72 %) qabżet b'mod sinifikanti kemm iż-żieda fil-konsum fis-suq tal-Unjoni (6 %) kif ukoll iż-żieda fil-bejgħ tal-Unjoni (3 %). Iż-żieda ta' aktar minn 3 punti perċentwali fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping seħħet b'mod parallel ma' telf ta' 3 punti perċentwali fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni, minn 90,1 % fl-2018 għal 87,1 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(354) Għalhekk, dan il-gwadann fis-sehem mis-suq mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kien għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni li ma setgħetx tibbenefika miż-żieda kontinwa fil-konsum.

(355) Iż-żieda fl-importazzjonijiet kienet ibbażata fuq prezzijiet baxxi, oġġett ta' dumping. Kif stabbilit fil-premessa (293), il-prezzijiet mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni waqqgħu b'mod sinifikanti dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-anqas b'36 % għall-Indja u bi 19,9 % għat-Turkija, fil-perjodu ta' investigazzjoni, u fi kwalunkwe każ kienu aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-kostijiet tal-input tal-industrija tal-Unjoni.

(356) Minbarra s-sejbiet ta' twaqqigħ sinifikanti tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kienu wkoll ferm aktar baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Id-differenza fil-prezz (ibbażata fuq iċ-ċifri medji tal-Eurostat) bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni kienet sinifikanti, u żdiedet matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, minn EUR 2,98/m^2 fl-2018 għal EUR 4,77/m^2 u fil-perjodu ta' investigazzjoni, żieda ta' 60 %.

(357) Minħabba l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, li l-prezzijiet tagħhom kienu wkoll taħt il-kost tal-input tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u b'hekk ikkawżaw soppressjoni sinifikanti tal-prezzijiet, u sabiex jiġi evitat aktar telf tas-sehem mis-suq, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tagħha fl-Unjoni f'livell ogħla mill-kost tal-input tagħha matul il-biċċa l-kbira tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni (ara t-Tabella 7 fil-premessa (320)). Bilkemm laħqet ekwilibriju fil-perjodu ta' investigazzjoni, li kkoinċida mal-irkupru ta' wara l-Covid-19 u ma' żieda fl-output tal-kostruzzjoni (ara l-premessa (311)). Fi kwalunkwe każ, il-livell ta' profitt tal-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni kien baxx ħafna (0,6 %) u ma jistax jitqies sostenibbli (ara l-premessa (337)). L-importazzjonijiet oġġett ta' dumping qabżu wkoll il-bejgħ tal-Unjoni fl-irkupru ta' wara l-COVID-19: filwaqt li l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdied b'1,2 % fil-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbel mal-2020, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping żdiedu bi 17,5 %.

(358) Minn dan ta' hawn fuq jirriżulta li ż-żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet baxxi wasslet għal telf ta' bejgħ u ma ħallietx lill-industrija tal-Unjoni tilħaq livelli raġonevoli ta' profitt. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2. **Effetti ta' fatturi oħrajn**

5.2.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(359) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 11

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2018	2019	2020	Perjodu ta' investigazzjoni
Importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Indja u mit-Turkija	Il-volum (m^2)	[8 000 000 – 10 000 000]	[10 000 000 – 12 000 000]	[13 000 000 – 15 000 000]	[14 000 000 – 16 000 000]
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*132*	*160*	*173*

	Is-sehem mis-suq	[1 – 1,2] %	[1,4 – 1,6] %	[1,6 – 1,8] %	[1,7 – 1,9] %
	Il-prezz medju (EUR/m²)	[6,1 – 6,4]	[6,4 – 6,7]	[6,5 – 6,8]	[6,4 – 6,7]
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*105*	*106*	*105*
L-Ukrajna	Il-volum (m²)	5 641 163	5 104 655	4 890 265	5 546 233
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*90*	*87*	*98*
	Is-sehem mis-suq	0,7 %	0,6 %	0,6 %	0,7 %
	Il-prezz medju (EUR/m²)	4,22	4,44	4,37	4,55
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*105*	*103*	*108*
Iċ-Ċina	Il-volum (m²)	8 534 901	6 739 211	6 488 766	4 836 581
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*79*	*76*	*57*
	Is-sehem mis-suq	1,1 %	0,8 %	0,8 %	0,6 %
	Il-prezz medju (EUR/m²)	5,11	5,18	4,81	4,95
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*101*	*94*	*97*
L-Emirati Għarab Magħquda	Il-volum (m²)	3 443 921	3 220 877	3 448 721	3 194 145
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*94*	*100*	*93*
	Is-sehem mis-suq	0,4 %	0,4 %	0,4 %	0,4 %
	Il-prezz medju (EUR/m²)	9,29	7,30	6,57	6,93
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*78*	*71*	*75*

Oħrajn (minbarra l-Pajjiżi kkonċernati)	Il-volum (m^2)	12 091 485	11 671 162	10 263 420	11 036 430
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*97*	*85*	*91*
	Is-sehem mis-suq	1,5 %	1,4 %	1,3 %	1,3 %
	Il-prezz medju (EUR/m^2)	6,68	6,24	6,96	7,15
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*105*	*106*	*107*
Total tal-pajjiżi terzi kollha għajr il-pajjiżi kkonċernati, inklużi l-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Indja u mit-Turkija)	Il-volum (m^2)	[38 000 000 – 40 000 000]	[37 000 000 – 39 000 000]	[38 000 000 – 40 000 000]	[39 000 000 – 41 000 000]
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*100*	*101*	*103*
	Is-sehem mis-suq	[4,8 – 5] %	[4,6 – 4,8] %	[4,7 – 4,9] %	[4,7 – 4,9] %
	Il-prezz medju (EUR/m^2)	[6 – 6,3]	[5,9 – 6,2]	[6 – 6,3]	[6,2 – 6,5]
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*98*	*100*	*103*

Sors: Eurostat, produttur esportatur inkluż fil-kampjun.

(360) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha għajr il-pajjiżi kkonċernati iżda inklużi l-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Indja u mit-Turkija (minn hawn 'il quddiem "il-pajjiżi terzi kollha") żdiedu bi 3 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn ammontaw għal [36 – 38] % tal-importazzjonijiet totali fl-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni (tnaqqis minn [48 – 50] % tal-importazzjonijiet fl-2018). Is-sehem mis-suq tal-Unjoni tagħhom naqas sena wara sena, billi mar minn [4,8 – 5] % fl-2018 għal [4,7 – 4,9] % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Bl-eċċezzjoni tal-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati, u miċ-Ċina fis-sena 2018, l-ebda pajjiż uniku ieħor ma kiseb sehem mis-suq ta' aktar minn 1 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(361) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha l-ewwel naqas b'2 % mill-2018 għall-2019, u mbagħad żdied bil-mod mill-2020 sabiex laħaq livell 3 % ogħla fil-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbel mal-2018. Il-prezzijiet ta' dawk l-importazzjonijiet kienu ogħla mill-prezzijiet tal-importazzjoni tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni. L-akbar differenza ġiet irreġistrata fil-PI, meta l-prezz medju mill-pajjiżi terzi kollha kien [8-12] % ogħla mill-prezz medju tal-importazzjoni tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati.

(362) L-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu bi 73 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, minn [8 000 000 – 10 000 000] metru kwadru fl-2018 għal [16 000 000 – 18 000 000] fil-perjodu ta' investigazzjoni. Is-sehem mis-suq tagħhom żdied minn [1 – 1,2] % fl-2018 għal [1,7 – 1,9] % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-prezzijiet ta' dawk l-importazzjonijiet kienu ogħla mill-prezzijiet tal-importazzjoni tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni. Fl-2019, fl-2020 u fil-perjodu ta' investigazzjoni kienu tal-anqas 14 % ogħla mill-prezz medju tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati. Il-prezzijiet medji tal-importazzjoni kienu anqas minn dawk tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Għalhekk, dawn l-importazzjonijiet u ż-żieda tagħhom kellhom impatt negattiv fuq il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(363) Għalhekk, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha għajr il-pajjiżi kkonċernati iżda inklużi l-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Indja u mit-Turkija setgħu kkontribwew sa ċertu punt limitat għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Madankollu, minħabba li l-prezzijiet medji tagħhom huma ogħla minn dawk tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati, li l-volumi huma iżgħar u ma kisbux sehem mis-suq fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, dawk l-importazzjonijiet, kemm b'mod kollettiv kif ukoll b'mod individwali, ma jnaqqsux il-kawżalità stabbilita mal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja u mit-Turkija.

(364) Wara d-divulgazzjoni parzjali addizzjonali, il-GtT argumenta li l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-effett ta' importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u mill-pajjiżi terzi kollha fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienu preġudikati peress li l-Kummissjoni sabet li l-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kellhom impatt negattiv fuq il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni filwaqt li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha kkontribwew għad-dannu materjali biss b'mod limitat, b'mod partikolari peress li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha laħqu volum erba' darbiet ogħla mill-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati.

(365) Il-Kummissjoni nnotat li l-premessi (362) u (363) kellhom jinqraw flimkien. Meta jitqiesu l-volumi u l-prezzijiet tagħhom, kemm l-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kif ukoll l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn kellhom impatt negattiv fuq il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, iżda mhux tant li jtaffu l-kawżalità. Kif spjegat fil-premessa (360), il-kategorija "il-pajjiżi terzi kollha" tinkludi wkoll l-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Indja u mit-Turkija. Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.

(366) Wara d-divulgazzjoni parzjali addizzjonali, il-GtI argumenta li, f'termini ta' volum u ta' prezzijiet, l-importazzjonijiet mill-Indja kienu simili għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi (minbarra l-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati). Madankollu, il-Kummissjoni ma investietx lil dawk il-pajjiżi terzi. Skont il-GtI, dan wera li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu minħabba l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Indja iżda minħabba l-kost għoli tal-produzzjoni. Barra minn hekk, il-GtI indika li peress li l-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni tjiebet hekk kif l-importazzjonijiet mill-Indja żdiedu, ma kienx hemm kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(367) Il-Kummissjoni fakkret li eżaminat l-impatt tal-importazzjonijiet mill-Indja u mit-Turkija li nstabu li saru bi prezzijiet oġġett ta' dumping. L-investigazzjoni nbdiet fuq il-bażi ta' evidenza suffiċjenti ta' dumping ipprovduta mill-ilmentatur. Billi ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza bħal din fir-rigward ta' pajjiżi terzi oħrajn, il-Kummissjoni ma investigatx lil dawk il-pajjiżi u, għalhekk, ma setgħet tagħmel l-ebda sejba ta' dumping f'din l-investigazzjoni. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha kkontribwew għad-dannu materjali b'mod limitat (ara l-premessa (363)). F'dak li għandu x'jaqsam mal-volumi tal-importazzjoni, il-Kummissjoni analizzat ir-rekwiżiti għal valutazzjoni kumulattiva tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u sabet li r-rekwiżiti kollha ġew issodisfati f'din l-investigazzjoni. Għalhekk, l-importazzjonijiet mill-Indja ma setgħux jitqiesu bħala negliġibbli. Fl-aħħar nett, kif spjegat fil-premessa (298), għalkemm l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżid il-prezzijiet tagħha u billi għamlet dan tejbet il-prestazzjoni finanzjarja tagħha, hija setgħet biss tikseb livelli ta' profittabilità kemxejn ogħla mill-punt ta' ekwilibriju fil-PI. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessi (293) sa (295), il-Kummissjoni sabet twaqqigħ sostanzjali tal-prezz u soppressjoni tal-prezz ikkawżati mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja u mit-Turkija. Għalhekk, l-asserzjoni li, f'termini ta' volumi u ta' prezzijiet, l-importazzjonijiet mill-Indja ma setgħux jikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni ġiet miċħuda.

5.2.2. Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

(368) Il-Kummissjoni eżaminat l-evoluzzjoni tal-esportazzjonijiet u tal-prezzijiet għall-Industrija kollha tal-UE fuq il-bażi tad-*data* tal-Eurostat ([33]).

Tabella 12

Esportazzjonijiet mill-Unjoni

	2018	2019	2020	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-volum tal-bejgħ (m^2)	470 484 212	470 086 762	447 819 312	514 369 625
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*100*	*95*	*109*
Il-prezz medju (EUR/m^2)	8,58	8,53	8,78	8,77
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*99*	*102*	*102*

Sors: CET, Eurostat.

(369) Skont id-*data* tal-Eurostat, l-esportazzjonijiet tal-Unjoni tal-madum taċ-ċeramika żdiedu b'9 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-esportazzjonijiet baqgħu stabbli fl-ewwel sentejn tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni u mbagħad naqsu b'5 % bejn l-2019 u l-2020, u mbagħad żdiedu fil-perjodu ta' investigazzjoni, jiġifieri 15 % sena wara sena. Il-prezz medju tal-esportazzjonijiet baqa' pjuttost stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u rreġistra żieda ta' 2 %.

(370) Il-partijiet interessati asserew, fuq il-bażi tad-*data* fl-ilment, li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienet kawża tad-dannu, minħabba t-tnaqqis fl-2020 u l-fatt li l-prezz medju tal-esportazzjonijiet kien aktar baxx mill-kost tal-input tal-ilmentaturi.

(371) Tqabbil bħal dan ma kienx korrett. L-ewwel nett, id-*data* tal-Eurostat kienet tinkludi l-esportazzjonijiet kollha tal-Unjoni (inklużi dawk lil klijenti relatati barra mill-Unjoni) filwaqt li l-kost tal-input tal-ilmentaturi kien jirrappreżenta biss parti mill-esportazzjonijiet tal-Unjoni. It-tieni, il-perjodu ta' investigazzjoni kopra perjodu differenti minn dak użat fl-ilment.

(372) Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni analizzat ukoll il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, fuq il-bażi ta' *data* verifikata. Il-volum u l-prezz medju tal-esportazzjonijiet lil klijenti mhux relatati tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 13

Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

	2018	2019	2020	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-volum tal-bejgħ (m^2)	6 906 051	7 483 379	7 105 324	9 669 741
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*108*	*103*	*140*
Il-prezz medju (EUR/m^2)	13,60	13,81	11,63	11,24
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*102*	*85*	*83*

Sors: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

([33]) Ikkoreġuti fir-rigward tal-volumi għall-perjodu ta' investigazzjoni għal Spanja wara l-evidenza pprovduta mill-ilmentatur mal-verifika tal-kwestjonarju dwar il-makroindikaturi.

(373) Il-volumi tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żdiedu b'40 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-akbar żieda ġiet irreġistrata fil-perjodu ta' investigazzjoni, jiġifieri 36 % sena wara sena (jiġifieri meta mqabbla mal-2020). Il-prezz medju tal-esportazzjonijiet mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun naqsu bi 17 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-ewwel żdied bi ftit, imbagħad naqas fl-2020 u fil-perjodu ta' investigazzjoni. Minkejja dan it-tnaqqis, il-prezz medju tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kien ogħla mill-kost tal-input tagħhom matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(374) Minħabba l-evoluzzjoni pożittiva tagħha, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun jew tal-industrija kollha tal-Unjoni ma setgħetx tikkontribwixxi għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(375) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtT sostna li t-telf fis-sehem mis-suq mill-industrija tal-Unjoni ma setax jiġi attribwit għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati. Il-parti indikat il-volum tal-esportazzjoni dejjem akbar tal-industrija tal-Unjoni u argumentat li t-telf tas-sehem mis-suq kien ikkawżat mill-industrija tal-Unjoni li tipprijoritizza l-esportazzjonijiet fuq il-bejgħ domestiku. Il-GtT tenniet din l-asserzjoni wara d-divulgazzjoni parzjali addizzjonali.

(376) Il-Kummissjoni ma qablitx. Il-volum tal-istokk tal-għeluq u l-livell tal-użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni kienu jippermettu lill-industrija tal-Unjoni żżid il-volumi tal-esportazzjoni u l-volumi tal-bejgħ domestiku tagħha fl-istess ħin. Għalhekk, il-prestazzjoni mtejba tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni ma setgħetx tiġġustifika t-telf tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni, li kien dovut għall-volumi dejjem jiżdiedu ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping li waqqgħu u rażżnu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, kif konkluż fil-premessa (358). Il-Kummissjoni rrifjutat l-asserzjoni.

5.2.3. *Konsum*

(377) Xi partijiet asserew li t-tnaqqis globali fil-konsum tal-madum taċ-ċeramika kien kawża tad-dannu għall-industrija tal-Unjoni. Madankollu, kif stabbilit fil-premessi (267) sa (269), il-konsum żdied b'mod stabbli fl-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Għalhekk, ma setax ikkontribwixxa għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.4. *L-evoluzzjoni tal-kost tal-input*

(378) Il-partijiet interessati ssottomettew li ż-żidiet fil-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija, tat-trasport u tal-kwoti tal-emissjonijiet tas-CO_2 kienu kawża tad-dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(379) Il-kost tal-input tal-industrija tal-Unjoni kien ogħla mill-prezz tal-bejgħ tagħha, u żdied, għall-biċċa l-kbira tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni rreġistrat telf kbir matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Madankollu, kif spjegat fil-premessa (357), l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tagħha fl-Unjoni aktar mill-kost tal-input tagħha matul il-biċċa l-kbira tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, jew għamlet livelli sostenibbli ta' profitt, sabiex tevita li titlef aktar sehem mis-suq għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet baxxi.

(380) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtI, il-GtT u sittax-il produttur esportatur Indjan iddikjaraw li l-Kummissjoni naqset milli teżamina fatturi oħrajn, bħall-kost dejjem akbar f'dak li għandu x'jaqsam mal-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija, tal-kwoti tas-CO_2 u mal-kostijiet lavorattivi.

(381) Il-Kummissjoni eżaminat l-informazzjoni verifikata tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u sabet li l-kost tal-materja prima (għal kull m^2) żdied biss bi ftit (b'madwar 4 %) matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-kost tal-enerġija u l-kost lavorattiv għal kull m^2 fil-fatt naqas. Il-kost tal-konformità għal kull m^2 baqa' pjuttost stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (379), l-industrija tal-Unjoni ġarrbet telf minħabba l-inkapaċità tagħha li żżid il-prezzijiet taħt il-pressjoni tal-prezzijiet mill-importazzjonijiet mill-Indja u mit-Turkija. Konsegwentement, l-asserzjoni ġiet miċħuda.

5.2.5. *L-effetti tal-COVID-19*

(382) Il-partijiet interessati asserew li l-pandemija tal-COVID-19 kienet kawża tad-dannu għall-industrija tal-Unjoni minħabba l-waqfien tal-produzzjoni. Asserew ukoll li din kienet ir-raġuni għaż-żidiet fil-kostijiet tagħhom, minħabba d-dipendenza tagħhom fuq l-importazzjonijiet tal-materja prima u t-tfixkil fil-ktajjen tal-provvista maħluq mill-pandemija tal-Covid-19. Fl-aħħar nett, xi partijiet interessati asserew li l-fatt li l-industrija tal-Unjoni ma keċċietx il-ħaddiema minkejja l-għeluq kien ukoll kawża għaż-żieda fil-kostijiet u sarraf f'dannu li hija kkawżat għaliha stess.

(383) Min-naħa tal-provvista, matul l-ewwel mewġa tal-pandemija tal-COVID-19, fl-ewwel nofs tal-2020, il-biċċa l-kbira tal-produtturi tal-Unjoni kellhom jagħlqu temporanjament il-faċilitajiet tal-produzzjoni tagħhom. Dan kien rifless b'mod ċar fil-volum tal-produzzjoni, li naqas bi 11 % fl-2020 meta mqabbel mal-2018 u bi 8 % meta mqabbel mal-2019. Madankollu, il-produzzjoni rkuprat fil-PI (ara t-Tabella 4).

(384) Il-Kummissjoni analizzat ukoll l-impatt fuq il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Din l-analiżi kkonfermat is-sejbiet fl-Unjoni kollha. Il-miżuri meħudin minħabba l-pandemija tal-COVID-19 varjaw bejn il-produtturi li jinsabu fi Stati Membri differenti. Erbgħa mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kellhom jagħlqu l-faċilitajiet ta' produzzjoni tagħhom fl-ewwel nofs tas-sena 2020 (Marzu u April), filwaqt li tnejn minnhom ma għalqux iżda naqqsu l-produzzjoni. Il-produtturi kollha tal-Unjoni inklużi fil-kampjun irrapportaw tnaqqis fil-produzzjoni matul l-għeluq meta mqabblin mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel, iżda l-produzzjoni rkuprat fil-PI.

(385) Minkejja l-għeluq, il-kost tal-input żdied biss bi ftit (+2 %) fl-2020 meta mqabbel mal-2019 (ara l-premessa (320)). Produttur tal-Unjoni wieħed inkluż fil-kampjun irrapporta li, fit-tieni nofs tal-2020, huwa bbenifika minn kostijiet baxxi ta' materja prima u tal-fatturi kollha tal-produzzjoni, speċjalment il-kostijiet tal-enerġija u tat-trasport, minħabba d-disponibbiltà mhux tas-soltu ta' ħaddiema, ta' servizzi u ta' provvisti. Għalhekk, kwalunkwe impatt fuq il-ktajjen tal-provvista kien negliġibbli. Fir-rigward tal-forza tax-xogħol, il-miżuri meħudin mill-produtturi inklużi fil-kampjun varjaw fi Stati Membri differenti, bħat-tnaqqis tas-salarji, it-tqegħid tal-impjegati f'xogħol b'ħinijiet aqsar, l-użu ta' fondi għas-sensji jew tal-ġranet tal-leave, jew skemi ta' protezzjoni li wasslu għal iffrankar.

(386) Min-naħa tad-domanda, kif jidher fil-premessa (268), is-suq tal-Unjoni kompla jikber matul il-pandemija tal-COVID-19. Ix-xejriet tal-konsum, tal-importazzjonijiet u tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdiedu b'mod kostanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, bl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati li żdiedu b'rati ferm aktar mgħaġġlin mill-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u mill-konsum tal-Unjoni, anke fl-2020. L-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżomm il-volum tal-bejgħ tagħha fl-2020, minkejja l-għeluq temporanju tal-fabbriki, billi biegħet mill-istokkijiet, peress li din l-industrija partikolari hija kkaratterizzata minn livelli għoljin ħafna ta' stokkijiet (madwar 50 % tal-produzzjoni). Għaldaqstant, l-istokkijiet irreġistraw tnaqqis fl-2020 u fil-PI (ara l-premessa (325)).

(387) Għalhekk, hekk kif id-domanda baqgħet stabbli u l-industrija tal-Unjoni setgħet terġa' tibda l-produzzjoni malajr wara l-għeluq u tuża l-istokk tagħha sabiex iżżomm il-volum tal-bejgħ tagħha, l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-industrija tal-Unjoni kienu limitati u ma taffewx ir-rabta ta' kawżalità stabbilita mal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja u mit-Turkija.

(388) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtI, GtT, is-CGCSA, Sogutsen Seramik u Yurtbay Seramik tennew li d-dannu kien ikkawżat mill-pandemija tal-Covid-19 u asserew li l-Kummissjoni ma eżaminatx l-impatt tagħha b'mod suffiċjenti. Is-CGCSA ssottomettiet li l-Kummissjoni naqset milli tiġbor *data* kwantitattiva sabiex teżamina l-effetti tal-Covid-19.

(389) L-asserzjoni li d-dannu kien ikkawżat mill-pandemija tal-Covid-19 kienet diġà indirizzata fil-premessi (383) sa (387). Il-Kummissjoni eżaminat l-impatt tal-pandemija tal-Covid-19 fuq il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda, kemm fil-livell tal-industrija kollha tal-Unjoni kif ukoll fil-livell tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun (ara l-premessi (384) u (385)). Il-Kummissjoni ġabret *data* dwar l-indikaturi kollha tad-dannu u eżaminat l-impatt tal-pandemija tal-Covid-19 fuq dik il-bażi. Irrikonoxxiet li l-pandemija kellha impatt ċar fuq il-volumi tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, li rkuprat malajr, u fuq il-livell tal-istokkijiet tagħhom, iżda waħda negliġibbli fuq il-volum tal-bejgħ, fuq il-kostijiet, fuq l-importazzjonijiet u fuq il-konsum. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ġabret informazzjoni addizzjonali dwar l-impatt tal-pandemija tal-Covid-19 mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, bħad-durata tal-għeluq għal dawk il-kumpaniji li għalqu jew il-miżuri li ħadu fir-rigward tal-forza tax-xogħol. Il-partijiet interessati ma pprovdew l-ebda evidenza jew argument ġdid li jista' jibdel dawn il-konklużjonijiet, u lanqas xi evidenza ta' liema *data* oħra l-Kummissjoni missha ġabret jew analizzat. Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet dawn l-asserzjonijiet.

5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(390) Il-Kummissjoni stabbiliet rabta ta' kawżalità bejn id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja u mit-Turkija. Iż-żieda tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati ħabtet mat-tnaqqis fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. Il-biċċa l-kbira tad-domanda dejjem akbar fl-Unjoni ttieħdet mill-importazzjonijiet. Iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kienet ibbażata fuq prezzijiet baxxi oġġett ta' dumping li kienu anqas mill-kost tal-input tal-industrija tal-Unjoni, waqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u ma ppermettewx lill-industrija tal-Unjoni tistabbilixxi prezzijiet f'livelli sostenibbli neċessarji sabiex tikseb marġnijiet ta' profitt raġonevoli.

(391) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufin fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. L-effett tal-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping, tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, tal-evoluzzjoni tal-konsum tal-Unjoni, tal-evoluzzjoni tal-kost tal-input tal-industrija tal-Unjoni u tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-prestazzjoni negattiva tal-industrija tal-Unjoni fir-rigward tas-sehem mis-suq u tal-profittabilità tagħha kien limitat biss.

(392) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li l-fatturi l-oħrajn, ikkunsidrati b'mod individwali jew kollettiv, ma naqqsux ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali.

(393) Wara d-divulgazzjoni finali, fir-rigward tal-konklużjonijiet dwar il-kawżalità, il-GtI indika li l-industrija tal-Unjoni kienet diġà esperjenzat telf fl-2018 meta l-importazzjonijiet mill-Indja kienu negliġibbli. Barra minn hekk, hekk kif żdiedu l-importazzjonijiet mill-Indja, is-sitwazzjoni tal-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni tjiebet ukoll. Għalhekk, skont il-GtI, ma kien hemm l-ebda kawżalità bejn l-importazzjonijiet mill-Indja u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(394) Il-Kummissjoni nnotat li l-impatt tal-importazzjonijiet mill-Indja u mit-Turkija ġie vvalutat b'mod kumulattiv, mhux individwalment. Fi kwalunkwe każ, l-investigazzjoni stabbiliet li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja żdiedu b'aktar mid-doppju mill-2018 sal-perjodu ta' investigazzjoni. Din iż-żieda kienet ibbażata fuq prezzijiet oġġett ta' dumping li kienu anqas mill-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Fid-dawl ta' din iż-żieda, l-industrija tal-Unjoni, min-naħa, tilfet il-bejgħ għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u min-naħa l-oħra, sabiex tevita milli titlef aktar bejgħ, ma setgħetx tistabbilixxi l-prezzijiet tagħha fil-livelli neċessarji sabiex jinkisbu marġnijiet ta' profitt raġonevoli. Għalhekk, hemm kawżalità ċara bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.

(395) Wara l-analiżi tal-kummenti li waslu wara d-divulgazzjoni finali, il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet tagħha dwar il-kawżalità.

6. **LIVELL TAL-MIŻURI**

(396) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed sabiex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping lill-industrija tal-Unjoni.

6.1. **Il-marġni tad-dannu**

(397) Id-dannu jitneħħa jekk l-industrija tal-Unjoni setgħet tikseb profitt fil-mira billi tbigħ bi prezz fil-mira fis-sens tal-Artikolu 7(2c) u 7(2d) tar-Regolament bażiku.

(398) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, sabiex tistabbilixxi l-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-fatturi li ġejjin: il-livell ta' profittabilità qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi li qegħdin jiġu investigati, il-livell ta' profittabilità meħtieġ sabiex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) u l-innovazzjoni, u l-livell ta' profittabilità li għandu jkun mistenni f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Jenħtieġ li tali marġni ta' profitt ma jkunx anqas minn 6 %.

(399) La l-ilmentatur u lanqas xi wieħed mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ma għamlu xi talba sostanzjata rigward il-livell tal-profitt fil-mira.

(400) L-ilment uża profitt fil-mira ta' 6 %, il-minimu previst fl-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, u ma pprovda l-ebda evidenza li jenħtieġ li jiġi stabbilit f'livell ogħla. L-ilment iddikjara biss li l-ilmentatur ippretenda li l-kalkolu tal-bejgħ taħt il-prezz matul l-investigazzjoni jkun ibbażat fuq profitt fil-mira ogħla li jirrifletti kostijiet ambjentali ferm ogħla mistennija fl-Unjoni matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri. Madankollu, il-kostijiet ambjentali futuri ma humiex fattur għad-determinazzjoni tal-profitt fil-mira skont l-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku. Tabilħaqq, dawn il-kostijiet huma riflessi fil-prezz fil-mira finali skont l-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku.

(401) Żewġ produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun biss ikkummentaw dwar il-livell xieraq tal-profitt fil-mira. Wieħed minnhom ippropona li jintuża profitt fil-mira ta' [6 sa 7 %], il-profitt li kiseb fl-2018, meta l-preżenza tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kienet aktar baxxa. It-tieni produttur tal-Unjoni inkluż fil-kampjun iddikjara li ma setax jipprovdi tweġiba peress li kien qiegħed jikkompeti mal-importazzjonijiet mill-Indja u mit-Turkija matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u saħansitra qabel.

(402) Minħabba l-frammentazzjoni tal-industrija tal-UE, il-profitt ta' produttur wieħed tal-Unjoni inkluż fil-kampjun f'sena partikolari ma huwiex bażi suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit il-profitt fil-mira għall-industrija kollha tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati diġà kienu preżenti fis-suq fl-2018 bi prezzijiet taħt il-kost tal-input tal-industrija tal-Unjoni, u l-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tagħmel it-telf.

(403) Tabilħaqq, kif muri fit-Tabelli 2 u 10, l-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tagħmel it-telf jew bilkemm laħqet punt ta' ekwilibriju anke matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, filwaqt li l-preżenza tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati diġà kienet sinifikanti fl-2018 u kienet qiegħda b'mod kostanti. Għalhekk l-ebda sena minn dawn ma tikkwalifika sabiex jingħata profitt fil-mira skont l-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku.

(404) L-ebda produttur tal-Unjoni inkluż fil-kampjun ma pprovda kalkolu tal-profittabilità tal-prodott li qiegħed jiġi investigat għal għaxar snin qabel il-bidu tal-investigazzjoni, kif mitlub fil-kwestjonarju. Il-Kummissjoni ħadet nota wkoll tal-profitt fil-mira stabbilit għal din l-industrija fl-investigazzjoni tal-madum taċ-ċeramika kontra ċ-Ċina (3,9 %), li madankollu tmur lura għall-2010 ([34]), kif ukoll il-profittabilità miksuba mill-industrija tal-Unjoni fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni għall-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza dwar l-importazzjonijiet li joriġinaw fiċ-Ċina, li matulu l-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tagħmel it-telf ([35]).

(405) Fl-aħħar nett, l-ebda wieħed mill-produtturi inklużi fil-kampjun ma għamel asserzjoni sostanzjata jew ipprovda xi evidenza li l-livell tiegħu ta' investimenti, ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) u ta' innovazzjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kien ikun ogħla f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni.

(406) Fid-dawl tal-fatti ta' hawn fuq, il-Kummissjoni rrikorriet għall-użu tal-profitt fil-mira minimu ta' 6 % skont l-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku. Dan il-marġni tal-profitt fil-mira żdied mal-kost tal-input attwali tal-industrija tal-Unjoni sabiex jiġi stabbilit il-prezz mhux dannuż.

(407) F'konformità mal-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku, bħala pass finali, il-Kummissjoni vvalutat il-kostijiet futuri li jirriżultaw mill-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u mill-protokolli tagħhom, li l-Unjoni hija parti għalihom, u tal-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia tar-Regolament bażiku li l-industrija tal-Unjoni ġġarrab matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Fuq il-bażi tal-evidenza disponibbli (fuq il-bażi tas-sistemi kontabilistiċi tal-kumpaniji, l-għodod tar-rapportar u t-tbassir tagħhom), il-Kummissjoni stabbiliet kost addizzjonali f'medda ta' bejn EUR 0,06 sa 0,65 għal kull m^2.

([34]) Għall-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali tal-investigazzjoni kontra l-madum taċ-ċeramika miċ-Ċina, ara l-premessa (24) tar-Regolament (UE) Nru 258/2011. Għall-profitt fil-mira ta' dik l-investigazzjoni, ara l-premessi (164) u (197) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 917/2011.

([35]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2179.

(408) Dan il-kost kien jinkludi l-kostijiet futuri addizzjonali sabiex tiġi żgurata l-konformità mas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ("EU ETS"). L-EU ETS hija pedament tal-politika tal-Unjoni għall-konformità mal-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali. Kost addizzjonali bħal dan ġie kkalkolat fuq il-bażi tal-prezz stmat tal-Kwoti tal-Unjoni ("EUAs") li jkollhom jinxtraw matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri. Il-kostijiet addizzjonali qiesu wkoll il-kostijiet indiretti tas-CO_2 li jirriżultaw minn żieda fil-prezzijiet tal-elettriku matul l-istess perjodu marbuta mal-EU ETS u l-prezzijiet imbassrin tal-EUAs.

(409) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkalkolat prezz mhux dannuż għall-prodott simili għall-industrija tal-Unjoni billi applikat il-marġni ta' profitt fil-mira (ara l-premessa (406)) għall-kost tal-input tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni u mbagħad żiedet l-aġġustamenti skont l-Artikolu 7(2d) fuq bażi ta' tip b'tip.

(410) Imbagħad, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell tal-marġni tad-dannu fuq il-bażi ta' tqabbil tal-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li kkooperaw mill-Indja u mit-Turkija, esklużi l-produtturi esportaturi li kkooperaw li nstabu li ma kinux qegħdin jagħmlu dumping, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, mal-prezz medju ponderat mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjonijiet.

(411) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għal "kumpaniji oħrajn li kkooperaw" u għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" huwa definit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għal dawn il-kumpaniji (ara l-premessi (203) sa (207) u (256) sa (258)).

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dumping	Il-marġni tad-dannu
L-Indja	Il-Grupp Conor	8,7 %	168,7 %
L-Indja	Il-Grupp Icon	6,7 %	92,7 %
L-Indja	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	7,3 %	115,8 %
L-Indja	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	8,7 %	168,7 %
It-Turkija	Hitit Seramik Sanayi ve Ticaret A.Ş.	20,9 %	150,6 %
It-Turkija	Qua Granite ve Hayal Yapi Ürünleri San. Tic. A.Ş., Bien Yapi Ürünleri San. Tic. A.Ş.	4,8 %	80,8 %
It-Turkija	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	9,2 %	100,5 %
It-Turkija	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	20,9 %	150,6 %

(412) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtT sostna li l-marġnijiet tal-eliminazzjoni tad-dannu kienu distorti billi tqies il-kost tal-konformità fil-futur. Il-GtT staqsa dwar kif tali kost ġie rifless fil-kalkolu u jekk ġietx ikkunsidrata l-introduzzjoni potenzjali tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri. F'dan ir-rigward, is-CGCSA argumenta li aġġustament għall-kost tal-konformità fil-futur ma kienx kompatibbli mal-istandards tad-WTO.

(413) Barra minn hekk, is-CGCSA sostniet li livelli għoljin ta' bejgħ taħt il-prezz ikkonfermaw l-inklużjoni fil-kampjun ta' produtturi tal-Unjoni li jimmanifatturaw prodotti artiġjanali jew ta' disinji speċjali.

(414) Fl-aħħar nett, is-CGCSA asseriet li l-marka hija fattur importanti fid-deċiżjonijiet dwar l-ipprezzar. Għalhekk, jenħtieġ li jsir aġġustament għall-marka meta jitqabblu l-prezzijiet tal-importazzjoni tal-produtturi Torok mal-prezzijiet mhux dannużi tal-produtturi tal-Unjoni. Sabiex tappoġġa din l-asserzjoni, is-CGCSA rreferiet għall-prezz medju tal-esportazzjoni tal-produtturi Taljani u Spanjoli, hekk kif il-prezz medju tal-esportazzjoni tal-produtturi Taljani kien ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjoni tal-madum taċ-ċeramika esportat minn Spanja. Il-parti interessata użat statistiki kummerċjali għat-tqabbil.

(415) L-asserzjoni tal-GtT dwar il-kost tal-konformità fil-futur ġiet imtennija wara d-divulgazzjoni parzjali addizzjonali.

(416) Il-Kummissjoni nnotat li l-inklużjoni tal-kost tal-konformità fil-futur fil-kalkolu tal-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu kienet allinjata mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku. Il-partijiet naqsu milli jispeċifikaw liema dispożizzjonijiet tal-ADA tad-WTO allegatament kisret il-Kummissjoni billi kkunsidrathom għall-prezz mhux dannuż.

(417) Sabiex tistabbilixxi l-valur ta' tali aġġustament għall-kost attwali tal-produzzjoni, il-Kummissjoni qabblet il-kost tal-konformità ta' unità fil-PI mal-kost tal-konformità stmat ta' unità fil-ħames snin ta' wara. Il-valur eċċess medju ta' tali kost ta' unità żdied mal-kost attwali tal-produzzjoni użat fil-kalkolu tal-prezz mhux dannuż. F'dan il-każ, l-effett tal-kost tal-konformità fil-futur kien minuri, u bħala medja jirrappreżenta madwar 3 % tal-prezz mhux dannuż. Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni tal-GtT li l-kalkolu tal-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu kien distort.

(418) Barra minn hekk, l-asserzjonijiet magħmulin mill-partijiet interessati Torok fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni diġà ġew indirizzati fil-premessi (70) sa (74) u (299).

(419) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni nnotat li la s-CGCSA u lanqas kwalunkwe produttur esportatur inkluż fil-kampjun ma talbu aġġustament għall-marka matul l-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tieħu pożizzjoni dwar l-asserzjoni rispettiva tas-CGCSA. Fi kwalunkwe każ, paragun sempliċi tal-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-produtturi Taljani u Spanjoli ma setax jitqies bħala appoġġ għall-asserzjoni tal-parti. Id-differenzi setgħu kienu kkawżati minn numru ta' fatturi oħrajn bħat-taħlita tal-prodotti esportati.

(420) Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjonijiet dwar id-determinazzjoni tal-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu deskritt fil-premessi (412) sa (414).

6.2. **Konklużjoni dwar il-livell ta' miżuri**

(421) Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, id-dazji anti-dumping definittivi jenħtieġ li jiġu stabbiliti kif ġej f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv
L-Indja	Il-Grupp Conor	8,7 %
L-Indja	Il-Grupp Icon	6,7 %
L-Indja	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	7,3 %
L-Indja	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	8,7 %
It-Turkija	Hitit Seramik Sanayi ve Ticaret A.Ş.	20,9 %
It-Turkija	Qua Granite ve Hayal Yapi Ürünleri San. Tic. A.Ş., Bien Yapi Ürünleri San. Tic. A.Ş.	4,8 %
It-Turkija	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	9,2 %
It-Turkija	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	20,9 %

7. **INTERESS TAL-UNJONI**

(422) Il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi, tal-utenti u tal-konsumaturi.

(423) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtI, GtT, il-kumpaniji Torok Seramiksan u Sogutsen Seramik, sittax-il produttur esportatur Indjan, u Ceramika Netto asserew li l-Kummissjoni ma wettqitx test tal-interess tal-Unjoni ġust u komplut. L-asserzjonijiet tagħhom huma indirizzati fit-taqsimiet rispettivi ta' hawn taħt.

7.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(424) L-industrija tal-Unjoni hija magħmula minn aktar minn 300 produttur f'24 Stat Membru u timpjega direttament aktar minn 54 500 persuna (FTE). L-Istati Membri produtturi ewlenin, li jirrappreżentaw aktar minn 85 % tal-produzzjoni totali tal-UE, huma Spanja, l-Italja u l-Polonja. Kif imsemmi fil-premessa (59), l-industrija tal-Unjoni hija frammentata; il-maġġoranza tal-produtturi, aktar minn 240, huma intrapriżi żgħar u medji ("SMEs"). Kif iddikjarat fil-premessa (11), aktar minn 30 % tal-produzzjoni totali tal-UE sostniet b'mod espliċitu l-bidu tal-investigazzjoni u l-ebda produttur tal-Unjoni ma esprima oppożizzjoni jew pożizzjoni newtrali. Kien hemm ukoll sostenn wiesa' għall-investigazzjoni mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali li kkooperaw fl-investigazzjoni billi pprovdew *data* lill-ilmentatur.

(425) L-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni qiegħda ġġarrab dannu materjali minħabba l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja u mit-Turkija. Kif konkluż fit-Taqsimiet 4 u 5, is-sitwazzjoni tal-industrija kollha tal-Unjoni marret għall-agħar minħabba l-kwantitajiet dejjem akbar ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja u mit-Turkija bi prezzijiet baxxi. Dawk l-importazzjonijiet bi prezzijiet bħal dawn iggwadanjaw is-sehem mis-suq b'mod kostanti fl-Unjoni għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni u ma ppermettewx lill-industrija tal-Unjoni żżid il-prezzijiet tagħha għal livelli raġonevolment profittabbli li jkunu jippermettulha tilħaq il-profitt fil-mira.

(426) Il-miżuri anti-dumping kontra l-importazzjonijiet mill-Indja u mit-Turkija huma mistennijin li jerġgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet ta' kummerċ ġust fis-suq tal-Unjoni. Dan huwa mistenni li jippermetti lill-industrija tal-Unjoni terġa' tikseb is-sehem mis-suq mitluf għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u tagħmel dan bi prezzijiet ġusti, filwaqt li ttejjeb il-livelli ta' profitt tagħha, li min-naħa tagħhom jippermettu lill-industrija żżid l-investimenti tagħha. Tabilħaqq, l-investiment huwa kritiku f'din l-industrija mhux biss għall-manutenzjoni, iżda wkoll għall-innovazzjoni u għall-investiment f'segmenti li qegħdin jiżviluppaw bħal dak ta' ċangaturi kbar. Bħala riżultat tal-miżuri, il-produtturi tal-Unjoni huma mistennijin jirkupraw mis-sitwazzjoni dannuża, jinvestu aktar u jissodisfaw l-impenji tagħhom, inklużi dawk soċjali u ambjentali.

(427) In-nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri jaggrava s-sitwazzjoni diġà danneġġata tal-industrija tal-Unjoni, li ma hijiex b'saħħitha biżżejjed sabiex tkompli tiflaħ għal żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet saħansitra anqas mill-kostijiet tal-input tal-industrija tal-Unjoni. Jekk ma jiġux imposti miżuri, jista' jkun mistenni li ż-żieda fl-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika oġġett ta' dumping bi prezzijiet baxxi mill-Indja u mit-Turkija tkompli. F'dik is-sitwazzjoni, l-industrija tal-Unjoni ma tkunx tista' żżid il-prezzijiet tagħha għal livelli profittabbli u tibqa' titlef il-bejgħ għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(428) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impożizzjoni ta' miżuri hija fl-interess tal-Industrija tal-Unjoni.

7.2. **L-interess ta' importaturi mhux relatati**

(429) Fid-data tal-bidu, ġew ikkuntattjati aktar minn 900 importatur magħruf ([36]) fl-Unjoni u huma ġew mistidnin jikkooperaw fl-investigazzjoni. Kif spjegat fil-premessi (98) u (99), kkooperaw biss żewġ importaturi mhux relatati. Iż-żewġ kumpaniji wieġbu għall-ittra ta' defiċjenza tal-Kummissjoni wara l-analiżi tal-kwestjonarji tagħhom, iżda aktar tard waqfu jikkooperaw peress li l-ebda waħda minnhom ma qablet li ssirilha verifika fuq il-post jew RCC. L-analiżi li ġejja hija bbażata fuq it-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju u fuq it-tweġibiet tagħhom għall-ittri ta' defiċjenza, u r-riċerka tal-Kummissjoni stess ([37]).

([36]) L-ilment, l-Anness 8.

([37]) Peress li l-importaturi mhux relatati waqfu jikkooperaw wara l-istadju ta' defiċjenza (ma qablux li ssirilhom verifika / RCC), l-analiżi tal-Kummissjoni hija bbażata fuq l-informazzjoni li ppreżentaw inklużi l-evidenza ta' sostenn (bħar-rapporti finanzjarji) u l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku (ir-rapporti finanzjarji minn reġistru tal-kumpaniji, *data* finanzjarja ppubblikata minn https://www.romanian-companies.eu/).

(430) Dawk iż-żewġ importaturi kienu jirrappreżentaw [3-4] % tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati fil-perjodu ta' investigazzjoni, bl-Indja tirrappreżenta l-biċċa l-kbira tal-importazzjonijiet tagħhom mill-pajjiżi kkonċernati. Għal wieħed minnhom, il-prodott li qiegħed jiġi investigat kien il-biċċa l-kbira tal-attività tiegħu f'termini ta' fatturat, filwaqt li għat-tieni wieħed, kien jirrappreżenta madwar 1/4. Is-sehem tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati fix-xiri totali tagħhom kien ta' madwar 1/4. It-tnejn li huma kienu jixtru kwantitajiet sinifikanti mingħand il-produtturi tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni u fl-2020, u xi kwantitajiet iżgħar minn pajjiżi terzi għajr il-pajjiżi kkonċernati. Il-profittabilità medja ponderata tagħhom relatata mal-prodott li qiegħed jiġi investigat, stabbilita kif spjegat fil-premessa (429) hija fil-medda ta' [5 sa 7 %].

(431) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, filwaqt li minn perspettiva purament tal-kostijiet kwalunkwe dazju jkollu impatt fuq l-attività tal-importaturi mhux relatati, minħabba l-livell tad-dazji, l-impatt tad-dazju fuq il-marġnijiet tal-profitt tal-importaturi, u ta' dawk li għalihom il-kummerċ fil-madum taċ-ċeramika ma huwiex l-unika attività tagħhom, ikun limitat, anke li kieku kellhom jassorbuh kompletament. Fl-aħħar nett, l-investigazzjoni wriet li l-importaturi mhux relatati jistgħu wkoll jiksbu importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping minn pajjiżi terzi oħrajn u mill-Unjoni, hekk kif għamlu fl-2020 u fil-perjodu ta' investigazzjoni. Kif muri fit-Tabelli 1 u 4, l-industrija tal-Unjoni għandha kapaċità suffiċjenti sabiex tkopri d-domanda fl-Unjoni.

(432) Min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri jkun jaggrava s-sitwazzjoni ta' dannu materjali tal-industrija tal-Unjoni kif spjegat fil-premessa (427). Ta' min jinnota li, għall-kuntrarju tal-importaturi, l-industrija tal-Unjoni bilkemm għamlet profitti matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, peress li l-importaturi jiddependu kemm fuq l-industrija tal-Unjoni kif ukoll fuq sorsi oħrajn għax-xiri tagħhom, l-awtorizzazzjoni sabiex l-importazzjonijiet ikomplu jidħlu fl-Unjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni tkun taffettwa wkoll is-sorsi tal-provvista tagħhom.

(433) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-effett tal-miżuri fuq l-importaturi mhux relatati jkun limitat.

(434) Wara d-divulgazzjoni finali, Seramiksan issottomettiet li t-test tal-interess tal-Unjoni kien affettwat mill-fatt li l-Kummissjoni ma rċiviet l-ebda informazzjoni mingħand madwar 900 importatur fl-Unjoni u lanqas ma eżaminat l-interessi tagħhom.

(435) Il-Kummissjoni nnotat li hija infurmat lill-importaturi magħrufin kollha tal-Unjoni dwar il-bidu tal-investigazzjoni. Il-Kummissjoni analizzat u qieset l-informazzjoni sottomessa minn dawk il-kumpaniji kollha li ddeċidew li jikkooperaw jew bagħtu sottomissjonijiet. Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.

(436) Wara d-divulgazzjoni finali, numru ta' importaturi tal-Unjoni indikaw li l-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet mit-Turkija tkun tikkawżalhom ħsara peress li investew fl-iżvilupp ta' kollezzjonijiet ġodda f'kooperazzjoni mal-produtturi Torok.

(437) Il-Kummissjoni nnotat li dawk l-importaturi tal-Unjoni ma kkooperawx fi stadju aktar bikri tal-investigazzjoni u ma ssottomettewx informazzjoni fattwali li tkun tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tal-miżuri fuq dawk il-partijiet interessati. Barra minn hekk, fuq il-bażi tal-kummenti li waslu mingħand il-produtturi esportaturi Torok inklużi fil-kampjun wara d-divulgazzjoni finali, produttur esportatur Tork wieħed instab li ma kienx qiegħed jagħmel dumping u l-livell medju tal-miżuri applikabbli għall-importazzjonijiet mit-Turkija naqas. Għalhekk, il-Kummissjoni sostniet li l-effett tad-dazji fuq l-importaturi tal-Unjoni jkun limitat.

(438) Ceramika Netto għamlet ukoll diversi asserzjonijiet proċedurali wara d-divulgazzjoni finali.

(439) Il-kumpanija argumentat li l-Kummissjoni użat b'mod żbaljat termini bħal "l-hekk imsejħin" jew "isejħu lilhom infushom bħala" manifatturi. Il-kumpanija sostniet li kienet rikonoxxuta bħala manifattur skont id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([38]).

(440) Il-Kummissjoni nnotat li d-definizzjonijiet użati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 305/2011 skont dak l-artikolu kienu applikabbli biss għal kwistjonijiet regolati minn dak ir-regolament. Din l-investigazzjoni twettqet skont ir-Regolament bażiku. Għalhekk, id-definizzjoni ta' manifattur stabbilita bir-Regolament (UE) 305/2011 ma kinitx tapplika f'dan il-proċediment. Fil-fatt, skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, il-kumpanija kienet importatur tal-Unjoni.

([38]) Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

(441) Ceramika Netto ma qablitx mad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni fil-premessa (461) li l-prezz li bih kienet timporta kien oġġett ta' dumping. F'dan ir-rigward, il-kumpanija rreferiet għall-fatturi tal-bejgħ domestiku u għall-fatturi tal-bejgħ għall-esportazzjoni tal-forniturі Indjani tagħha pprovduti lill-Kummissjoni li, skont il-kumpanija, urew li l-prezzijiet tal-importazzjoni tagħha ma kinux oġġett ta' dumping.

(442) Il-Kummissjoni fakkret li l-investigazzjoni tal-imġiba tad-dumping twettqet fuq kampjun ta' produtturi esportaturi Indjani. Għalhekk, kwalunkwe fattura tal-bejgħ sottomessa minn Ceramika Netto kienet irrilevanti għas-sejbiet tad-dumping. Fil-premessa (272), il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sejbiet tagħha dwar il-Grupp Conor u l-Grupp Icon jistgħu jiġu estiżi għall-pajjiż kollu. Konsegwentement, dawk is-sejbiet kienu japplikaw għall-importazzjonijiet mill-forniturі Indjani ta' Ceramika Netto.

(443) Ceramika Netto ma qablitx mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li hija kienet kumpanija li ma kkooperatx. Il-kumpanija argumentat li n-Notifika ta' Bidu kienet tippermettilha tissottometti informazzjoni mhux biss fil-forma ta' tweġiba għall-kwestjonarju iżda wkoll f'format liberu. Ceramika Netto asseriet ukoll li l-Kummissjoni missha informat lill-kumpanija dwar kwalunkwe informazzjoni li kienet nieqsa fis-sottomissjoni f'format liberu.

(444) Kif ġie nnotat fil-premessa (440), Ceramika Netto hija importatur għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni. Kif innotat fil-premessi (75) sa (77), il-kumpanija ma talbitx li tiġi kkunsidrata bħala importatur li kkoopera. Il-Kummissjoni kkonfermat li, bħala importatur tal-Unjoni, il-kumpanija kellha l-għażla li tissottometti informazzjoni dwar l-interess tal-Unjoni f'format liberu. Madankollu, ta' min jinnota li din l-informazzjoni ma hijiex soġġetta għal proċess ta' deficjenza għall-kuntrarju ta' tweġiba sħiħa għall-kwestjonarju. Il-Kummissjoni ma kinitx obbligata titlob informazzjoni addizzjonali, b'mod partikolari peress li t-tip ta' informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni tqiegħdet għad-dispożizzjoni b'mod pubbliku permezz tal-kwestjonarji fil-bidu.

7.3. **L-interessi tal-utenti u tal-konsumaturi**

(445) Fid-data tal-bidu, il-Kummissjoni kkuntattjat tmien assoċjazzjonijiet ta' utenti tal-madum taċ-ċeramika fl-Unjoni. L-ebda waħda minnhom ma kkooperat fl-investigazzjoni jew bagħtet xi sottomissjoni. B'mod partikolari, is-settur tal-kostruzzjoni, wieħed mill-akbar utenti tal-madum taċ-ċeramika fl-Unjoni, ma bagħat l-ebda sottomissjoni. Il-livell baxx ta' kooperazzjoni mill-utenti jissuġġerixxi li s-settur ma jiddependix fuq l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati jew li d-dazji anti-dumping ma jkollhomx impatt sinifikanti fuq l-attivitajiet tagħhom.

(446) Il-Kummissjoni kkuntattjat disa' distributuri wkoll. Wieħed biss minnhom, OBI Group Holding SE & Co, KGaA, qabel li jikkoopera. Għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (76), il-Kummissjoni qieset li jenħtieġ li l-kumpanija tiġi investigata bħala utent/kummerċjant tal-prodott li qiegħed jiġi investigat.

(447) Il-kumpanija topponi l-impożizzjoni ta' miżuri u ddikjarat li l-kapaċitajiet kbar tal-produzzjoni fl-Indja u fit-Turkija ma jistgħux jiġu ssostitwiti bis-sħiħ mill-produtturi tal-UE, iżda ma pprovdiet l-ebda evidenza ta' sostenn għal din id-dikjarazzjoni. Kif muri fit-Tabelli 1 u 4, l-industrija tal-Unjoni għandha biżżejjed kapaċità sabiex tissodisfa d-domanda tal-UE. Il-kumpanija rrikonoxxiet il-possibbiltà ta' bdil tal-forniturі.

(448) Il-kumpanija tixtri madum taċ-ċeramika mill-Indja u mit-Turkija, primarjament minn importaturi indipendenti li jaġixxu bħala bejjiegħa bl-ingrossa u mbagħad terġa' tbigħu permezz tal-ħwienet u tas-sħab ta' franchising fuq skala kbira tagħha stess. Aktar minn nofs ix-xiri tagħha ta' madum taċ-ċeramika jikkonċerna prodotti tal-Unjoni. Il-profittabilità tagħha li tirriżulta mill-madum taċ-ċeramika hija ta' [1,5 % sa 3 %], anqas mill-profittabilità medja tagħha. Il-madum taċ-ċeramika jirrappreżenta biss parti żgħira ħafna mill-fatturat totali tal-kumpanija. Għalhekk, u għall-istess raġunijiet deskritti fil-premessi (431) u (432), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impatt fuq din il-kumpanija jkun limitat ħafna.

(449) Fuq din il-bażi, u anke minħabba l-livell baxx ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-effett tal-miżuri fuq l-utenti u fuq il-kummerċjanti jkun limitat.

(450) L-ebda assoċjazzjoni ta' konsumaturi ma kkooperat fl-investigazzjoni. Fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju li jitlob li l-makroindikaturi tal-industrija tal-Unjoni, is-CET sostniet li hija tistenna li l-impatt fuq il-kumpaniji li joperaw fis-swieq downstream – jiġifieri d-distributuri u l-utenti/il-konsumaturi – ikun limitat ħafna, minħabba s-sorsi alternattivi ta' provvista, u s-sejbiet ta' investigazzjonijiet tal-passat dwar il-madum taċ-ċeramika, li kkonfermaw li l-madum taċ-ċeramika għandu effett marġinali fuq il-kostijiet finali fis-settur tal-kostruzzjoni ([39]) u li l-impożizzjoni ta' miżuri tirriżulta f'żidiet limitati fil-prezzijiet għall-konsumatur finali ([40]).

(451) L-investigazzjoni kurrenti kkonfermat l-eżistenza ta' sorsi alternattivi ta' provvista minbarra l-Indja u t-Turkija, hekk kif l-importaturi jġibu mill-Unjoni u wkoll minn pajjiżi terzi għajr l-Indja u t-Turkija (ara l-premessi (430) u (431)). Fin-nuqqas ta' kwalunkwe sottomissjoni sostanzjata minn kwalunkwe assoċjazzjoni tal-konsumaturi, il-Kummissjoni ma tistax tivvaluta b'mod akkurat l-impatt, jekk ikun hemm, li d-dazji jkollhom fuq il-konsumaturi finali, u ma hemm l-ebda evidenza li tissuġġerixxi li s-sejbiet tal-investigazzjoni tal-passat ma japplikawx għal din. Barra minn hekk, minħabba l-livell tad-dazji, anke fil-każ ta' żidiet fil-prezzijiet, dawn pjuttost ikollhom impatt limitat fuq il-konsumaturi.

(452) Fuq din il-bażi, u anke minħabba l-livell baxx ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-effett tal-miżuri fuq il-konsumaturi jkun limitat.

(453) Wara d-divulgazzjoni finali, sittax-il produttur esportatur Indjan asserew li l-Kummissjoni ma qisitx in-numru kbir ta' sottomissjonijiet li saru mill-importaturi u mill-utenti tal-Unjoni. Ceramika Netto rreferiet ukoll għas-sottomissjonijiet magħmulin mill-kumpanija f'isem il-klijenti u s-sħab kummerċjali tagħha. Skont il-kumpanija, dawk is-sottomissjonijiet indikaw kemm l-impożizzjoni tal-miżuri tkun ta' ħsara għall-kumpanija, għall-fornitur Indjan tagħha, għall-importaturi tal-Unjoni, għall-utenti u għall-klijenti finali.

(454) Il-Kummissjoni nnotat li hija analizzat id-diversi sottomissjonijiet imsemmijin mill-produtturi esportaturi Indjani u minn Ceramika Netto, u dawk kellhom nuqqasijiet f'diversi aspetti. L-ewwel nett, saru minn kumpaniji li qatt ma rreġistraw bħala partijiet interessati għall-investigazzjoni. It-tieni, ġew sottomessi lill-Kummissjoni minn Ceramika Netto, parti interessata li ma kinitx ingħatat is-setgħa li taġixxi f'isem dawk il-kumpaniji. It-tielet, ħafna mis-sottomissjonijiet saru wara l-iskadenza/i stabbilita/i min-Notifika ta' Bidu. Fl-aħħar nett, is-sottomissjonijiet kienu fil-biċċa l-kbira jesprimu opinjonijiet iżda ma kellhomx informazzjoni u evidenza fattwali li jappoġġaw l-opinjonijiet ta' dawk il-kumpaniji. Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjonijiet.

7.4. **Fatturi oħrajn**

(455) Minbarra l-partijiet li kkooperaw imsemmijin hawn fuq, numru ta' partijiet interessati għamlu sottomissjonijiet li jiddikjaraw li l-impożizzjoni ta' miżuri tmur kontra l-interess tal-Unjoni.

(456) Il-premessi li ġejjin janalizzaw id-dikjarazzjonijiet, iżda, sa mill-bidu, il-Kummissjoni tinnota li l-ebda waħda minn dawn il-partijiet interessati, allegatament importaturi jew utenti ta' madum taċ-ċeramika, jew saħansitra l-ħekk imsejħin manifatturi tal-Unjoni (ara l-premessa (266)) ([41]), skont is-sottomissjonijiet tagħhom, ma kkooperat mal-investigazzjoni jew bagħtet tweġiba għall-kwestjonarju. Is-sottomissjonijiet tagħhom huma dikjarazzjonijiet li ma huma sostnuti minn ebda evidenza. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax tivvaluta kemm dawn il-kumpaniji huma dipendenti fuq l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati jew l-impatt potenzjali ta' kwalunkwe dazju fuqhom.

(457) L-ewwel nett, dawn il-partijiet indikaw diffikultajiet potenzjali fil-ktajjen tal-provvista, anke minħabba l-avvenimenti ġeopolitiċi attwali bħall-gwerra fl-Ukrajna. Dawn il-partijiet iddikjaraw li kwalunkwe dazju jista' jwassal sabiex ix-xerrejja jiddependu esklussivament fuq l-industrija tal-Unjoni. Skont dawn, huwa neċessarju li jinżammu l-opzjonijiet kollha ta' importazzjoni miftuħin peress li l-industrija tal-Unjoni qiegħda tbati sabiex tlaħħaq mad-domanda tal-Unjoni u li l-utenti ma jistgħux jiddependu fuq l-industrija tal-Unjoni.

([39]) Ir-Regolament (UE) Nru 258/2011.

([40]) Ir-Regolament (UE) Nru 258/2011, il-premessa (153); ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 917/2011, il-premessa (183); u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2179, il-premessa (206).

([41]) Pereżempju, GANDALF Pawel Gagorowski (il-Polonja) jew ILCOM s.r.l (l-Italja) identifikaw lilhom infushom bħala importaturi, VEDMAX s.r.l. (ir-Rumanija) jew Orient Ceramic (ir-Rumanija) identifikaw lilhom infushom bħala utenti/importaturi, Ogrodnik Niemirscy Sp.J (il-Polonja) identifikaw lilhom infushom bħala "bejjiegħ", filwaqt li Netto u Cortina (il-Polonja) identifikaw lilhom infushom matul l-investigazzjoni kollha bħala "l-manifatturi minn Białystok".

(458) L-asserzjonijiet huma miċħudin. L-ewwel nett, ma humiex sostanzjati. It-tieni, l-investigazzjoni żvelat li l-industrija tal-Unjoni għandha biżżejjed kapaċità sabiex tforni s-suq kollu tal-Unjoni. L-investigazzjoni wriet ukoll li l-importaturi u l-utenti jistgħu jirrikorru għal importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping minn pajjiżi terzi għajr il-pajjiżi kkonċernati; fil-fatt, l-importaturi u l-utenti li kkooperaw mal-investigazzjoni kienu jġibu prodotti kemm mill-industrija tal-Unjoni kif ukoll minn pajjiżi terzi għajr il-pajjiżi kkonċernati fl-2020 u fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(459) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li jista' jkun diffiċli li jinġiebu prodotti mill-Ukrajna (sors tradizzjonali, għad li minuri, ta' provvista tal-madum taċ-ċeramika fl-Unjoni, ara t-Tabella 11). Madankollu, kif iddikjarat fil-premessa preċedenti, għad hemm sorsi ta' importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping u dawk il-kanali ma humiex affettwati mis-sitwazzjoni kurrenti. Il-Brażil, il-Vjetnam, l-Iran, l-Indoneżja u l-Eġittu kienu fost l-akbar 10 pajjiżi manifatturi ewlenin madwar id-dinja fl-2020; l-Iran, il-Brażil, l-Eġittu u l-Emirati Għarab Magħquda kienu fost l-akbar 10 esportaturi fl-istess perjodu ([42]).

(460) It-tieni, b'enfasi fuq l-importazzjonijiet mill-Indja, dawn il-partijiet esprimew tħassib li kwalunkwe dazju potenzjali jillimita l-għażla tal-konsumatur kif ukoll il-possibbiltà li l-produzzjoni tiġi esternalizzata lejn l-Indja. Fid-dikjarazzjonijiet tagħhom, Netto u Cortina hemżu diversi ittri mill-klijenti tagħhom li fihom esprimew is-sodisfazzjon bix-xiri tagħhom bħala "evidenza" li ma huwiex fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri peress li dan ikun jillimita wkoll l-għażla tal-konsumatur billi "jġegħluh" jixtri mill-industrija tal-Unjoni.

(461) Il-Kummissjoni nnotat li l-allegazzjonijiet ma kinux sostanzjati. Dawn il-partijiet ma pprovdew l-ebda evidenza li l-madum taċ-ċeramika li jimportaw mill-Indja ma setax jiġi prodott u jinbiegħ mill-industrija tal-Unjoni. Fil-fatt, dawn il-partijiet irrikonoxxew li l-għażla tal-konsumaturi hija xprunata mill-prezz ([43]), meta semmew id-"dritt li jagħżlu l-aħjar offerta bl-aħjar prezz". F'dan il-każ, instab li dawn il-prezzijiet kienu oġġett ta' dumping. L-għan tad-dazji anti-dumping huwa li jerġgħu jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi billi jiġi miġġieled id-dumping. Il-konsumaturi, l-importaturi u l-utenti xorta se jkunu jistgħu jixtru l-prodotti mill-pajjiżi kkonċernati, jew jesternalizzaw il-produzzjoni sabiex imbagħad jimportawhom, iżda bi prezzijiet ġusti billi jħallsu d-dazji anti-dumping, u se jkunu jistgħu wkoll jiksbu l-prodotti mill-industrija tal-Unjoni jew minn pajjiżi oħrajn.

(462) It-tielet, ħafna minn dawn il-partijiet iddikjaraw li l-prodotti Indjani ma humiex oġġett ta' dumping fl-Unjoni, u li ż-żieda enormi fil-kostijiet tat-trasport internazzjonali (allegatament b'aktar minn 1 000 %) tagħmilhom aktar għaljin fl-Unjoni.

(463) L-asserzjoni ġiet miċħuda wkoll bħala mhux sostanzjata. Il-partijiet ma pprovdew l-ebda evidenza dwar il-kostijiet tat-trasport. Id-dumping instab fuq il-bażi tal-valur normali u tal-prezz tal-esportazzjonijiet, kemm fil-livell mill-fabbrika, tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(464) Ir-raba', dawn il-partijiet allegaw li kwalunkwe dazju anti-dumping potenzjali ma jkunx fl-interess tal-Unjoni peress li jkun iwassal għal pressjoni għolja fuq il-prezzijiet fuq il-konsumaturi minbarra l-livell għoli kurrenti ta' inflazzjoni fl-Unjoni, irażżan il-kompetizzjoni tajba u jwassal sabiex ħafna min-negozji li jiddependu fuq dawk l-importazzjonijiet jagħlqu, speċjalment fl-ifqar partijiet tal-Unjoni.

(465) L-asserzjonijiet ġew miċħudin bħala mhux sostanzjati. Il-partijiet ma pprovdew l-ebda evidenza tal-impatt potenzjali ta' kwalunkwe dazju fuq il-konsumaturi jew fuq in-negozji.

(466) L-allegazzjonijiet sottomessi minn Netto u Cortina rigward l-għeluq; il-falliment: it-tnaqqis bil-massa tal-impjiegi fl-Unjoni, u mhux biss dawk tal-importaturi, tal-konsumaturi u tal-kummerċjanti, iżda wkoll ta' industriji oħrajn, bħal-loġistika jew id-disinn, speċjalment fl-ifqar reġjuni, b'referenza speċifika għall-Polonja; lanqas ma huma sostanzjati. L-investigazzjoni stabbiliet li l-impatt tad-dazji fuq l-importaturi, fuq il-konsumaturi u fuq il-kummerċjanti x'aktarx li jkun limitat (ara l-premessi (429) sa (431)), u għalhekk huwa improbabbli li jseħħ għeluq, falliment jew tnaqqis tal-massa tal-impjiegi. L-investigazzjoni stabbiliet ukoll li l-manifattura tal-madum taċ-ċeramika sseħħ madwar l-Unjoni, bil-Polonja li hija t-tielet pajjiż tal-manifattura fl-UE, u li, għall-kuntrarju tal-kummerċjanti jew tal-importaturi, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tirkupra l-kostijiet tagħha u tilfet b'mod kostanti s-sehem mis-suq għall-importazzjonijiet mill-Indja u mit-Turkija.

([42]) Sors: il-makrokwestjonarju, it-Taqsima D.2.1. u l-ilment, il-paġni 49 u 52.

([43]) Ara pereżempju l-"Additional statement in the case AD684" ta' Netto u Cortina, il-paġni 8 u 14.

(467) Fir-rigward tal-impatt indirett fuq industriji oħrajn, u filwaqt li Netto u Cortina ma ppreżentaw l-ebda evidenza jew kwantifikazzjoni, il-Kummissjoni tinnota li n-nuqqas ta' impożizzjoni tad-dazji jkun jaffettwa wkoll industriji oħrajn. Pereżempju, skont l-assoċjazzjoni Spanjola tal-manifatturi (ASCER), l-industrija tal-madum taċ-ċeramika ġġenerat, b'mod kemm dirett kif ukoll indirett, 60 000 impjieg fi Spanja, li jammontaw għal 2,4 % tal-impjiegi industrijali. Kull impjieg dirett ġie stmat li joħloq 3,8 impjieg indirett ieħor ([44]). Fir-rigward tal-impatt fuq ir-reġjuni, fiż-żona ta' Castellon fi Spanja, il-produtturi tal-madum taċ-ċeramika huma parti minn raggruppament li fih il-biċċa l-kbira tal-kumpaniji huma SMEs u jiddependu direttament jew indirettament fuq l-industrija tal-produzzjoni tal-madum taċ-ċeramika.

(468) Bħala konklużjoni, il-partijiet interessati ma ppreżentaw l-ebda evidenza li n-nuqqas ta' impożizzjoni ta' dazji jkun jisboq il-konsegwenzi pożittivi għall-industrija tal-Unjoni tal-impożizzjoni ta' miżuri, kif spjegat fil-premessi (424) sa (428).

(469) Wara d-divulgazzjoni finali, is-sittax-il produttur esportatur Indjan argumentaw li l-Kummissjoni missha qieset l-effetti tal-invażjoni Russa fl-Ukrajna fis-suq tal-Unjoni tal-madum taċ-ċeramika. B'mod partikolari, il-partijiet asserew li l-gwerra wasslet għal żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u għal aċċess imblokkat għall-materja prima li, flimkien mal-ostakli eżistenti bħall-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġinaw miċ-Ċina, jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-ktajjen tal-provvista u jixħtu pressjoni akbar fuq l-importaturi u fuq l-utenti tal-Unjoni.

(470) Wara d-divulgazzjoni parzjali addizzjonali, il-GtT tenna li l-pandemija tal-Covid-19 tat prova tal-importanza ta' ktajjen tal-provvista li jiffunzjonaw tajjeb. Il-GtT sostna li l-kanali miftuħin ta' provvista mit-Turkija lejn l-Unjoni baqgħu kruċjali f'industriji intensivi fl-enerġija bħall-produzzjoni tal-madum taċ-ċeramika, b'mod partikolari fil-kuntest tal-invażjoni Russa li għaddejja fl-Ukrajna, tas-sanzjonijiet imposti mill-Unjoni u taż-żieda sussegwenti fil-prezzijiet tal-enerġija.

(471) Fir-rigward tal-invażjoni Russa fl-Ukrajna, il-Kummissjoni nnotat li l-ewwel nett kellha effett negattiv fuq il-produtturi tal-Unjoni. L-impatt tal-gwerra fuq l-importaturi u fuq l-utenti huwa limitat peress li l-volum tal-importazzjonijiet mill-Ukrajna diġà kien negliġibbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' impożizzjoni tal-miżuri fuq żewġ produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun (il-Grupp Lavish u l-Grupp Vitra) se jnaqqas kwalunkwe pressjoni addizzjonali fuq il-ktajjen tal-provvista minħabba l-gwerra. Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjonijiet deskritti fil-premessi (469) u (470).

(472) Wara d-divulgazzjoni parzjali addizzjonali, is-CGCSA argumentat li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping tmur kontra l-interess tal-industriji tal-madum taċ-ċeramika integrati ħafna fl-Unjoni u fit-Turkija. F'dan ir-rigward, l-assoċjazzjoni indikat li l-produtturi Torok tal-madum taċ-ċeramika kienu jġibu l-materja prima u konsumabbli, l-assi fissi, u l-ispare parts tagħhom mill-Unjoni. Il-valur totali ta' dawn ix-xirjiet żdied minn EUR 163 miljun fl-2019, għal EUR 188 miljun fl-2020, għal EUR 233 miljun fl-2021 u sa EUR 309 miljun fl-ewwel għaxar xhur tal-2022. Barra minn hekk, il-kumpaniji Torok investew fil-manifattura, fil-loġistika u fis-servizzi tal-madum taċ-ċeramika fl-Unjoni. Il-valur totali ta' dawn l-investimenti laħaq it-EUR 366 miljun matul il-perjodu tal-2019 – 2021 u ħoloq madwar 1 700 impjieg. Waqt seduta mas-servizzi tal-Kummissjoni, il-GtT għamel argumenti simili.

(473) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet l-interdipendenzi bejn l-industrija tal-madum taċ-ċeramika Torka u tal-Unjoni. Madankollu, il-Kummissjoni nnotat li ma kien hemm l-ebda evidenza li l-akkwist ta' materja prima u konsumabbli, ta' assi fissi, u ta' spare parts kien marbut direttament mal-esportazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika lejn l-Unjoni. Pereżempju, il-valur tax-xiri żdied sostanzjalment bejn l-2021 (sena sħiħa) u l-2022 (l-ewwel għaxar xhur) għalkemm, kif ikkonfermat mill-GtT (ara l-premessa (282)), il-volum tal-esportazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika mit-Turkija lejn l-Unjoni naqas fl-ewwel għaxar xhur tal-2022 meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2021. Barra minn hekk, jenħtieġ li r-restawr tal-kundizzjonijiet ekwi jwassal għal żieda fil-produzzjoni fl-Unjoni u, b'hekk, jipprovdi lill-forniturituri tal-Unjoni ta' materja prima u konsumabbli, ta' assi fissi, u ta' spare parts b'opportunitajiet ġodda ta' negozju.

([44]) Impacto socioeconómico y fiscal del sector de azulejos y pavimentos cerámicos en España. Disponibbli fuq https://transparencia.ascer.es/media/1039/informe-impacto-socioeco-sector-cer%C3%A1mico_ascer.pdf (ikkonsultat l-aħħar fis-7 ta' Ottubru 2022).

(474) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħadet nota tal-attivitajiet ta' investiment mill-kumpaniji Torok fl-industrija tal-madum taċ-ċeramika fl-Unjoni. Dawk l-investimenti jżidu l-impjiegi u jrawmu l-iżvilupp ekonomiku fir-reġjuni rispettivi. Ir-restawr ta' kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni se jkun ta' benefiċċju għall-investimenti diġà mwettqin mill-produtturi Torok u jista' jqanqal aktar investimenti. Fl-aħħar nett, il-parti naqset milli tispeċifika sa liema punt dawk ix-xiri u l-investimenti twettqu mill-Grupp Vitra, li nstab li ma kienx qiegħed jagħmel dumping u, għalhekk, ma huwiex se jiġi affettwat mill-miżuri anti-dumping.

(475) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet deskritti fil-premessi (473) u (474), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri jista' jkollhom impatt limitat ħafna fuq il-forniturituri tal-Unjoni ta' materja prima u konsumabbli, ta' assi fissi, u ta' spare parts u jkunu ta' għajnuna għal dawn l-investimenti mwettqin mill-produtturi Torok fl-Unjoni. Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjonijiet ippreżentati fil-premessa (472).

7.5. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(476) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda raġuni konvinċenti li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jiġu imposti miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fl-Indja u fit-Turkija.

8. **MIŻURI ANTI-DUMPING DEFINITTIVI**

(477) Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet milħuqin mill-Kummissjoni dwar id-dumping, id-dannu, il-kawżalità, il-livell tal-miżuri u l-interess tal-Unjoni, u f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri anti-dumping definittivi sabiex ma jiġix ikkawżat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat. Jenħtieġ li d-dazji anti-dumping jiġu stabbiliti f'konformità mar-regola tad-dazju inferjuri. Kif imsemmi fit-taqsima 3, id-dazji anti-dumping ma humiex applikabbli għall-produttur esportatur Indjan, il-Grupp Lavish, u għall-produttur esportatur Tork, il-Grupp Vitra.

(478) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-rati tad-dazju anti-dumping definittivi, espressi skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv
L-Indja	Il-Grupp Conor	8,7 %
L-Indja	Il-Grupp Icon	6,7 %
L-Indja	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	7,3 %
L-Indja	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	8,7 %
It-Turkija	Hitit Seramik Sanayi ve Ticaret A.Ş.	20,9 %
It-Turkija	Qua Granite ve Hayal Yapi Ürünleri San. Tic. A.Ş., Bien Yapi Ürünleri San. Tic. A.Ş.	4,8 %
It-Turkija	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	9,2 %
It-Turkija	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	20,9 %

(479) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati tad-dazju huma applikabbli esklussivament għall-importazzjonijiet tal-prodott li qiegħed jiġi investigat li joriġina fil-pajjiżi kkonċernati u manifatturat mill-entitajiet ġuridiċi msemmijin. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Jenħtieġ li ma jkunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju anti-dumping individwali.

(480) Kumpanija fost dawk speċifikament imsemmijin f'dan ir-Regolament, tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([45]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, se jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla tal-isem f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(481) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazji anti-dumping, id-dazju anti-dumping għall-kumpaniji l-oħrajn kollha jenħtieġ li japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda wkoll għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(482) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji anti-dumping individwali jeħtiġilhom jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(4) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(483) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(4) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-verifiki tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u sabiex jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju aktar baxxa tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(484) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(485) Jenħtieġ li l-produtturi esportaturi li ma esportawx il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni jkunu jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni sabiex tkun soġġetta għar-rata tad-dazju anti-dumping għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tilqa' talba bħal din dment li jiġu ssodisfati tliet kundizzjonijiet. Il-produttur esportatur il-ġdid ikollu juri li: (i) ma esportax il-prodott konċernat lejn l-Unjoni matul il-PI; (ii) ma huwiex relatat ma' produttur esportatur li għamel dan; u (iii) esporta l-prodott ikkonċernat wara dan jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jagħmel dan fi kwantitajiet sostanzjali.

9. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

(486) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([46]), meta ammont ikun irid jiġi rrimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li jrid jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikat fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

([45]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat G, Wetstraat 170 Rue de la Loi, 1040 Brussell, il-Belġju.

([46]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(487) Il-miżuri previsti f'dan ir-regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċangaturi u paviment taċ-ċeramika, madum għall-qigħan taċ-ċmieni jew għall-ħitan; kubi tal-mużajk taċ-ċeramika u oġġetti bħal dawn, fuq dahar ta' rfid jew le; ċeramika tal-irfinar, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 6907 21 00, 6907 22 00, 6907 23 00, 6907 30 00 u 6907 40 00 u li joriġina fl-Indja jew fit-Turkija.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġejjin:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv	Kodiċi addizzjonali TARIC
L-Indja	Conor Granito Pvt Ltd.; Corial Ceramic Pvt Ltd.	8,7 %	C898
L-Indja	Acecon Vitrified Pvt Ltd.; Avlon Ceramics Pvt Ltd.; Duracon Vitrified Pvt Ltd.; Eracon Vitrified Pvt Ltd.; Evershine Vitrified Pvt Ltd.; Icon Granito Pvt Ltd.; Venice Ceramics Pvt Ltd.	6,7 %	C899
L-Indja	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness I	7,3%	
L-Indja	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	8,7%	C999
It-Turkija	Hitit Seramik Sanayi ve Ticaret A.Ş.	20,9 %	C900
It-Turkija	Qua Granite ve Hayal Yapi Ürünleri San. Tic. A.Ş.; Bien Yapi Ürünleri San. Tic. A.Ş.	4,8 %	C901
It-Turkija	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness II	9,2 %	
It-Turkija	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	20,9 %	C999

3. Id-dazji anti-dumping ma humiex applikabbli għall-Grupp Lavish, li huwa produttur esportatur Indjan, li jikkonsisti f'Lavish Granito Pvt Ltd., f'Lavish Ceramics Pvt Ltd., f'Lakme Vitrified Pvt Ltd. u f'Liva Ceramics Pvt Ltd. (il-kodiċi addizzjonali TARIC C903), u ma humiex applikabbli għall-produttur esportatur Tork Vitra Karo Sanayi ve Ticaret A.Ş. (kodiċi addizzjonali TARIC C902).

4. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmijin fil-paragrafu 2, kif ukoll in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe rata tad-dazju anti-dumping għall-kumpaniji msemmijin fil-paragrafu 3, għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u bil-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-[volum] tal-[prodott ikkonċernat] mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn [isem u indirizz tal-kumpanija] (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta."* Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

L-Artikolu 1(2) jista' jiġi emendat sabiex jiżdiedu produtturi esportaturi ġodda mill-Indja jew mit-Turkija u jsiru soġġetti għar-rata ta' dazju anti-dumping medja ponderata xierqa għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Produttur esportatur ġdid għandu jipprovdi evidenza li:

(a) huwa ma esportax l-oġġetti deskritti fl-Artikolu 1(1) li joriġinaw fl-Indja jew fit-Turkija matul il-perjodu ta' investigazzjoni (mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021);

(b) ma huwiex relatat ma' esportatur jew produttur soġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament, u li seta' kkoopera fl-investigazzjoni oriġinali; u

(c) li effettivament esporta l-prodott ikkonċernat jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Frar 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Produtturi esportaturi Indjani li kkooperaw li mhumiex parti mill-kampjun

Pajjiż	Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
L-Indja	Arkiton Tiles LLP Ncraze Ceramic LLP	C919
L-Indja	Asian Granito India Limited Crystal Ceramic Industries Private Limited Affil Vitrified Private Limited Amazoone Ceramics Limited	C920
L-Indja	Color Tiles Private Limited Color Granito Private Limited Subway Tiles LLP Senis Ceramic Private Limited	C921
L-Indja	Comet Granito Private Limited Corus Vitrified Private Limited	C922
L-Indja	Granoland Tiles LLP Landgrace Ceramic Private Limited Landdecor Tiles LLP	C923
L-Indja	Sunshine Tiles Company Private Limited Sunshine Vitrious Tiles Private Limited Sunshine Ceramic Jaysun Ceramics Sunray Tiles Private Limited Sologres Granito Private Limited Leesun Ceramic Tiles Co Grenic Tiles Private Limited Antonova Tiles (India)	C924
L-Indja	Aajveto Manufacturing Private Limited The President Group Artos International LLP Spolo Ceramic Private Limited Veritaas Granito LLP Pioneer Ceramic Industries Zed Vitrified Private Limited Indesign Ceramics LLP	C925
L-Indja	Accord Vitrified Private Limited Accord Plus Ceramics Private Limited	C927
L-Indja	Alinta Granito Private Limited Avalta Granito Private Limited	C928
L-Indja	Alpas Cera LLP Cosa Ceramic Private Limited	C929
L-Indja	Ambani Vitrified Private Limited	C930
L-Indja	Solizo Vitrified Private Limited	C931

L-Indja	Axison Vitrified Private Limited Axiom Ceramic Private Limited Swellco Ceramic	C935
L-Indja	Blizzard Vitrified LLP Blizzard Ceramica LLP	C937
L-Indja	Blueart Granito Private Limited Iyota Tiles LLP	C938
L-Indja	Bluetone Impex LLP	C939
L-Indja	Bluezone Vitrified Private Limited Bluezone Tiles LLP Bluegrass Porcelano LLP	C940
L-Indja	Bonza Vitrified Private Limited Boffo Granito LLP Big Tiles	C941
L-Indja	Cadillac Granito Private Limited Captiva Ceramic Industries	C942
L-Indja	Capron Vitrified Private Limited	C943
L-Indja	Classy Tiles LLP	C944
L-Indja	Claystone Granito Private Limited Favourite Plus Ceramic Private Limited Clayart Granito LLP Torino Tiles LLP Astila Ceramic Private Limited	C945
L-Indja	Commander Vitrified Private Limited Creanza Ceramic Private Limited Commander Ceramic Industries Amora Tiles Private Limited Amora Ceramics Private Limited	C946
L-Indja	Cruso Granito Private Limited	C947
L-Indja	Cyber Ceramics	C948
L-Indja	Delta Ceramic	C949
L-Indja	Dureza Granito Private Limited	C950
L-Indja	Emcer Tiles Private Limited Emcer Granito LLP Sanford Vitrified Private Limited Parker Tiles Private Limited Ascent Ceramica Private Limited Lenswood Ceramic	C951
L-Indja	Exotica Ceramic Private Limited	C952
L-Indja	Exxaro Tiles Limited	C953

L-Indja	Face Ceramics Private Limited Fea Ceramics Cygen Ceramic LLP Sorento Granito Private Limited Soriso Ceramic Private Limited Soriso Granito LLP Angel Ceramic Pct Limited Blue Art Granito Private Limited Face Impex Private Limited	C954
L-Indja	Favourite Plus Ceramic Private Limited	C956
L-Indja	Flavour Granito LLP Rex Ceramic Private Limited	C957
L-Indja	Fusion Granito Private Limited Vivanta Ceramic Private Limited	C958
L-Indja	Gold Cera International	C959
L-Indja	Gryphon Ceramics Private Limited Cosa Ceramics Pct Limited RAK Ceramics Private Limited Gris Ceramic LLP Grupo Griffin Ceramica LLP Alpas Cera LLP	C960
L-Indja	Handmada International	C961
L-Indja	Hilltop Ceramic	C962
L-Indja	Ibis Smart Marble Private Limited Silverpearl Tile Private Limited	C963
L-Indja	Italica Granito Private Limited Italica Floor Tiles Private Limited Soriso Ceramic Private Limited	C964
L-Indja	Ita Lake Ceramic Private Limited Itaca Ceramic Private Limited Sperita Granito LLP	C966
L-Indja	Itacon Granito Private Limited U-Con Ceramica LLP Tecon Tiles Private Limited Valencia Ceramic Private Limited Livolla Granito LLP Velloza Granito LLP	C968
L-Indja	Italia Ceramics Limited Piccolo Mosaic Limited	C969
L-Indja	Italus Vitrified LLP	C971
L-Indja	Itcos Granito LLP Icera Tiles LLP	C972
L-Indja	Itoli Granito LLP Imlis Ceramica LLP	C973

L-Indja	K2D Exim	C974
L-Indja	Kag Granito LLP Rollza Granito LLP	C975
L-Indja	Kajaria Ceramics Limited Jaxx Vitrified Private Limited Cosa Ceramics Private Limited Kajaria Tiles Private Limited Vennar Ceramics Limited	C976
L-Indja	Keezia Tiles LLP	C977
L-Indja	Kitco Ceramic	C978
L-Indja	Kripton Granito Private Limited Kripton Ceramic Private Limited La Berry Ceramics Private Limited Nice Ceramic Private Limited Gresart Ceramica Private Limited	C979
L-Indja	Latto Tiles LLP Spinora Tiles Private Limited	C980
L-Indja	Laxveer Ceramic LLP Lovato Ceramic Private Limited	C981
L-Indja	Leopard Vitrified Private Limited Livon Ceramic Letoza Granito LLP	C982
L-Indja	Granito India Limited Lioli Ceramica Private Limited	C983
L-Indja	Lezora Vitrified Private Limited Lemzon Granito LLP Lezwin Tiles LLP Sisam Granito LLP	C984
L-Indja	Livenza Granito LLP Livanto Ceramic Private Limited Lizzart Granito LLP Linia Ceramic LLP L Tile Granito LLP	C986
L-Indja	Lorence Vitrified LLP Lepono Porcelano LLP Lanford Ceramic Private Limited	C987
L-Indja	Lycos Ceramic Private Limited Livolla Granito LLP Crevita Granito Private Limited	C988
L-Indja	Maps Granito Private Limited Perth Ceramic Private Limited	C989
L-Indja	Marbilano Tiles LLP Marbilano Surface LLP	C990
L-Indja	Max Granito Private Limited Epos Tiles LLP	C119

L-Indja	Metropole Tiles Private Limited Metro City Tiles Private Limited Metro Ceramics Mactile India Private Limited	C120
L-Indja	Millennium Granito India Private Limited Lorenzo Vitrified Tiles Private Limited Millenium Vitrified Tile Private Limited Millenium Tile LLP Clan Vitrified Private Limited Millenium Ceramic LLP Millenia Ceramica Private Limited Millenium Cera Tiles Private Limited	C121
L-Indja	Montana Tiles Plazma Granito Private Limited Raykas Ceramic LLP	C122
L-Indja	Motto Ceramic Private Limited Motto Tiles Private Limited Slimtile Private Limited Monza Granito Private Limited Rossa Tiles Private Limited Motto Stone Private Limited	C123
L-Indja	Mox tiles LLP Itile LLP Swell Granito LLP	C124
L-Indja	Neelson Ceramic LLP Neelson Porselano LLP Win Tel Ceramics Private Limited Theos Tiles LLP	C125
L-Indja	Nehani Tiles Private Limited Neha Ceramic Industries Orinda Granito LLP Orinda Industries LLP	C126
L-Indja	Nessa Vitrified LLP LGF Vitrified Private Limited	C127
L-Indja	Nexion International Private Limited Simpolo Vitrified Private Limited	C130
L-Indja	Nitco Limited	C131
L-Indja	Oasis Vitrified Private Limited Oasis Tiles LLP Max Ceramics Private Limited Revenza Ceramics	C132
L-Indja	Olwin Tiles (India) Private Limited	C133
L-Indja	Onery Tiles LLP	C134
L-Indja	Oscar Ceramics	C136
L-Indja	Pavit Ceramics Private Limited Victory Ceratech Private Limited	C138

L-Indja	Prism Johnson Limited Antique Marbonite Private Limited Coral Gold Tiles Private Limited Sanskar Ceramics Private Limited Spectrum Johnson Tiles Private Limited Small Johnson Floor Tiles Private Limited Sparten Granito Private Limited	C142
L-Indja	Q-BO (Savion Ceramic)	C308
L-Indja	Qutone Ceramic Private Limited	C631
L-Indja	Range Ceramic Private Limited	C633
L-Indja	Rey Cera Creation Private Limited Simbel Ceramic Private Limited Adoration Ceramica Private Limited	C636
L-Indja	Scientifica Tiles LLP Saiwin Ceramic Private Limited Saimax Ceramic Private Limited Siscon Tiles LLP Aland Ceramic Private Limited	C639
L-Indja	Seron Granito Private Limited	C640
L-Indja	Sez Vitrified Private Limited	C641
L-Indja	Silon Granito LLP	C642
L-Indja	Simero Vitrified Private Limited Simero International LLP	C643
L-Indja	Simola Tiles LLP	C644
L-Indja	Skajen Vitrified Private Limited Spice Ceramic Private Limited Legend Ceramic Private Limited	C646
L-Indja	Skytouch Ceramic Private Limited Icolux Porcelano LLP	C648
L-Indja	Sober Plus Ceramics Sober Ceramics	C649
L-Indja	Solizo Vitrified Private Limited	C650
L-Indja	Somany Ceramics Limited Vintage Tiles Private Limited Vicon Ceramic Private Limited Amora Tiles Private Limited Amora Ceramics Private Limited Acer Granito Private Limited Somany Fine Vitrified Private Limited Sudha Somany Ceramics Private Limited and Somany Piastrelle Private Limited	C651
L-Indja	Sparron Vitrified LLP	C652

L-Indja	Square Ceramic Private Limited Casva Tiles Private Limited	A004
L-Indja	Starco Ceramic	A005
L-Indja	Sunland Ceramic Private Limited	A006
L-Indja	Sunworld Vitrified Private Limited Shagun Ceramics	A007
L-Indja	Swellco Ceramic Axison Vitrified Private Limited Axiom Ceramic Private Limited	A008
L-Indja	Titanium Vitrified Private Limited Moral Ceramic Private Limited Onery Tiles LLP	A010
L-Indja	Varmora Granito Private Limited Tocco Ceramics Private Limited Solaris Ceramics Private Limited Nextile Marbosys Private Limited Fiorenza GRanito Private Limited Sentosa Granito Private Limited, Renite Vitrified LLP Avalta Granito Private Limited and Covertek Ceramica Private Limited	A013
L-Indja	Velsaa Vitrified LLP Velsaa Enterprises LLP Boss Ceramics Magnum Ceramics	A014
L-Indja	Verona Granito Private Limited	A016
L-Indja	Wallmark Ceramic Industry	A017
L-Indja	Zarko Granito Private Limited	A019
L-Indja	Zealtop Granito Private Limited	A020
L-Indja	Vita Granito	C926

ANNESS II

Produtturi esportaturi Torok li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun

Pajjiż	Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
It-Turkija	Akgün Seramik Sanayi ve Ticaret A.Ş ([1]). Akgün Toprak Sanayi İnşaat ve Ticaret A.Ş. Veli Akgün Seramik İnşaat Sanayi ve Ticaret A.Ş.	C904
It-Turkija	Anka Toprak Ürünleri Sanayi ve Ticaret A.Ş.	C905
It-Turkija	Decovita Yapi Ürünleri Sanayi ve Ticaret A.Ş.	C906
It-Turkija	Ege Seramik Sanayi ve Ticaret A.Ş.	C907
It-Turkija	Etili Seramik İnşaat Sanayi ve Ticaret A.Ş.	C908
It-Turkija	Graniser Granit Seramik Sanayi ve Ticaret A.Ş.	C909
It-Turkija	Kaleseramik Çanakkale Kalebodur Seramik Sanayi A.Ş.	C910
It-Turkija	Karo Metro Seramik Sanayi ve Ticaret A.Ş.	C911
It-Turkija	NG Kütahya Seramik Porselen Turizm A.Ş.	C912
It-Turkija	Seramiksan Turgutlu Seramik Sanayi ve Ticaret A.Ş.	C913
It-Turkija	Seranit Granit Seramik Sanayi Ticaret A.Ş.	C914
It-Turkija	Söğütsen Seramik Sanayi İnşaat Madencilik İthalat İhracat A.Ş.	C915
It-Turkija	Termal Seramik Sanayi ve Ticaret A.Ş.	C916
It-Turkija	Uşak Seramik Sanayi A.Ş.	C917
It-Turkija	Yurtbay Seramik Sanayi Ticaret A.Ş.	C918

([1]) A.Ş. tfisser Anonim Şirketi.